# l-aċċent

# 10

snin 2009 2019

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 19 ◊ Novembru 2019

# IL-WERREJ


**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

L-editorjal 3
X'nikteb: *jinsab hawn* jew *jinstab hawn*? 4
Żjara Malta fuq xogħol 7
L-iżbarra jew il-parenteżi għall-ġens u għall-għadd 11
Il-qbil grammatikali: il-Parti II 12
L-impatt tar-riformi ortografiċi fil-Malti 14

**KELMA B'KELMA**
**It-terminoloġija**

Kelma għal kelma: teżawru tematiku Malti 19
Lejn mappa tad-dinja bil-Malti – intermezz 26
Il-Brittaniċi mhux kollha Ingliżi? 29
It-Termattwalità: aħbarijiet foloz, miżinformazzjoni u diżinformazzjoni 32
It-traduzzjoni ta' *scope*: meta "kamp ta' applikazzjoni"? 33

**MILL-GĦATBA 'L BARRA**
**Aspetti oħra**

L-użu "ħażin" ta' kliem u espressjonijiet bl-Ingliż fit-testi tal-UE 38
L-influwenza tal-Ingliż (anki) fuq il-lingwa Ġermaniża – fid-diskors ta' kuljum u fil-lingwa miktuba 43
It-traduttur Ludvic Azzopardi Ferrando 46
Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti – it-Tieni Parti 51
Min aħna, u x'nagħmlu ? : L-esternalizzazzjoni tat-traduzzjonijiet 66
Xi ħdimna fuqu dan l-aħħar 67



http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'din ir-rivista:

l-accent@ec.europa.eu


**Ma' din l-edizzjoni –**

**Is-Suppliment Terminoloġiku**:

"Baġit tal-UE modern għal Unjoni li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi" — it-terminoloġija ewlenija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 (it-tieni parti)

**Is-Suppliment Speċjali:**

L-isfidi tal-Lussemburgiż u tal-Malti: kif lingwi ta' komunitajiet żgħar jissopravvivu f'realtà multilingwi


**It-tim ta' *l-aċċent***

**Koedituri**: Antoine Cassar, Marija Agius, Alan Delia, Louise Vella
**Editur tal-istil**: Claire Bonello (mill-Qorti tal-Ġustizzja)
**Qari tal-Provi**: Joe Mizzi (mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet)
**Impaġnar**: Alan Delia
**Suppliment terminoloġiku**: Jeantide Naudi, Jennifer Debarro
**Pretrattament**: Marija Agius
**Distribuzzjoni**: Maryann Agius
**Relazzjonijiet Pubbliċi u Grafika**: David Schembri





14



32



51

# L-EDITORJAL

Ir-rivista *l-aċċent* twieldet għaxar snin ilu. Dak iż-żmien, imexxi d-Dipartiment tal-Malti kellna lis-Sur Valeri Cobo, li kien ukoll il-Kap tad-Dipartiment tal-Ispanjol. Konna għadna qed insibu saqajna bħala Dipartiment, u s-Sur Cobo kellu jmexxina sakemm jintgħażel Kap tad-Dipartiment Malti. Darba ġie jkellimni l-uffiċċju u beda jgħidli fuq ir-rivista li kien jippubblika d-Dipartiment tal-Ispanjol *puntoycoma*. Tkellimna dwar kif kienet tittratta kwistjonijiet lingwistiċi imma anki terminoloġiċi, u li kienet titqassam fost it-tradutturi Spanjoli kemm tal-Lussemburgu kif ukoll ta' Brussell. Ma titħajrux, qalli, ikollkom rivista simili bil-Malti?

Minn hemm beda kollox. Laqqa' tlieta minna: dak iż-żmien konna Antoine Cassar, Sandro Mangion u jien. Maż-żmien ir-rivista kibret u magħha kiber it-tim ta' tradutturi u assistenti li jaħdmu fuqha, mill-editjar sal-impaġnar. Għalkemm *l-aċċent* jeżisti online, ma' kull edizzjoni nqassmu madwar elf kopja stampata. Fil-lista ta' min jirċeviha hemm studenti, għalliema, uffiċjali tal-Gvern, membri tal-akkademja u għadd ta' libreriji. Kull min jixtieq kopja d-dar, kemm jiktbilna: **l-accent@ec.europa.eu.**

Matul is-snin, fejn tidħol it-terminoloġija, it-tradutturi tal-Kummissjoni, dawk tal-Parlament u dawk tal-Kunsill, fost l-oħrajn, saru jaħdmu mill-qrib u ġew żviluppati kanali ta' komunikazzjoni proprju għad-diskussjoni ta' natura terminoloġika. F'dan il-kuntest, maż-żmien ir-rivista tagħna bdiet tieħu sura kemxejn differenti. Aktar milli pont li jservi ta' kuntatt bejn it-tradutturi tal-istituzzjonijiet differenti, *l-aċċent* beda jiżviluppa f'vetrina tax-xogħol tagħna fl-istituzzjonijiet. Ir-rivista hija sforz biex xogħol it-tradutturi joħroġ 'il barra mill-erba' ħitan tal-uffiċċji tagħna.

Ir-rivista għandha wkoll l-għan li tippromwovi l-Malti miktub tajjeb, inkluż f'testi tradotti, u ta' spiss nistiednu akkademiċi jew esperti minn Malta jgħaddulna l-fehma tagħhom dwar kwistjonijiet varji.

Ir-rispons mill-qarrejja, speċjalment minn Malta, hu inkoraġġanti ferm u jagħtina l-enerġija nippjanaw ħarġiet ġodda. Fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju ta' rivista bil-Malti maħduma mill-A saż-Ż fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ma' din l-edizzjoni numru dsatax qed inqassmu suppliment speċjali li jesplora xi ftit mill-paralleli li jeżistu bejn il-Malti u l-Lussemburgiż, żewġ ilsna mitkellma t-tnejn li huma minn ftit mijiet ta' eluf... u miktuba minn ferm inqas. Il-Lussemburgiżi, bħal ħafna Maltin, jitkellmu bil-lingwa nazzjonali imma biex jiktbu, għal xi raġuni, iduru fuq oħra. X'inhuma jagħmlu l-Lussemburgiżi biex ilsienhom jidher, mhux jinstema' biss? U aħna fiex aħna?

Apparti li tkopri temi lingwistiċi u terminoloġiċi varji, din il-ħarġa tagħtina wkoll it-tieni parti tas-suppliment imħejji mit-terminologi tad-Dipartiment dwar il-baġit fit-tul tal-UE: il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Ħajr kbir lill-awturi kollha li tul dawn l-għaxar snin ikkontribwew f'din ir-rivista, uħud minnhom regolarment. Bis-saħħa tagħkom qed nagħtu sehemna biex il-Malti miktub ikun iktar viżibbli. Issa lsienna ilu mal-ħmistax-il sena lsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u forsi qatt daqs illum ma ntuża f'kull qasam possibbli tal-ħajja.

*Louise Vella, f'isem il-Bord Editorjali*

# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## X'nikteb: *jinsab hawn* jew *jinstab hawn*?

**Michael Spagnol**

Mhix sempliċement kwistjoni ta' waħda jew l-oħra. Qabelxejn, dan verb tas-seba' forma. Imma l-forom tal-verbi mhux kulħadd jiftakarhom. Allura ta' min nibdew b'nota ċkejkna fuq is-seba' forma, u mbagħad naraw x'differenzi ewlenin hemm bejn iż-żewġ suriet ta' dan il-verb.

### A. Is-seba' forma

Is-seba' forma verbali tinbena bil-prefiss **n-**, eż. nkiteb, nqela, nżamm. Iżda meta l-ewwel konsonanti tal-għerq tkun **l**, **m**, **n**, jew **r**, nużaw il-prefiss varjant **nt-**, eż. ntlibes, ntrema, ntmess. Meta l-għerq ikun jibda bil-**w**, ukoll inżidu **nt-** fuq quddiem, imma l-**w** xi drabi tibqa', bħal fi ntwieġeb u ntwera, u drabi oħra tgħosfor, bħal fi ntiżen u ntiret.

Sew il-prefiss **n-** u sew l-allomorf tiegħu **nt-** jinhemżu ma' verbi li l-ewwel radikali tagħhom hi l-**b** (nbaram iżda ntbagħat) jew il-**q** (nqabad iżda ntqal). Il-verbi li jibdew bl-**għ** spiss jalternaw bejn iż-żewġ għamliet tal-prefiss tas-seba' forma. Nużaw kemm ngħoġob, ngħaraf u ngħażel kif ukoll ntgħoġob, ntgħaraf u ntgħażel.

Anki l-għeruq li jibdew bis-**s** jew bix-**x** jieħdu l-prefiss **nt-**. Però sseħħ metateżi, jiġifieri t-**t** titpartat mas-sibilanti. Għalhekk, ma ngħidux *ntseraq u *ntxeħet imma nsteraq u nxteħet. Biss, l-għerq SJB (ta' *sab*, *sejba*, *misjub*, eċċ.) għandu żewġ għamliet fis-seba' forma: waħda bil-prefiss **n-**, jinsab, u l-oħra bil-prefiss **nt-**, jinstab.

### B. Hemm xi differenza bejniethom?

Iva, hemm differenzi semantiċi, temporali-aspettwali u morfosintattiċi. Nibdew mit-tifsir. Il-forma bla **t** tfisser 'to be located' (1a) jew 'to be in a condition' (1b), waqt li l-forma bit-**t** tfisser 'to be found', il-passiv ta' *sab* (2a-b).

1a. It-tempju jinsab bejn żewġ widien.
1b. It-tifel jinsab imdejjaq.
2a. Il-qattus qatt ma nstab.
2b. Għamlu appell biex jinstabu l-ħallelin.



Fi kliem ieħor, il-forma bla **t** tesprimi stat (xi mkien jew qagħda fiżika/mentali), mentri l-forma bit-**t** tindika għemil fil-passiv. Frott din id-differenza semantika, it-temp u l-aspett tagħhom ivarja bi tliet modi. L-ewwel nett, il-forma bla **t** ma tintużax fil-perfett. Minflok sentenza bħal (3a), ngħidu (3b), sewwasew kif nagħmlu fil-każ ta' verbi stativi oħra bħal *jaf*; il-perfett niffurmawh b'*kien* + imperfett, eż. *kont naf*, mhux **aft*. Mill-banda l-oħra, il-forma bit-**t** tintuża kemm fl-imperfett (4a) u kemm fil-perfett (4b).

3a. *Il-kappella fl-antik insabet f'tarf it-triq.
3b. Il-kappella fl-antik kienet tinsab f'tarf it-triq.
4a. Il-qattus ma jistax jinstab.
4b. Il-qattus instab ilbieraħ.

It-tieni, il-forma bla **t** lanqas ma tintuża fil-progressiv, jiġifieri fil-binja '*qed* + imperfett'. Sentenzi bħal (5a-b) mhumiex grammatikali, għax verbi stativi tipikament ma joqogħdux fil-progressiv (eż. **qed jaf lil oħti*). Dan ma jgħoddx għall-forma l-oħra li, kif jidher f'sentenzi (6a-b), tintuża regolarment fil-progressiv.

5a. *Il-kappella qed tinsab ħdejn il-baħar.
5b. *It-tifel qed jinsab marid.
6a. Mhux qed jinstabu biżżejjed ħaddiema.
6b. Ir-refuġjati qed tinstabilhom akkomodazzjoni xierqa.

It-tielet, bħalma verbi stativi ma jintużawx fil-binja tal-futur '*se* + imperfett' (eż. **se jaf it-tweġiba*), hekk ukoll il-forma bla **t** ma tokkorrix fil-futur (7a-b). Għall-kuntrarju, il-forma bit-**t** tintuża fil-futur (8a-b).

7a. *Il-flus se jinsabu fil-kexxun.
7b. *It-tifel għada se jinsab marid.
8a. Wegħedhom li s-soluzzjoni se tin(stab) fi żmien raġonevoli.
8b. Id-direttur qal li se jinstabilha impjieg ieħor.

Hemm, imbagħad, differenzi morfosintattiċi. Insemmu tlieta. Qabelxejn, il-forma bit-**t** tista' tieħu l-pronomi mehmużin dattivi, kif jidher fis-sentenzi (9a-b). Ara wkoll is-sentenzi (6b) u (8b) hawn fuq. Il-forma l-oħra rari tokkorri bil-pronomi mehmużin. Nistgħu forsi naħsbu f'eżempju marġinali bħad-(9ċ), li jissejjaħ dattiv etiku.

9a. Instab<u>lu</u> tumur f'moħħu u kellu jiġi operat minnufih.
9b. L-annimali abbandunati se tinsta(b<u>ilhom</u>) dar.
9ċ. ?It-tifel, miskin, jinsab<u>li</u> marid.

It-tieni differenza hi li l-forma bla **t** f'sentenza bħal *In-nannu jinsab ħażin* tista' titħalla barra (10a), u s-sens jibqa' l-istess. Inkella, minflokha, jista' jintuża l-parteċipju attiv *qiegħed* (10b) jew, sa ċertu punt, il-pronom personali (10ċ). Mill-banda l-oħra, il-forma bit-**t** ma tistax titħalla barra kif ġieb u laħaq.

10a. In-nannu ħażin.
10b. In-nannu qiegħed ħażin.
10ċ. ?In-nannu hu ħażin.

Fl-aħħar nett, il-forma bit-**t** għandha użu impersonali li l-forma l-oħra m'għandhiex. Kif

jidher fis-sentenzi t'hawn taħt, f'dan is-sens ta' 'ħareġ li' jew 'irriżulta li', il-verb jokkorri biss fit-tielet persuna maskili singular.

11a. Instab/*insab li nofs il-popolazzjoni Maltija tiekol il-patata tal-inqas darba f'ġimgħa.
11b. Jekk jinstab/*jinsab li l-flus insterqu, ikollna navżaw lis-sid.

**Ċ. Fil-qosor**

1. Is-seba' forma tissawwar bil-prefiss **n-**, li ġieli jvarja meta l-ewwel konsonanti tal-għerq tkun waħda minn dawn l-għaxra: **b**, **għ**, **l**, **m**, **n**, **q**, **r**, **s**, **w** jew **x**.

| **Prefiss** | **L-Ewwel Radikali** | **Eżempji** |
|---|---|---|
| n- | il-konsonanti kollha ħlief l-10 t'hawn fuq | nkiteb, ndarab, nfetaħ |
| nt- | l, m, n, r, w | ntlaqat, ntrikeb, ntmesaħ |
| n-/nt- | b, q, għ | ngħaraf/ntgħaraf |
| n[s,x]t- | s, x | nsteraq, nxtorob |

2. Il-verb *sab* għandu żewġ għamliet fis-seba' forma: jinsab u jinstab. Id-differenzi ewlenin ta' bejniethom qegħdin miġburin f'din it-tabella.

| | **jinsab** | **jinstab** |
|---|---|---|
| **tifsira** | xi mkien jew f'xi qagħda; *jinsabu kuntenti hawn Malta* | il-passiv ta' *sab*; *il-ħallelin instabu mill-pulizija* |
| **perfett** | ma jintużax fil-perfett; minflok tintuża l-binja *kien jinsab* | jintuża kemm fl-imperfett u kemm fil-perfett |
| **progressiv** | ma joqgħodx fil-binja b'*qed*; **it-tifel qed jinsab marid* | joqgħod fil-binja b'*qed*; *qed jinstabu ħafna siringi użati* |
| **futur** | ma joqgħodx fil-binja *se* + imperfett; **it-tifel se jinsab marid* | jintuża fil-futur; *fiduċjużi li se tinstab soluzzjoni* |
| **pronom mehmuż** | ma jiħux pronomi mehmużin, ħlief forsi f'każi marġinali; ?*iż-żgħira tinsabli marida* | jieħu l-pronomi mehmużin dattivi; *instablu xogħol* |
| **fakultattiv** | jista' jitħalla barra u s-sens jibqa' l-istess; *it-tifel marid* | ma jistax jitħalla barra; *il-ħallelin (instabu) mill-pulizija* |
| **użu impersonali** | m'għandux użu impersonali **insab li għamlu frodi* | għandu użu impersonali *instab li għamlu frodi* |

*Dr Spagnol huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università*

# Żjara Malta fuq xogħol

**Louise Vella**

Meta nkun Malta spiss jistaqsuni iniex kuntenta naħdem bħala traduttur. Sa ħdax-il sena ilu kont għal qalbi ngħallem il-Filosofija. L-iskola kont ninfileġ imma kultant lezzjoni kienet tant "tirnexxi" li kont nimtela fuel għal aktar lezzjonijiet (kif qegħdin fiha, il-lezzjonijiet kienu jsiru *primarjament* bil-Malti. Trid tara klassi studenti komdi jiddiskutu bejniethom? Ħallihom jużaw il-lingwa li jużaw id-dar). Kienu ċ-ċirkostanzi familjari li lejn tmiem l-2007 ħaduni l-Lussemburgu. Dak iż-żmien kien beda jingħata l-kors l-Università li jwassal għal Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (u kont dħalt għalih b'ruħi u b'ġismi.) Il-kors li kont nattendi filgħaxija biex nitkisser fil-kitba tal-Malti kien jitlob minni enerġija differenti: konċentrazzjoni sakemm naqbad il-prinċipju lingwistiku diskuss, imbagħad il-gost li napplikah biex nikteb imqar l-iktar verb imqareb.

Min kien jgħidli, dak iż-żmien, li ftit xhur wara kelli nsib xogħol fejn l-għodda ewlenija kellha tkun il-Malti? Issa kelli xogħol ġdid, u l-kors fl-ortografija tani l-kunfidenza biex din l-għodda nużaha tajjeb. L-edukazzjoni primarja u sekondarja li ħadt Malta ma kinitx issus fuq il-Malti daqskemm kienet issus fuq lingwi oħrajn. It-Taljan tlajt komda nitħaddet bih u niktbu, għax it-Taljan kont tgħallimtu mill-cartoons bħal ħafna minn sħabi. L-Ingliż konna nitgħallmuh b'ħafna pressjoni u dictations bl-addoċċ, imqar jekk id-dar ma konniex illissnu kelma li hi kelma bl-Ingliż. Il-Malti, m'hemmx xi ngħidu, kienu għallmuni nitkellmu ommi u missieri. Meta snin wara applikajt biex niġi naħdem bħala traduttur mal-Kummissjoni Ewropea, ġejt bżonn it-tliet lingwi li kont tgħallimt minn ċkuniti. Bla ebda kompetizzjoni bejniethom dwar min hu l-akbar, jew l-aktar importanti. F'xogħli, il-Malti stmat daqs kull lingwa oħra.

**Il-Visiting Translator Scheme 2019**

Din is-sena d-Dipartiment li naħdem fih reġa' tani l-opportunità ninżel ġimgħa Malta u nitkellem dwar ix-xogħol li nagħmlu hawnhekk. Ftit snin ilu kont inżilt biex nippromwovi kompetizzjoni organizzata mill-EPSO għax konna qed infittxu t-tradutturi biex jiġu jaħdmu magħna. Imma din id-darba t-tir kien differenti: primarjament xtaqt naġġorna ruħi sew dwar l-għodod lingwistiċi li qed jiġu żviluppati Malta. Ilna s-snin nisimgħu għajdut dwar ċekkjatur u dwar dizzjunarju online. U tgħid fiex wasalna fl-għodda li tagħraf it-taħdit u ddawru b'mod awtomatiku f'test miktub?

**a. Iċ-ċekkjatur tal-Malti:**

Jidher li dis-sena hemm żviluppi importanti. Għalkemm waqt iż-żjara tiegħi rnexxieli biss nakkwista informazzjoni kemxejn kriptika, u nifhem li waqt negozjati kummerċjali t-trasparenza mhix dejjem prijorità, skoprejt li

**Visiting translator scheme (VTS)**

Staff translators from Directorate-General for Translation visit universities, public institutions and private companies around the EU every year.


L-Università ta' Malta

hemm interess min-naħa tal-gvern Malti biex sa fl-aħħar l-utenti tal-Malti jkollhom ċekkjatur.

**b. Id-dizzjunarju ta' Aquilina online:**
Dwar dan id-dizzjunarju (ara *l-aċċent* ħarġa 7) għad hemm interess kbir mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università tant li dan qed jorganizza żewġ proġetti marbutin miegħu:

1. hemm inizjattiva li ilha għaddejja sentejn dwar l-iżvilupp ta' reġistri differenti, mibnija permezz ta' għadd kbir ta' teżijiet li ngħataw matul is-snin;

2. inizjattiva oħra hija l-aġġornament u l-iżvilupp tal-parti storika ta' Aquilina permezz ta' ġabra online li qed tinħadem bi sħab mal-Istitut tal-Lingwistika.

Mil-lat tal-iżvilupp tad-dizzjunarju bħala prodott finali, bħalissa x-xogħol huwa wieqaf sakemm jiġu ċċarati d-drittijiet tal-Università u tal-pubblikatur.

**ċ. Id-dizzjunarju tal-Malti [maltesedictionary.org.mt](maltesedictionary.org.mt)**
Dr Albert Gatt mill-Istitut tal-Lingwistika kien beda jaħdem fuq dizzjunarju online, proġett promettenti u li l-Kummissjoni nħaddmuh sew, imma minn xi daqqiet joħloq ftit tal-konfużjoni għax dak li jtella' ma jkunx miktub tajjeb. Dr Gatt qalilna hekk: "Iva, nafu li għad hemm xi żbalji. Għaddej xogħol biex nikkoreġuhom; minħabba li kellna interruzzjoni fil-fondi, ma nistax inħaddem lil xi ħadd bħalissa, imma fix-xhur li ġejjin għandu jsir titjib fuq diversi livelli. Inċidentalment, ħaġa li żidna dan l-aħħar u li daqt għandha tkun disponibbli fis-sit pubbliku hija (a) informazzjoni iktar preċiża fuq kemm hi frekwenti kelma u (b) eżempji tal-użu tal-kelma fil-kuntest. Din tal-aħħar bħalissa saret għan-nomi."

**d. L-għodda li taqleb it-taħdit f'kitba:**
Proġett kbir ieħor f'idejn l-Istitut tal-Lingwistika huwa l-għodda "automatic speech recognition". Staqsejna lil Dr Gatt kif inhu għaddej ix-xogħol fuqha u weġibna li għaddej

ġmielu. Il-proġett ippjanat fuq sentejn, jiġifieri jasal fi tmiemu f'Diċembru tal-2020. "L-ewwel ħaġa li kellna nagħmlu hija li niġbru d-data biex inħarrġu s-sistemi tagħna; proċess twil u għall-Malti prattikament kollox minn żero jrid jibda. Issa qegħdin fi stadju fejn għandna ftit data ġmielha. Sal-aħħar ta' dis-sena l-pjan huwa li jkollna prototip li mbagħad jiġi rfinut tul is-sena ta' wara (il-prototip ikun sistema relattivament bażika)".

**Id-Deċiżjonijiet 2: kif se nikteb il-kliem li daħal mill-Ingliż?**

Kelli ppjanat ukoll li nattendi l-laqgħat li jkomplu jiċċaraw id-deċiżjonijiet li ħareġ il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex, flimkien ma' sħabi, nibdew nimplimentawhom din is-sena stess. Nirringrazzja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti talli aċċetta li nattendi l-preżentazzjoni li ta lill-għaqdiet tal-Malti dwar id-Deċiżjonijiet 2. Is-sala tal-Università l-Qadima kienet ippakkjata. Il-preżentazzjoni inkludiet ħafna eżempji u kompliet issaħħaħ dak li konna diġà interpretajna mir-Rapport dwar il-Kliem mill-Ingliż. Il-Kunsill stinka biex id-Deċiżjonijiet 2 jilħqu lil kulħadd u saħansitra pproduċa filmat qasir biex jispjegahom:
http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/news-details?nwid=183&ctid=17&ctref=ortografija

Ngħid għalija, filwaqt li l-Kunsill ma kienx preskrittiv għalkollox fid-deċiżjonijiet finali tiegħu, xorta ra kif joħroġna mid-dilemmi li niltaqgħu magħhom u ħa r-rwol tas-suġġeritur. Fejn kien hemm bżonn, qata' linja dritta. Fejn seta' ħalliena liberi, għamel hekk imma xorta tana indikazzjoni ta' xi jmissna nagħmlu. Dan qed ngħidu għax ili s-snin insegwi kull rapport konsultattiv li jitla' fil-website tal-istess Kunsill, u stajt insegwi kif il-Kunsill wasal għad-Deċiżjonijiet 2. Ħasra li l-website tal-Kunsill ħafna jinsewha, u jippreferu jemmnu mill-ewwel il-fantasiji li jduru fuq il-midja soċjali.

**Promozzjoni lis-servizz tal-eTranslation (flimkien mal-kollega Mark A. Vella)**

Ħadt ukoll l-okkażjoni biex mort xi lezzjonijiet tal-morfoloġija u tal-prinċipji tal-ortografija mogħtija mill-Prof. Manwel Mifsud bħala parti mill-kors tal-Qari tal-Provi bil-Malti. Fejn seta', għal-laqgħat u l-lezzjonijiet ġie wkoll il-kollega Mark A. Vella, l-Uffiċjal għal-Lingwa mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Mark tkellem ħafna dwar is-servizz ta' traduzzjoni awtomatizzata **eTranslation** li l-Kummissjoni qed toffri b'xejn (almenu sal-2020) lill-ħaddiema fl-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiżi membri tal-UE. F'Malta dan is-servizz jista' jużah kull min għandu indirizz elettroniku b'***@gov.mt***.

Jekk taħdem fis-servizz pubbliku u tixtieq l-għajnuna biex kitba bl-Ingliż tirċeviha tradotta bil-Malti, jew viċe-versa (apparti l-faċilità li tittraduċi bejn aktar minn 500 par lingwistiku!), dan is-servizz jgħodd għalik. Ikun jonqsok terġa' taqra dak li rċevejt u ttejbu fejn hemm bżonn, imma tgħidx kemm se tiffranka ħin! Tista' taqra iktar hawnhekk: https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/display/CEFDIGITAL/eTranslation

**Laqgħa mal-Kunsill tal-Malti**

Flimkien ma' Mark A. Vella, organizzajt laqgħa wkoll ma' Thomas Pace u ma' Michael Spagnol bħala rappreżentanti tal-Kunsill tal-Malti. Ma' Thomas u Michael iddiskutejna l-ħidma tal-Kumitat tat-Terminoloġija li jagħmel parti mill-istess Kunsill. Il-Kumitat tat-




Terminoloġija bħalissa qed jaħdem fuq banka tar-riżorsi għat-terminoloġija: se jkun qed iħejji ġabra ta' materjal ippubblikat li jista' jgħin fit-tiftix ta' termini ta' oqsma speċifiċi, inkluż minn programmi tar-radju li jkunu ddiskutew xi qasam partikolari. Proġett kumpless imma li fil-ġejjieni se jkun qed irendi ħafna biex ikollna termini bil-Malti għal tant oqsma li fil-ħajja, u mhux biss waqt it-traduzzjoni, niġu bżonnhom ta' kuljum.

**Intervista fuq ir-radju: Seħer il-Malti**

Nhar l-1 ta' Mejju mort il-PBS u pparteċipajt fil-programm Seħer il-Malti. Flimkien mal-Prof. Manwel Mifsud u ma' Thomas Pace irrekordjajna programm sħiħ dwar ix-xogħol tat-tradutturi li jaħdmu mal-Unjoni Ewropea. Ħadt verament pjaċir ningħata l-ħin nispjega l-ħidma full-time taż-żewġ terminologi tal-Kummissjoni (Jeantide Naudi u Jennifer De Barro) u semmejt ukoll kif il-Grupp Lingwistiku tad-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni nħoloq bil-għan li jkompli jaħdem fuq linji gwida interni, għodda fundamentali għat-tradutturi impjegati direttament mal-Kummissjoni imma wkoll għat-tradutturi esterni (il-freelancers). Il-Prof. Mifsud wera interess partikolari f'din ir-rivista u speċjalment fis-suppliment terminoloġiku li kulma jmur qed nirċievu rispons tant pożittiv dwaru. B'mod ġenerali, din iż-żjara kkonfermat kemm *l-aċċent* sar il-vetrina tax-xogħol li jsir fl-uffiċċji tat-tradutturi fil-Lussemburgu u ta' Brussell. Kif semma l-Prof. Mifsud, hemm uħud minna li fil-ħinijiet ta' wara x-xogħol saħansitra nkomplu naħdmu fuq produzzjoni ta' kotba oriġinali jew traduzzjonijiet letterarji, ġieli anki fuq artikli dwar is-sengħa tat-traduzzjoni nnifisha u dwar kif qed ikompli jiżviluppa lsienna Malta stess. Għax bħal kull xogħol ieħor, ix-xogħol ta' traduttur ukoll jaf jiftaħlek orizzonti ġodda.

*Louise Vella hi traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

# L-iżbarra jew il-parenteżi għall-ġens u għall-għadd

Is-silta li ġejja hija meħuda mil-Linji Gwida Interni mfassla għat-tradutturi tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Qed naqsmuha mal-qarrejja ta' *l-aċċent* f'każ li tista' tkun ta' għajnuna għalihom ukoll.

**Il-Linji Gwida Interni** ssibhom hawn: https://ec.europa.eu/info/files/maltese-resources-guidelines-translating-maltese_en

L-Artikolu 4 tal-Kapitolu 249 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jgħid li "kliem li juru ġens maskil jinkludu l-ġens femminil". Meta nittraduċu minn test li fil-lingwa sors juża kelma/frażi b'ġens newtrali, m'hemmx għalfejn nirrappreżentaw kemm il-maskil kif ukoll il-femminil. Niktbu biss: l-uffiċjal jista' japplika; il-persuna trid tasal.

**Imma x'nagħmlu meta fid-dokument oriġinali jkollna l-iżbarra bejn il-pronom maskil u dak femminil?**

L-aktar sitwazzjoni komuni hija li t-test sors bl-Ingliż jagħti alternanza tal-pronomi he/she, li bil-Malti tkompli tfaqqas alternanza oħra ta' forom verbali mmarkati għall-ġens:

He/she will have to submit his/her report by Monday.
**Hu/hi jkollu jressaq/jkollha tressaq ir-rapport tiegħu/tagħha sa nhar it-Tnejn.**

L-aktar strateġija produttiva aktarx hija l-pluralizzazzjoni tas-suġġett:
**Huma jkollhom iressqu r-rapport tagħhom sa nhar it-Tnejn**.

Strateġija oħra tinvolvi l-użu tal-passiv, billi:

(i) jew nostru s-suġġett tas-sentenza attiva li jesprimi l-aġent:
**Ir-rapport irid jitressaq sa nhar it-Tnejn.**

(ii) jew nesprimu l-aġent permezz ta' frażi prepożizzjonali (b'minn):
**Ir-rapport irid jitressaq minnu/ha sa nhar it-Tnejn.**
Ikun ħafna aħjar jekk dak li jkun jirnexxilu jesprimi l-messaġġ bla ma jirrikorri għal sulluzzu viżiv fil-kitba. L-istrateġiji li semmejna hawn fuq ħafna drabi jwassluna fejn ikollna bżonn.

**Fl-oriġinal ġieli jfeġġu anki l-parenteżi** (eżempju meħud minn sit web):
The information you are looking for is available in these language(s): EN, FR, DE.
F'dan il-kuntest, fil-Malti: il-parenteżi () **jindikaw żieda** ma' dak li jiġi eżatt qabel: **l-Istat(i), il-kandidat(a),** l-iżbarra / **tindika sostituzzjoni** tal-element (eż. ittra, kelma jew frażi) li jiġi qabilha: **l-ittra/i, jikteb/tikteb, lingwa/i**.

Allura niktbu: **Il-kandidat(a) jeħtieġ jiżgura/tiżgura...**

# Il-qbil grammatikali: il-Parti II

**Mark Amaira**

Id-diskussjoni fuq il-qbil grammatikali tissokta f'paper tal-Prof. Albert Borg u tiegħi li tittratta ċertu ċirkostanzi ta' qbil jew ta' nuqqas ta' qbil, uħud minnhom ispirati minn kuntesti li ltqajt magħhom f'xogħolna.

F'din il-paper, li appik tiġi ppubblikata mill-Għaqda Internazzjonali tal-Ilsien Malti, ittrattajna l-kunċett lingwistiku msejjaħ *syntactic overgeneralisation*, meta forma partikolari mhux biss tintuża fil-kuntest tas-singular maskil kif mistenni iżda tintuża wkoll saħansitra fil-kuntesti tas-singular femminil u tal-plural. Fost dawn hemm l-eżempju ta' *mhux* li jsemmi Albert Borg u li, kif jidher hawn taħt, jista' jitħaddem fil-kuntesti kollha jkunu xi jkunu l-għadd u l-ġens tas-suġġett.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Inti | **mhux/** | m'intix | qed tistudja biżżejjed. |
| Hi | | mhijiex | |
| Aħna | | m'aħniex | qed nistudjaw biżżejjed. |
| Huma | | mhumiex | qed jistudjaw biżżejjed. |

Fil-paper tagħna indirizzajna wkoll għadd ta' forom oħra li joħolqu diskussjoni rigward il-qbil grammatikali fostna t-tradutturi, fosthom ċertu/a/i, l-uniku/a/uniċi, u inkluż/a/i. Dawn it-tlieta jfeġġu sikwit f'xogħolna u kemm-il darba jkunu l-kaġun ta' inkonsistenzi.

**1. ċertu/ċerta/ċerti**

Xi kelliema nattivi, l-espressjoni kwantifikatur *ċertu*, li tfeġġ b'mod attibuttiv, jiġifieri qabel xi nomi fis-sentenza, eż. xtrajt ċertu prodott, jinflettuha għall-għadd u l-ġens tan-nom modifikat. U allura jekk in-nom jaħbat fis-singular femminil jużaw *ċerta*, eż. instabet ċerta sustanza perikoluża, u jekk ikun fil-plural jużaw *ċerti*, eż. instabu ċerti żbalji banali.

Madanakollu, għadd iżgħar ta' kelliema nattivi jużaw il-forma *ċertu* ma' kull nom modifikat, ikunu xi jkunu l-għadd u l-ġens tiegħu. Eż.

| | | |
|---|---|---|
| Inxtara | ċertu | prodott. |
| Instabet | | sustanza perikoluża. |
| Instabu | | żbalji banali. |

**2. L-uniku/unika/uniċi**

Dan jgħodd ukoll għall-espressjoni bl-artiklu definit *l-uniku* li bħal ċertu/a/i tintuża b'mod attibuttiv qabel xi nom, eż. l-uniku tifel li baqa' d-dar, u li bosta kelliema nattivi jinflettuha għall-għadd u l-ġens tan-nom modifikat, eż. l-unika persuna li ma ġietx, fil-każ ta' nom fis-singular femminil, u eż. l-uniċi tnejn li baqa' huma dawn, fil-każ ta' nom fil-plural.

Għadd iżgħar ta' kelliema oħrajn jagħżlu li jużaw *l-uniku* fil-kuntesti kollha, eż:

| | |
|---|---|
| L-uniku | tifel li baqa' d-dar. |
| | persuna li ma ġietx. |
| | tnejn li baqa' huma dawn. |

### 3. inkluż/inkluża/inklużi

Rigward inkluż, mill-paper ħareġ fid-dieher li meta din l-espressjoni tintuża fil-kuntest imsejjaħ appożittiv, kif jidher fl-eżempji ta' hawn taħt, din kemm-il darba titħaddem b'mod invarjabbli bħall-espressjonijiet *ċertu* u l-*uniku*.

| | | |
|---|---|---|
| Id-dokument inbidel, | inkluż | dak li għaddejtlek. |
| Il-liġi nbidlet, | | dik il-parti li semmejtlek. |
| Il-liġijiet inbidlu kollha, | | dawk li semmejtlek. |

Kif jidher fil-Korpus tal-Malti (http://mlrs.research.um.edu.mt/index.php?page=corpora), is-sejbiet ta' inkluż li tintuża b'mod invarjabbli fit-testi Maltin huma ferm iżjed mis-sejbiet ta' ċertu u l-uniku użati b'mod invarjabbli.

Min-naħa l-oħra inkluża, bħal ċerta u l-unika, minbarra li tintuża fil-kuntesti tas-singular femminil kif mistenni, eż. inbidlet il-liġi inkluża dik li semmejt, sikwit instabet fil-kuntesti tal-plural, eż. inbidlu l-liġijiet inkluża dawk li semmejt. Dan hu spjegat mill-fatt magħruf li l-forma fil-femminil fil-Malti kemm-il darba tintuża għall-plural u allura anki f'dan il-każ nistgħu ngħidu li l-forma fis-singular femminil inkluża 1 u l-forma fil-plural inkluża 2 huma sempliċiment omonimi bħall-mejta fl-eż. persuna mejta vs nies mejta.

Fost eżempji oħrajn li ttrattajna fil-paper, hemm l-użu invarjabbli tal-forma tal-verb jaf meta tkun qed tesprimi xi tip ta' possibbiltà, jiġifieri meta tintuża minflok espressjonijiet bħal aktarx jew hemm iċ-ċans li, eż: it-tfal jaf jaqbdu u jiġu għal għarrieda.

Il-Prof. Albert Borg jinnota wkoll li xi drabi f'dawn il-kuntesti, minflok il-forma invarjabbli jaf, xi kelliema nattivi oħra jużaw il-forma tat-tieni persuna fis-singular taf, u kelliema oħrajn jużaw il-forma tal-imperattiv singular af. Fiż-żewġ każijiet il-kelliema jqisu jaf bħala verb u jinflettuh għall-għadd u l-persuna tas-semmiegħ.

| | | |
|---|---|---|
| It-tfal | jaf | jaqbdu u jiġu għal għarrieda. |
| | taf | |
| | af | |

Min-naħa l-oħra, fit-taħdit u fil-kitba, għadd ta' kelliema nattivi oħrajn jagħżlu li jinflettu din il-forma għall-għadd u l-ġens tas-suġġett tas-sentenza, eż.

| | | |
|---|---|---|
| It-tfal | jafu | jaqbdu u jiġu għal għarrieda. |

Jinnota wkoll li fejn jidħol l-imperattiv, hemm eżempji oħrajn li jfeġġu b'mod invarjabbli iżda l-użu tagħhom mhuwiex daqshekk mifrux, eż.

| **Invarjabbli** | | | **Varjabbli** (bi qbil grammatikali) | |
|---|---|---|---|---|
| Ħalli | mmorru d-dar. | vs | *Ħallu | (i)mmorru d-dar. |
| Iġri | | | *Iġru | |
| Imxi | | | Imxu | |
| Ejja | | | Ejjew | |

L-analiżi dwar il-qbil grammatikali għadha fil-bidu tagħha fil-Malti u dawn l-eżempji huma biss kampjun żgħir minn dawk li niltaqgħu magħhom f'xogħolna li jnebbaħ aktar diskussjoni. Minkejja kull kalkolu approssimattiv li jsir biex joħroġ fid-dieher il-frekwenza fl-użu ta' dawn il-varjanti, żgur li m'hemmx għalfejn inqisu forma aħjar minn oħra.

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# L-impatt tar-riformi ortografiċi fil-Malti

Bernice Magro

L-ortografija hija waħda mis-simboli ewlenin kemm fl-unità tal-lingwa kif ukoll f'termini ta' status (Jaffe, 2000, p. 500) u b'hekk għandha sehem importanti fir-rabta mal-identità tal-kelliema tal-lingwi tant li n-nies turi interess fl-ortografija u tħoss ċertu frustrazzjoni meta jkun hemm xi kliem li jinbidel. Huwa għalhekk li Geerts *et al.* jisħqu li kull riforma trid tqis ukoll l-influwenza tal-fatturi mhux lingwistiċi biex verament tinkludi l-opinjoni tal-kelliema u l-kittieba ta' dik il-lingwa (Geerts, Van den Broech u Verdoodt, 1977, p. 206).

Dawn l-ideat jibdew jindikawlna għaliex l-ortografija tinteressa lil diversi nies u riċerkaturi, u xi jwassal għan-nuqqas ta' qbil fil-bidla li tkun qed tiġi proposta. Fl-istudju tiegħi, jien għażilt li nittratta dawk ir-riformi li wasslu għall-ortografija tal-Malti standard minn wara li saret uffiċjali (fl-1924) sad-Deċiżjonijiet 1 (tal-2008). Xtaqt nuri l-impatt li dawn ir-riformi ħallew u li għadhom qed iħallu fuq il-kelliem u fuq il-kittieb Malti.

Minn dak li ġara f'riformi ortografiċi f'lingwi bħall-Portugiż, l-Olandiż, u l-Ġermaniż, mill-ewwel nibdew nintebħu li biex riforma tkun waħda li tiffaċilita iktar it-tagħlim, id-deċiżjonijiet li naslu għalihom għandhom jiġu studjati (Aquilina, 1977, p. 11). Barra minn hekk, anke kif ser naraw 'il quddiem, qatt ma jkun hemm persuna waħedha wara xi riforma, iżda ssir minn diversi mħuħ li jagħmlu minn kollox biex l-ortografija uffiċjali dejjem tissaħħaħ fuq bażi iktar soda (Bezzina, 2006, p. 87).

Il-lingwa Maltija kellha ħames riformi kbar fl-ortografija wara li din saret uffiċjali: it-*Tagħrif*, iż-*Żieda mat-Tagħrif*, l-*Aġġornament mat-Tagħrif*, id-*Deċiżjonijiet 1*, u d-*Deċiżjonijiet 2* u fl-istudju tiegħi għażilt li nittratta l-ewwel erba' riformi minħabba li l-aħħar waħda kienet għadha qed tiġi implimentata. Dawn ir-riformi kollha fittxew li jtejbu l-qagħda ortografika li ħolqot diversi kwistjonijiet matul is-snin. Tajjeb li ngħidu wkoll li minkejja li r-regoli tal-kitba bil-Malti saru uffiċjali fl-1924, kien hemm rakkonti oħra dwar l-istorja tal-ortografija tal-Malti qabel dan iż-żmien. Fosthom kien hemm il-poeżija *Ultimae Nostrarum* ta' Ninu Cremona li dehret fix-xogħol tiegħu *Weraq mar-Riħ* (1932) u li ġġib id-data tas-7 ta' Settembru 1921. B'nota umoristika iżda b'ton kiebi fl-istess ħin, Cremona jgħidilna minn liema tiġrib għaddiet l-ortografija u t-tibdil li sar minħabba li xi wħud riedu jdaħħlu ħżuż ġodda biex il-Malti jkollu alfabett sħiħ u jkun mibni fuq regoli tajbin (Aquilina, 1977, p. 4).

Issa li tajt ħarsa ħafifa lejn is-suġġett wiesa' tal-ortografija flimkien mal-istadji ewlenin fil-każ tal-Malti, ser inkun qed nittratta erbgħa minn ħames riformi biex naraw iktar fid-dettall fiex kienet tikkonsisti kull riforma, f'idejn min kienet l-awtorità, u l-impatt li din ħalliet fuq il-lingwa.

### It-Tagħrif (1924)

Dan id-dokument huwa miġbur f'żewġ taqsimiet:

L-Ewwel Taqsima titħaddet fuq kif wieħed għandu jikteb b'ortografija li tgħaqqad il-prinċipji tal-fonetika u tal-morfoloġija ma' dawk tal-etimoloġija.




It-Tieni Taqsima titħaddet iżjed fuq it-tiswir u l-bini ta' kull kelma li tidħol fit-taħdit tal-Malti, jiġifieri l-morfoloġija.

F'taħdita li ta l-Professur Ġużè Aquilina fl-1976, huwa jistqarr li l-pubblikazzjoni tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924 tista' titqies bħala l-iktar "ġrajja importanti fil-kitba tal-Malti" u, għalkemm mhux kulħadd qabel ma' dan il-kliem – tant li fil-bidu l-alfabett kien użat biss mill-kittieba ta' *Il-Malti* bħala l-organi tal-Għaqda – ilna minn dakinhar niktbu l-Malti b'ortografija waħda stabbilita (Aquilina, 1977, p. 3).

Minn din ir-riforma nibdew naraw li s-siwi tal-awtorità huwa essenzjali, inkella qatt ma jkun possibbli li tiġi stabbilita ortografija uffiċjali waħda u kulħadd jibqa' jikteb kif ifettillu. F'taħdita oħra li ta fl-1977, Aquilina wera biċ-ċar li minkejja li kull kittieb għandu jkollu d-dritt li jikkritika u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-alfabett stabbilit biex jittejjeb, ħadd m'għandu dritt joħloq ortografija oħra minħabba li dan kapaċi jħawwad lil min ma jafx jiddistingwi bejn ortografija ta' individwu li tibqa' miegħu biss u ortografija standard li tidher fil-pubblikazzjonijiet differenti. Jidher li hawn, Aquilina kien qed jirreferi għall-ħidma ta' Erin Serracino Inglott li kien juża ortografija differenti minn tal-Għaqda (Aquilina, 1977, p. 9).

Dan l-argument jidher fl-eżempju tan-nuqqas ta' qbil fil-kitba tas-semivokali *j* u *w* li jikkonferma wkoll l-importanza tat-*Tagħrif* bħala sett ta' regoli uffiċjali li għen biex inaqqas il-varjetajiet ta' kitbiet bil-Malti u jimxi lejn l-istandardizzazzjoni. Pietru Pawl Saydon u Ninu Cremona ma qablux fl-irduppjar ta' dawn is-semivokali f'verbi moħfija tat-tieni forma meta dawn ma jiġux bejn żewġ vokali. Saydon kien jagħżel bejn *lewnu* li tfisser "its colour" u *lewwnu* (li skont id-Deċiżjonijiet 1 hija miktuba ħażina) li tfisser "they coloured" u għalhekk, għalih ma kinitx kwistjoni ta' sekwenza vokalika ħdejn is-semivokali biex din tal-aħħar tkun tista' tiġi rduppjata (Bezzina, 2006, p. 179). Min-naħa l-oħra, skont l-Għaqda, dawn il-konsonanti qatt m'għandhom ikunu mtennija f'kelma sakemm ma jkollhomx vokali qabilhom u warajhom. Minn dan naraw ukoll il-fehmiet differenti tal-kittieba meta, waqt li Saydon ma mexiex mar-regoli fejn ħass li ma jaqbilx mal-ortografija li ġiet proposta,

Aquilina mexa fuq ir-regola ta' Cremona minħabba li din kienet ir-regola uffiċjali, avolja l-fehma tiegħu kienet taqbel ma' dik ta' Saydon.

**Ir-Riformi tal-1984 u tal-1992**

Dawn ir-riformi huma eżempji ċari u tajba tal-importanza mogħtija lill-aġġornamenti li jridu jsiru biex il-lingwa, speċjalment il-kitba, tibqa' waħda ħajja u timxi skont il-ħtieġa u, permezz tagħhom, l-Akkademja setgħet tagħraf l-elementi l-ġodda li ġew introdotti fil-Malti. Aquilina kien tal-fehma li min ikun qed imexxi l-Għaqda tal-Kittieba, kellu jħabrek biex jiġbor il-fehmiet tal-istudjużi dwar xi punti kontroversjali li jkunu nqalgħu rigward l-ortografija, speċjalment iktar ma jidħol kliem barrani (Aquilina 12) tant li fiż-*Żieda* (1984) u fl-*Aġġornament* (1992) bdiet tingħata l-ewwel attenzjoni lill-influwenzi Rumanzi u Ingliżi fil-Malti flimkien ma' xi aġġornamenti fir-regoli li japplikaw għall-Malti ta' nisel Għarbi fid-dokument tal-1992.

Fit-taħdita li kien ta Erin Serracino Inglott, huwa kkritika li t-*Tagħrif* ma kien ta l-ebda importanza lill-kitba ta' kliem ta' nisel Ingliż (forsi minħabba li ma kienx hawn tant frekwenza ta' kliem b'nisel mhux Għarbi). Iżda iktar ma beda jgħaddi żmien, iktar bdew jiżdiedu l-influwenzi minn ilsna barranin u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jidħol fis-seħħ sett ta' regoli ġodda marbuta ma' dan l-aspett (Serracino Inglott, 1977, p. 30). L-idea li lingwa tissellef mill-ilsna li tiġi f'kuntatt magħhom tindika karatteristika tipika ta' lsien ħaj, u minkejja li llum ma nagħtux wisq kas jekk il-kelma li nkunu qed niktbu hijiex ta' nisel Għarbi jew inkella tkunx ġejja minn ilsien ieħor, meta din dehret għall-ewwel darba kienet xi ħaġa kbira li nisslet diversi reazzjonijiet. Fil-fatt, dan ġie diskuss f'seminar li sar b'tema lingwistika f'Mount St Joseph (fl-14 ta' April 1984) fejn dawk preżenti attendew bil-għan li jiddiskutu l-ortografija pjuttost ġdida ta' kliem missellef mir-Rumanz u mill-Ingliż u li skont Aquilina, wieħed seta' jkollu idea iktar ċara ta' kif tikteb kliem mill-Ingliż fil-Malti minħabba li dan ma joqgħodx faċilment għall-forom li nsibu fil-Malti (*Aquilina*, 1984, Vol. 13).

Il-ħtieġa ta' opinjonijiet differenti f'riformi bħal dawn tidher li nħasset l-iktar fl-*Aġġornament.* Meta saret il-laqgħa ġenerali dwar dan id-dokument, il-Kunsill qassam fuljett li kien jinkorpora regolamenti li suppost kienu finali dwar l-aġġornament fl-ortografija Maltija iżda eventwalment dan il-fuljett sab oppożizzjoni minn Lawrenz Cachia u Manwel Mifsud. Il-kummenti tagħhom dehru meta *Il-Ġens* ippubblika dan ir-rapport finali fl-24 ta' Lulju 1992. Waqt li Mifsud ikkritika l-fatt li s-suġġerimenti li ntlaqgħu waqt is-seminar tat-2 ta' Novembru jidhru li ġew imwarrba għalkollox fir-rapport, huwa saħaq li r-rapport ma jistax jissejjaħ finali għax kien għad fih bosta nuqqasijiet u dan il-punt jidher li qabel miegħu Cachia. Mifsud saħaq ukoll dwar l-importanza li jkun hemm aġġornament fl-isferi kollha tad-dokumenti u mhux nibqgħu nużaw terminoloġija grammatikali ta' żmien it-*Tagħrif.*

Dawn l-argumenti juru biċ-ċar li, anke kif stqarr Cachia stess, anke jekk wieħed ikun favur li entità lingwistika taħdem fuq riforma, importanti li dik ir-riforma tkun waħda li ssir bil-ħsieb li tħares l-iżvilupp tal-ilsien Malti (Cachia, 1992, p. 215). Din il-kritika dehret li ntlaqgħet tajjeb tant li kien hemm reviżjoni tal-ewwel rapport fejn il-Kunsill irtira ħafna mir-regoli li kienu dehru fir-rapport oriġinali u r-

reviżjoni finali ġiet imxandra f'*Il-Malti* f'Ottubru tal-1992. B'hekk, dawn iż-żewġ riformi ma jindikawx biss l-importanza li jkun hemm aġġornament kontinwu fil-lingwa biex din timxi maż-żminijiet, iżda aktar minn hekk, li qabel ma jkun hemm xi riforma, din tiġi diskussa mal-poplu li jagħmel użu mil-lingwa u tilqa' s-suġġerimenti tiegħu biex it-tfassil ikun bil-wisq iktar sħiħ.

**Ir-Riforma tal-2008**

Din ir-riforma, bl-isem *Deċiżjonijiet 1* ittrattat il-varjanti ortografiċi li matul is-snin ħawdu mhux biss lil dawk li jużaw il-Malti fil-qasam professjonali tagħhom iżda wkoll lil dawk li jagħmlu użu mil-lingwa biex jikkomunikaw fil-ħajja ta' kuljum. F'din ir-riforma ser naraw b'mod iktar strutturat il-mod kif intlaqgħu l-opinjonijiet ta' persuni differenti, x'wassal għal għażla ta' kitba fuq oħra, u r-reazzjonijiet lejn it-tibdil.

L-ortografija ta' kull lingwa, skont Manwel Mifsud, hija mdendla bejn żewġ poli li jidhru opposti iżda fil-prattika mhumiex. Fuq naħa għandek l-idea li l-kitba għandha tkun ritratt preċiż tal-binja tal-lingwa waqt li fuq in-naħa l-oħra għandek il-ħtieġa tal-prattiċità u l-ħeffa fil-kitba, "ħielsa mill-irqaqat imġebbda li jxekklu l-progress tal-poplu sħiħ" (Mifsud, l-20 ta' Jannar 2007). Huwa ċar li mhux faċli ssib kompromess bejn dawn iż-żewġ poli u għalhekk hu neċessarju li tikkonsulta ma' entitajiet differenti waqt li żżomm dawn iż-żewġ aspetti kontinwament f'moħħok u dan jidher li kien l-għan ewlieni tal-Kunsill.

Fl-2006, il-Kunsill ħareġ sejħa lill-professjonisti li jaħdmu bil-Malti fil-professjoni tagħhom, fosthom tradutturi, lingwisti, ġurnalisti, awturi, u għalliema, biex jgħaddulhom lista ta' varjanti ortografiċi li kontinwament jiltaqgħu magħhom u li kienu qed ifixklu l-ħidma tagħhom. Minħabba li l-Kunsill ried jimxi bi proċess inklużiv u demokratiku kemm jista' jkun, anke minħabba l-fatt li dan wara kollox huwa l-proċess li jixraq lill-ilsien nazzjonali, ġie deċiż ukoll li kellu jsir seminar sabiex dawn il-varjanti jiġu diskussi mal-pubbliku qabel tittieħed deċiżjoni (Mifsud, 2007). B'kollox, is-segretarju tal-Kunsill ta' dak iż-żmien, Dr George Farrugia, ġabar madwar 300 varjant ortografiku.

Dawn il-varjanti mbagħad intbagħtu lil 40 ruħ u kull persuna ġiet mitluba tikteb żewġ paġni bil-fehmiet tagħha dwar il-varjanti. Dan ma involviex biss lill-esperti tal-Malti iżda kien hemm proċess ta' konsultazzjoni miftuħa mal-pubbliku ġenerali. B'hekk, id-deċiżjonijiet li ttieħdu setgħu jintlaqgħu tajjeb kemm jista' jkun minn kulħadd. Dawn l-opinjonijiet ġew ippubblikati fil-ktieb *Innaqqsu l-Inċertezzi* li tqassam b'xejn u sewa ħafna bħala dokument għad-diskussjoni fis-seminar *It-Triq lejn id-Deċiżjonijiet 1* li sar fl-20 ta' Jannar 2007 u li fih ipparteċipaw 180 ruħ. L-għażla ta' forma minn oħra kienet biċċa xogħol ta' taħbil il-moħħ sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu kemm jista' jkun ċari, ħfief, u raġunati, speċjalment minħabba li l-użu ta' forma flok oħra kienet waħda suġġettiva u għalhekk diffiċli tikkonvinċi lil xi ħadd biex jibda jikteb b'mod differenti minn kif kien imdorri (Mifsud, 2007).

L-idea ta' aġġornament, fejn wieħed ikompli jibni fuq dak li diġà għandu, tidher f'din ir-riforma wkoll minħabba li wara li ġew implimentati d-*Deċiżjonijiet 1*, il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza laqgħat ma' dawk li riedu jwasslu t-tagħlim tal-ortografija lil ħaddieħor, speċjalment lill-għalliema tal-primarja u s-

sekondarja kif ukoll il-ġenituri. Kien permezz ta' dawn il-laqgħat li l-Kunsill beda jxandar id-*Deċiżjonijiet 1* mal-pubbliku u jiddiskuti l-għażla ta' forma fuq oħra, apparti li jwieġeb id-diffikultajiet li jkunu ltaqgħu magħhom l-għalliema fil-klassi kif ukoll il-ġenituri waqt il-ħin tal-istudju.

Forsi l-iktar varjanti li ħolqu reazzjonijiet fost il-poplu kienu **skont/skond** (Borg, 2011, p. 12). Il-Kunsill iddeċieda li jibdel "skond" għal "skont" minħabba l-prinċipju fonoloġiku, tant li jġib l-eżempju "skontok". Din il-forma kienet parti mir-regola *Kliem bla varjazzjoni sinkronika fl-għerq/zokk* li tgħid li fi kliem fejn titlissen dejjem l-istess konsonanti, intgħażlet il-kitba li tikkorrispondi għall-fonetika (Regola 5.1). Kien hemm min qabel ma' din l-għażla minħabba li b'dan il-mod biss setgħet tibda tonqos l-inkonsistenza fil-Malti u skontu, dawn ir-regoli kienu qed "jiddrittaw fejn kellna mgħawweġ" (Vella, 2009, p. 9). Madankollu, skont Degabriele, iktar ma l-Kunsill jersaq lejn il-lingwa mitkellma, iktar donnu qed "jitbiegħed mir-regoli bażiċi li kellu l-Malti" (Borg, 2011, p. 13).

Minn dawn l-eżempji u l-argumenti jidher biċ-ċar li jgħaddi kemm jgħaddi żmien, fi kwalunkwe riforma dejjem se jkollok nies li jaqblu u nies li jkunu kontra dak li jkun qed jiġi propost li jsir, u dejjem tidher l-istruttura tal-opinjoni, l-awtorità, u finalment ir-reazzjoni u l-impatt. F'artiklu li deher f'*Leħen il-Malti* bl-isem 'Imaqdruh għax ma jafuhx' tidher l-importanza tal-opinjoni popolari fit-titjib tal-kitba li jirreferi għaliha wkoll Sebba, u fl-istess waqt jidher biċ-ċar li l-oppożizzjoni għall-bidla kienet minn dejjem:

> il-bniedem, li jrid jinqeda bid-dehen ta' moħħu, ma għandu la jfaħħar u lanqas imaqdar jekk ma jkunx għaraf qabel jekk dik il-ħaġa hix tajba jew ħażina (Jannar 1934).

Minkejja li dejjem se jkun hemm individwi li jopponu l-bidla, ladarba dawn iġibu argumenti validi f'dan ir-rigward, id-diskussjoni tibqa' essenzjali biex il-lingwa tibqa' tevolvi. Fl-aħħar mill-aħħar, il-bidla tiġri dejjem, irrispettivament minn kemm il-bniedem jixtieq jiggranfa mal-istabbiltà, u huwa għalhekk li r-riformi ortografiċi huma essenzjali biex inaqqsu l-inċertezzi.

### Referenzi


Akkademja tal-Malti. *Żieda mat-Tagħrif*. Malta. 1984.
Akkademja tal-Malti. *Aġġornament tat-Tagħrif*. Malta. 1992.
Aquilina, Ġużè. "Fehmiet dwar l-Ortografija." *Il-Malti*. Malta. 1977.
Aquilina, Ġużè. *Linguistic Pot Pourri*, 13(1984-1993).
Bezzina, Carmel. "Saydon u l-ġlieda għall-Malti." *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti*. Malta: Pubblikazzjoni Preca. 2006.
Borg, Sephora. *L-impatt tal-varjanti ortografiċi fuq l-għalliema u l-istudenti fit-tagħlim tal-Malti fil-livell sekondarju*. Malta. 2011.
Cachia, Lawrenz. "L-Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija." *Il-Ġens*. Malta. 1992.
Cachia Lawrenz. *L-Ilsien Malti il-Bieraħ u l-Lum*. Malta. 1994.
Cremona, Ninu. "Ultimae Nostrarum." *Weraq mar-Riħ*. Malta. 1932.
Geerts, Guido, Van den Broeck, Jef u Verdoodt, Albert. "Successes and failures in Dutch spelling reform." *Advances in the creation and revision of writing systems 8*. 1977.
Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. *Tagħrif fuq il-Kitba bil-Malti*. Malta. 1924.
Il-Kunsill tal-Malti. *Deċiżjonijiet 1*. Malta. 2008.
Jaffe, Alexandra. "Introduction: Non-standard orthography and non-standard speech." *Journal of Sociolinguistics* 4.4 (2000): 497-513.
Mifsud, Manwel. "Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti." *Regoli tal-Kitba Maltija*. Malta. 1999.
Sebba, Mark. *Spelling in Society: The culture and politics of orthography around the world*. Cambridge University Press. 2007.
Serracino Inglott, Erin. "Fehmti dwar xi problemi fl-Ortografija tal-Malti." *Il-Malti*. Malta. 1977.


*Bernice Magro qiegħda fl-aħħar sena tal-istudji tagħha bħala studenta għalliema u tinteressaha r-riċerka fuq il-lingwa.*

KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

# Kelma għal kelma: teżawru tematiku Malti

Dwayne Ellul

Ħafna huma tal-fehma li l-vokabularju Malti qiegħed, kulma jmur, jinxef, jitnaqqar u jiddgħajjef. L-istil ta' ħajja li qegħdin jgħixu ħafna minna llum, b'inqas kuntatt wiċċ imb wiċċ u b'għajnejna l-ħin kollu mgħarrqin f'xi screen, xejn mhu jgħin għaliex ftit li xejn inkunu esposti għall-Malti mħaddem tajjeb. Fil-proċess edukattiv, l-istudju sistematiku tal-vokabularju mhuwiex jingħata l-importanza li tixraqlu. Madankollu, matul iż-żmien, lokalment kien hemm xi tentattivi sporadiċi maħsuba biex isaħħu jew jgħallmu l-vokabularju b'sistema (Spagnol 64), u kultant jitfaċċaw xogħlijiet ġodda li juru li hemm ir-rieda biex din is-sitwazzjoni titjieb. Il-proġett ta' teżawru tematiku li qed nipproponi jien, għalhekk, għandu proprju jitqies bħala tentattiv serju ieħor intenzjonat li jagħti palata lil min hu interessat isaħħaħ il-vokabularju tiegħu u jikkomunika b'Malti aktar mirqum.

**Imma qabelxejn: x'inhu teżawru tematiku?**

Żgur li l-aktar xogħol ta' dan it-tip magħruf huwa r-*Roget's Thesaurus of English Words and Phrases*, li deher għall-ewwel darba fl-1852. Fl-introduzzjoni li Peter Mark Roget stess jagħmel għal xogħlu, jiġbor il-mod ta' kif hu stess iħares lejn it-teżawru tiegħu, u li faċilment iservi biex jgħinna niddistingwu t-teżawru tematiku minn xogħlijiet lessikografiċi oħra.




Roget iqis it-teżawru bħala differenti ħafna mid-dizzjunarju tradizzjonali li xogħlu huwa li jfisser il-kliem. Għan ewlieni ta' dan il-kompilatur kien li jiffaċilita l-aċċess lill-kittieba jew lill-kelliema nattivi għall-kliem li jistgħu jeħtieġu imma li ma jirnexxilhomx jaħsbu fih, jew li forsi lanqas biss ikunu jafu li jeżisti. Dan jirnexxilu jagħmlu billi jiġma' l-kliem ewlieni (*headwords*) skont sistema ta' klassifikazzjoni (aktarx astratta). Madankollu, matul iż-żmien, din l-idea baqgħet tiġi żviluppata, l-aktar mill-pubblikatur Longman li kiseb id-drittijiet ta' dan it-Teżawru, u llum nistgħu ngawdu minn alternattivi moderni għax-xogħlijiet lessikografiċi alfabetizzati.

**L-għażla favur it-tqassim tematiku**

Waħda mill-aktar għażliet importanti li kelli nagħmel hija kif se jiġi ppreżentat il-lessiku li ġbart (Bergenholtz u Tarp 198). Il-vantaġġi tal-preżentazzjoni alfabetika huma pjuttost ċari u ewlieni fosthom hemm il-fatt li l-utent ċertament huwa midħla tagħha u għalhekk isibha effiċjenti u faċli. Bħal Zgusta (282), li jemmen li għall-użu ġenerali "alphabetical order is optimal", Landau (22) jirrikonoxxi li s-sistema alfabetika hija "the only sure way of arranging words for quick access in print". Landau (22), madanakollu, jemmen li, minħabba l-iżviluppi kbar fid-dinja teknoloġika, l-għażla alfabetika ma baqgħalhiex ħajja twila.

Qist ukoll il-merti tal-preżentazzjoni tematika, li mhumiex ftit. Skont Landau (139), teoretikament is-sistema kunċettwali toffri probabbiltà akbar li l-fittiex isib dak li qed ifittex minħabba li l-kliem kollu marbut mal-qasam inkwistjoni jinsab fl-istess naħat u mhux imxerred mal-erbat irjieħ tal-alfabett. Ma' dan, Jackson (155) iżid il-fatt li meta l-kliem ikun miġbur flimkien jinġiebu fid-dieher differenzi semantiċi u pragmatiċi sottili ta' bejn il-kliem fl-istess tema.

It-tqassim alfabetiku jaħbi wkoll il-qrubija ta' kliem li ġej minn għejun lingwistiċi differenti. Ngħidu aħna "*eye*"-"*ocular*"; "*church*"-"*ecclesiastical*"; "*mind*"-"*mental*"; "*hand*"-"*manual*" fil-każ tal-Ingliż Qadim u l-Latin rispettivament u "moħħ"-"mentali"; "ġisem"-"fiżiku"; "tnejn"-"doppju"; "ruħ"-"spiritwali"; "tqarbina"-"ewkaristika", fil-każ tal-vokabularju Malti li ġej mill-Għarbi u mit-Taljan rispettivament.

Il-makrostruttura ta' dizzjunarji topiċi, skont Hüllen (14) ġeneralment tkun magħmula minn għażla sistematika ta' temi li jinftiehmu minn kulħadd, addattati (u popolarizzati) minn xi sistema xjentifika jew xi klassifikazzjoni semantika.[1] Għaldaqstant, l-ordni ta' dizzjunarju topiku tiddependi inevitabbilment mill-mod filosofiku ta' kif il-ġabbar tiegħu jifhem id-dinja ta' madwaru. Madankollu, McArthur (151) ifisser kif dawn il-problemi tat-tematizzazzjoni jinsabu wkoll f'kotba tal-kliem alfabetizzati. Id-differenza hija li, billi l-materjal isegwi l-ordni alfabetika, l-idjosinkraziji u s-suġġettività ma jagħtux daqshekk fil-għajn.

Vantaġġ kbir li jara Hüllen (15) fid-dizzjunarji tematiċi hu li, billi qrib ta' xulxin ikun hemm kelmiet relatati ma' xulxin semantikament, il-fittiex mhux talli jitgħallem jesprimi ruħu b'mod aqwa, iżda saħansitra jasal biex jgħolli l-livell tal-loġika tiegħu. Barra minn hekk, kif jinnotaw ukoll Godman u Payne dwar id-dizzjunarju tagħhom *Longman Dictionary of Scientific Usage* (1979), meta l-kliem ewlieni ta' xi tema partikolari jkun miġmugħ flimkien ikun aktar faċli biex wieħed jirrevedi l-vokabularju tiegħu f'dak il-qasam (Jackson 155). Barra minn hekk, l-intwizzjonijiet dwar l-istruttura tal-vokabularju ta' lingwa li jagħtik xogħol imqassam tematikament ma jagħtihom ebda xogħol imqassam b'mod alfabetiku (Jackson 158).

Għalhekk meta għarbilt il-preġji u n-nuqqasijiet taż-żewġ modi ewlenin tat-tqassim u qabbilthom mal-għan li nixtieq nilħaq permezz ta' dal-proġett, l-għażla ta' preżentazzjoni tematika kienet l-aktar waħda li tagħmel sens.

[1] Ara, ngħidu aħna, sistemi ta' klassifikazzjoni bħal ta' Roget (Hüllen, *A History of Roget's Thesaurus: Origins, Development and Design.* Oxford UP, 2004.377-390) u Wilkins (Hüllen, *English Dictionaries 800-1700: The Topical Tradition* f'Jackson 148).

**L-għażliet ewlenin li fuqhom hi msejsa l-ġabra tematika**

Madankollu, id-diffikultajiet u l-iżvantaġġi tas-sistema tematika ma nsejthomx u wara diskussjonijiet mal-Prof. Manwel Mifsud – li kien qed jiggwidani fil-kitba tat-teżi u l-kompilazzjoni tat-teżawru – rajt kif nista' nisfrutta l-vantaġġi u nillimita l-iżvantaġġi taż-żewġ sistemi. Għaldaqstant it-teżawru tematiku huwa mirfud b'indiċi alfabetiku.

Ma naħsibx li jeżistu biżżejjed xogħlijiet lessikografiċi (għall-inqas dawk stampati) ta' dan it-tip, u dan jgħodd għal kull lingwa. Fil-fatt it-teżawri jew dizzjunarji tematiċi mhumiex l-aktar ħaġa komuni li tista' tiltaqa' magħhom f'ħanut tal-kotba. Madankollu, hemm diversi pubblikazzjonijiet oħra – sew stampati, sew online, kemm jekk ta' xeħta lessikografika u kemm jekk dwar il-vokabolarju – li huma mqassma tematikament. Għaldaqstant, meta ġejt biex nagħżel it-temi għat-teżawru, kelli qabelxejn nifli t-tqassim tematiku ta' dawn il-pubblikazzjonijiet u nagħmel l-għażliet tiegħi skont ma qist li hu l-aħjar għall-utenti prospettivi.

Għalkemm jeżistu ħafna aktar, flejt mal-40 pubblikazzjoni, kemm barranin u kemm lokali u ħadt idea tajba ħafna tat-temi li jittrattaw. Sibt li bejniethom ikopru mal-mitt tema, uħud minnhom ġenerali, bħal "L-Edukazzjoni" u "Jien u l-Oħrajn", u oħrajn aktar speċifiċi bħal "Il-Ġisem", "Il-Flus", "Id-Deskrizzjoni Fiżika tal-Persuni", "Verbi", "Għamara u Dekorazzjoni", u oħrajn. Konxju mil-limitazzjoni li dan ix-xogħol ma jistax ikun wieħed eżawrjenti, iddeċidejt li nfassal teżawru androċentriku li tematikament iqiegħed lill-bniedem fiċ-ċentru tiegħu.

> **134.** OCCASION, opportunity, opening, room, suitable or proper time or season, high time; opportuneness, tempestivity, seasonableness, crisis, turn, juncture, conjuncture.
> *Phr.* The nick of time; a golden opportunity; *mollia tempora*; a well-timed opportunity; a stitch in time.
> Spare time, leisure, holiday (685), spare moments, hours, &c., time on one's hands.
> *V.* To take the opportunity, to temporize, to time well.

Għażilt b'kollox sitt temi:

1. Il-familja u l-ħbieb
2. Il-ġisem u l-kura tiegħu
3. Id-deskrizzjoni fiżika
4. Id-deskrizzjoni tal-karattru
5. Is-sentimenti u l-emozzjonijiet
6. Il-fażijiet tal-ħajja

Wara l-għażla tat-temi kien imiss l-għażla tal-kliem ewlieni. Hawn l-aktar letteratura relevanti[2] ma għenitnix fl-għażla tal-kliem li huwa fil-qalba tat-temi magħżula. Madankollu xorta waħda saret b'mod sistematiku għaliex ħaddimt l-għodda maħsuba proprju għar-*Rapid Word Collection* (*RWC*)[3] minn dak li hu magħruf bħala *Dictionary Development Process* (*DDP*) żviluppat mil-lingwista Ron Moe tas-*Summer Institute of Linguistics, Inc.* (*SIL*).

[2] Ara pereżempju "Vocabulary" ta' Ronald Carter (Taylor 33-46) u "Which Words do You Need?" ta' Paul Nation (Taylor 568).
[3] Għal spjegazzjoni aktar dettaljata ta' din l-għodda, ara https://www.sil.org/enterprise-news/rapid-word-collection-updated-approach-dictionary-creation

F'seminars fejn issir l-*RWC*, il-kelliema nattivi jwieġbu mistoqsijiet marbuta ma' oqsma semantiċi speċifiċi u dan jgħinhom jiġbru l-kliem ta' lsienhom li mbagħad jista' jindamm f'dizzjunarju. B'kollox hemm mal-1,800 qasam semantiku, imqassma f'disa' kategoriji ewlenin li huma "l-univers u l-ħolqien", "il-persuna", "il-lingwa u l-ħsieb", "l-imġiba soċjali", "il-ħajja ta' kuljum", "ix-xogħol u l-okkupazzjoni", "l-azzjonijiet fiżiċi", "stati", u "il-grammatika".

Għaldaqstant, il-parti l-kbira tal-kliem ewlieni għal kull tema tat-teżawru tematiku nġabret billi flimkien ma' kelliema nattivi oħra weġibt diversi mistoqsijiet li jiftħu l-bibien għal xita ta' kliem li minnhom kelli nagħżel liema ninkludi u liema nħalli barra. Fl-għażla tal-kliem ewlieni dejjem żammejt f'moħħi x-xewqa li kemm jista' jkun inkopri l-firxa lessikali sħiħa tat-tema u għalhekk hemm ukoll xi kliem ewlieni arkajk, għalkemm tgħoddu fuq ponot subgħajk. Ta' min inżid ukoll li għalkemm il-kelliema nattivi li kkonsultajt magħhom għandhom etajiet u ġejjin minn sfond soċjoekonomiku differenti, dawn il-kelliema ma ntgħażlux bi kriterji xjentifiċi billi dan mhuwiex xogħol soċjolingwistiku.




Dan iwassalni biex nitkellem ftit dwar għażla importanti oħra li kelli nagħmel: is-software li għenni fil-kompilazzjoni tat-teżawru. Ikkunsidrajt diversi programmi, fosthom il-*Glossword*[4] ta' *glossword.biz team*, kif ukoll il-*Lexique Pro*[5] u l-*Language Explorer 8* tas-*SIL*. Il-*Language Explorer 8*[6] bqajt nużah sal-aħħar, anke għaliex għenni ħafna fil-proċess tal-ġbir tal-kliem imma billi s-software kollu li sibt hu intenzjonat biex jibni dizzjunarju alfabetiku u mhux teżawru tematiku, kelli nesporta kollox għal fuq word processor u nfassal it-tqassim entrata entrata skont il-ħtieġa.

[4] http://glossword.biz
[5] http://www.lexiquepro.com/download.htm
[6] http://software.sil.org/fieldworks

### Il-makrostruttura

It-teżawru huwa mqassam f'sitt temi ewlenin. Kull tema, imbagħad, terġa' tinqasam f'għadd ta' sottotemi. Fl-eżempju t'hawn isfel, ngħidu aħna, hawn uħud mis-sottotemi tat-tema *Il-Familja u l-Ħbieb*.

**1.0 Il-familja b'mod ġenerali**

**1.1 Relazzjonijiet bis-saħħa tat-twelid jew l-adozzjoni**

1.1.1 In-nanniet u dawk li ġew qabilhom
1.1.2 L-omm u l-missier
1.1.3 L-aħwa
1.1.4 L-ulied
1.1.5 In-neputijiet
1.1.6 Iz-zijiet
1.1.7 Il-kuġini
1.1.8 L-ordni tat-twelid

**1.2 L-għażla li ma tintrabatx**

**1.3 Il-bidu ta' relazzjoni**

**1.4 Relazzjonijiet bis-saħħa taż-żwieġ jew tal-koabitazzjoni**

1.4.1 L-istatus ċivili

Jiġri li xi drabi l-istess kelma ewlenija bħal *ġenitur* u *mħabba* tidher f'żewġ temi. F'dawn il-każijiet, il-kelma ewlenija jista' jew ikollha l-istess sinonimi jew jista' ma jkollhiex l-istess sinonimi, għax it-tema timponi għażliet differenti. Ċerti sottotemi jappreстaw ruħhom għal makrostruttura gradata u għalhekk huma gradati. Hekk ngħidu aħna fit-tema tal-ġisem u l-kura tiegħu, fil-parti tas-saqajn hemm gradazzjoni fil-kelmiet ewlenin minn *fekren* sa *qabeż*: *fekren, zappap, mexa, ġera* u *qabeż*. Min-naħa l-oħra hemm każijiet fejn ir-rabta bejn il-kelmiet ewlenin tant hija ġenerali li ntgħażlet makrostruttura alfabetika. Eżempju ċar ta' din l-għażla huwa fejn hemm lista ta' xi mard, kundizzjonijiet u sintomi li għandhom is-sinonimi minn *affann* sa *urtikarja*.

### Il-mikrostruttura

B'mod ġenerali, is-sinonimi huma mqassma b'tali mod li dawk li jaqsmu l-aktar tifsiriet mal-kelma ewlenija jinsabu fil-bidu tal-lista tas-sinonimi filwaqt li l-oħrajn li jaqsmu ferm inqas tifsiriet mal-kelma ewlenija jinsabu fuq wara. Ngħidu aħna, taħt il-kelma ewlenija *għajjur* hemm dawn is-sinonimi: *invidjuż*, *ġeluż*, *jittiekel għal*, *għandu l-lanżit għal*, *possessiv*, *suspettuż* u *ġlusi*. Drabi oħra, iżda, it-tqassim tas-sinonimi jieħu aktar il-forma ta' sekwenza gradata, għaliex hekk titlob il-loġika. Eżempji tipiċi huma l-entrati ta' *tarbija* u *deni* rispettivament fejn il-gradazzjoni hija dejjem miż-żgħir għall-kbir.

### Id-dipendenza tal-mikrostruttura fuq il-makrostruttura

Minħabba n-natura tematika tat-teżawru, il-mikrostruttura (it-tqassim tal-entrata) hija dejjem regolata mill-makrostruttura (it-tqassim ġenerali tat-taqsimiet). Għaldaqstant fit-temi rispettivi tal-Familja u l-Ħbieb u tal-Fażijiet tal-Ħajja ma inkludejtx *ħarreġ* u *ttrenja* bħala sinonimi tal-kelma ewlenija *rawwem*. Bl-istess mod, taħt *ⁱrġulija*, fit-tema tal-Fażijiet tal-Ħajja, ma inkludejtx *kelma ta' raġel* imma biss *adultezza* u *maturità*. Għaldaqstant, għalkemm kelma ewlenija partikolari jaf ikollha ferm aktar sinonimi, dawn mhumiex inklużi jekk ma jaqgħux taħt it-tema partikolari.

**tarbija** *(nom) Minkejja l-operazzjonijiet numerużi li kellu sa minn meta kien għadu tarbija, Oliver jgħix ħajja normali.* baby, (tarbija) tat-twelid, għadha ilma *[idjoma]*, neonat, (tarbija) tal-ħalib, (tarbija) tad-dirgħajn/tal-idejn, (tarbija) tal-ħodon/tal-ħoġor, (tarbija) tal-fisqija

**deni** *(nom) "Jordan mhux bħas-soltu," qaltli. "M'għandux deni, imma mitluq ħafna."* ħajta deni *[idjoma]*, temperatura għolja, deni qawwi, deni ta' żiemel *[idjoma]*

**It-teżawru bħala ġabra strutturata tal-kliem**

Qed jinġiebu wkoll kelmiet ewlenin li ma sibtilhom ebda sinonimu. Fost dawn hemm pereżempju *għonq* u *pora*. Dan sar biex il-lessiku marbut ma' xi tema partikolari jkun kemm jista' jkun komplet.

Xi drabi, għall-konvenjenza tal-fittiex, qed jiġi inkluż ukoll kliem li mhuwiex strettament sinonimu tal-kelma ewlenija imma jaqa' taħt il-kategorija tal-iponimi. Ngħidu aħna taħt il-kelma ewlenija *familja* hemm sinonimi bħal *dar*, *razza* u *nisel* segwiti minn tipi differenti ta' familja (l-iponimi) bħal *familja nukleari*, *familja estiża* u *familja b'ġenitur wieħed*. Dan filwaqt li dejjem tidher bl-aktar mod ċar id-distinzjoni bejn iż-żewġ gruppi ta' kliem.

**L-eżempji**

Kull kelma ewlenija hija mħaddma f'eżempju meħud mill-MLRS u mirqum kif meħtieġ. F'każijiet rari fejn ma nstabet ebda okkorrenza ta' kelma jew frażi fil-korpus, l-eżempji nstabu minn siti elettroniċi li jitilgħu wara tiftixa sempliċi fuq Google.

**antenat** *(nom)*

*Kull familja għandha xi storja nostalġika fuq l-antenati.*

**missirijietna**, **predeċessur**, axxendent, anteċedent, jiġi minn pijunier/pijonier, prekursur

**predeċessur** *(nom)*

*Xi Maltin ma jgħożżux biżżejjed id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-predeċessuri tagħna.*

**missirijietna**, ommijietna, **antenat**, axxendent, pijunier/pijonier, prekursur

**1.1.2 L-omm u l-missier**

**ġenitur** *(nom)*

*Biex tkun ċittadin ta' Malta jrid għall-inqas ikollok ġenitur wieħed Malti.*

**omm**, **missier**, nissiel, prokreatur

**missier** *(nom)*

*Il-missier ma kellux biex jitma' lil martu u lil uliedu.*

**papà**, il-pa, pa *[vokattiv]*, **ix-xiħ** *[kollokjali]*, daddy, da/dad *[vokattiv]*, ta/tata *[vokattiv, mhux komuni]*, missier *[vokattiv]*, **ġenitur**, **patrijarka**

➤ missier bijoloġiku, missier adottiv, foster father, missier putattiv

**papà** *(nom)*

*Xtaqt mort mal-mamà u mal-papà minflok waħdi.*

**patern** *(aġġettiv)*

*L-istint matern u patern qiegħed fil-maġġor parti tan-nies, għandhom u m'għandhomx tfal.*

min-naħa tal-missier, tal-missier, mill-missier

**paternità** *(nom)*

*Il-paternità tat-tifla ġiet rikonoxxuta uffiċjalment.*

**patrijarkali** *(aġġettiv)*

*F'soċjetà konservattiva u patrijarkali, ħafna rġiel jaħsbu li post il-mara huwa biss ma' żewġha u wliedha.*

**omm** *(nom)*

*Il-professur qal lill-omm li m'għandhiex għalfejn tinkwieta dwar binha.*

il-ma, ma *[vokattiv]*, j'omm *[vokattiv, mhux komuni]*, **mamà**, mamma, **ix-xiħa** *[kollokjali]*, mummy, ġenitriċi

➤ omm bijoloġika, omm adottiva, foster mother, omm mislufa, omm surrogata

**mamà** *(nom)*

*Il-lejla ta' wara, it-tifla reġgħet talbitna, "Papà, mamà, busu lil xulxin."*

il-ma, ma *[vokattiv]*, mummy, **ix-xiħa** *[kollokjali]*, mamma, ġenitriċi

**ix-xiħa** *(nom) [kollokjali]*

*"Ix-xiħa tiegħi taf issajru wisq il-kafè," kompla jgħid Victor lill-ħabib li stieden għandu.*

**omm**, **mamà**, il-ma, ma *[vokattiv]*, mummy, mamma, ġenitriċi

Kampjun ta' paġna mit-teżawru

"Ħallini, tlift it-teżawru! 'Qas naf kif inħossni... bla kliem!"



Ħajr: Peter Magro, għalliem tal-arti u illustratur
https://www.instagram.com/peter.m_art https//www.facebook.com/pmagro11

**Għeluq**

Bħalissa qed isir ix-xogħol fuq żewġ verżjonijiet ta' dan it-teżawru li se jkun kemm stampat kif ukoll online fuq is-sit www.tezawrutematiku.com. Bl-għajnuna finanzjarja tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-produzzjoni fuq il-verżjoni stampata qed issir mill-Merlin Publishers filwaqt li x-xogħol fuq il-verżjoni elettronika qed isir minn Ellul Solutions u jinsabu fi stadju avvanzat. *Kelma għal Kelma: Teżawru Tematiku Malti* u www.tezawrutematiku.com għandhom jiġu mnedija aktar tard din is-sena.

**Referenzi**

Bergenholtz, Henning u Sven Tarp, "Two Opposing Theories: On H.E. Wiegand's Recent Discovery of Lexicographic Functions." *Hermes, Journal of Linguistics* 31 (2003): 171-196. Aarhus. Aċċessat fit-23 ta' April 2019. http://pure.au.dk/portal/files/9895/H31_11.pdf.
Hüllen, Werner. *English Dictionaries 800-1700: The Topical Tradition.* Oxford UP, 1999.
Jackson, Howard. *Lexicography: An Introduction*. Routledge, 2002.
Landau, Sidney I. *Dictionaries: The Art and Craft of Lexicography*. Cambridge UP, 2001.
McArthur, Tom. *Worlds of Reference.* Cambridge UP, 1986.
Spagnol, Michael. "Muftieħ għall-Vokabolarju Malti." Teżi tal-BA(Unuri). L-Università ta' Malta, 2006.
Taylor, John R, ed. *The Oxford Handbook of the Word*. Oxford UP, 2015.
Zgusta, Ladislav. *Manual of Lexicography*. Mouton, 1971.

*Dwayne Ellul hu għalliem tal-Malti u qarrej tal-provi*

# Lejn mappa tad-dinja bil-Malti – intermezz

Antoine Cassar

Bil-ħames artikli li rajna s'issa f'din is-sensiela, koprejna kważi nofs il-globu. Mument xieraq biex nieħdu pass lura minn quddiem il-mappa, u niċċaraw erba' punti bejn teoriċi u mixxellanji, iżda importanti fil-kuntest ta' din il-ħidma kartografika u terminoloġika.

## 1 – Toponomija jew toponomastika?

Sat-tielet puntata tas-sensiela, użajt kważi esklużivament l-ewwel terminu, **toponomija**, mingħajr ma qgħadt naħseb wisq fuqu, x'aktarx b'influwenza tal-Ingliż *toponymy* u l-Ispanjol *toponimia*. F'serje ta' artikli interessantissmi ta' Alex Camilleri dwar l-ismijiet tal-postijiet fil-gżejjer Maltin, ippubblikati fir-rivista *L-Imnara* u fil-*Malta Map Society Journal*, l-awtur jippreferi t-terminu **toponomastika**, abbażi tat-Taljan *toponomastica.*




Fil-fatt, bl-Ingliż teżisti wkoll il-kelma *toponomastics*, imfissra mill-*Online Dictionary of Language Terminology* kif ġej: "*The branch of onomastics that studies place names. Notes: 1. It is also called toponymy.*" L-unika distinzjoni possibbli li stajt insib bejn iż-żewġ termini, nofsha ssuġġerita forsi mis-suffissi, hija dik proposta mill-Enċiklopedija Britannica: "*A set of place-names is called toponymy, and their study is called toponomastics.*"

Wieħed jista' jitkellem dwar it-*toponomija* ta' post, u dwar it-*toponomastika* bħala l-istudju ta' tali toponomija, jew bħala l-istudju tad-drawwiet u tad-dinamiċi tat-toponomija b'mod ġenerali. Madankollu, avolja din id-distinzjoni tista' tisfa ta' siwi f'każijiet speċifiċi, ma nħossx li l-linja bejniethom tista' tingħibed daqshekk faċilment. Għalkemm fil-kapitlu 4 bdejt nuża l-kelma *toponomastika* (bħala nom u bħala aġġettiv) fid-diskussjoni ta' elementi teoriċi mhux speċifiċi, ngħidu aħna, rigward kif tista' tinqaleb kategorija ta' ismijiet ta' postijiet, nibqa' nqis *toponomija* bħala kelma wiesgħa biżżejjed biex tkopri ż-żewġ tifsiriet, dik prattika u dik teorika.

## 2 – L-affidabbiltà (jew le) tas-sorsi toponomastiċi bl-Ingliż

Diffikultà kbira u frustranti fl-istudju tat-toponomija, anki dik politika mhux fiżika, hija n-nuqqas ta' affidabbiltà tal-mapep meqjusa "uffiċjali". Skont il-bażi tad-dejta tal-*United Nations Group of Experts on Geographical Names* (UNGEGN), li tagħti l-endonimi tal-pajjiżi u tal-bliet ewlenin, l-isem Malti tal-Belt jinkiteb "Valleta" (17.10.19).

Dan mhuwiex bilfors żball tal-UNGEGN innifsu – kif tiddikjara l-paġna stess f'nota taħt il-mappa tat-tiftix, "*Authoritative city endonyms are provided mainly by national name authorities*". Madankollu, l-isem Spanjol li jingħata f'tabella taħt il-mappa, **La Valetta*, huwa żbaljat ukoll – il-kitba korretta hija *La Valeta*, għas-sempliċi raġuni illi t-T doppja fl-Ispanjol ma teżistix.




M'hemmx xi ngħidu, meta tkun qed tiġġestixxi eluf ta' ismijiet f'sitt ilsna jew iktar, faċli ħafna tistordi, titwerreċ u tieħu żball fl-ortografija. Il-multilingwiżmu tal-bażi tad-dejta tal-UNGEGN huwa l-ikbar preġju tagħha, iżda huwa wkoll l-eħrex xkiel għall-kompilazzjoni u għaldaqstant għar-referenza.

S'issa, għat-toponomi bl-Ingliż, dejjem fdajt l-iktar fil-mapep tan-*National Geographic*. Issa li s-Soċjetà tan-NatGeo nxtrat u saret parti mill-istess familja ta' Fox News, in-New York Post u The Sun, nittama li l-kwalità tal-mapep ma tibdiex tmajna.

**3 – Fuq wara ta' pitazz...**

Il-qoxra ta' wara ta' pitazz mixtri l-Qrendi m'ilux. Lil hinn mill-kwistjoni tal-artiklu mal-ismijiet tal-pajjiżi u fil-każ ta' *Il-Kajr*, l-uniċi żbalji ortografiċi ċerti fil-lista huma **Brussel* u **Portugal*, neqsin mit-tieni L fit-tarf. Il-forom *Lisbona vs Liżbona, Tokyo vs Tokjo, Sofia vs Sofja vs Sofija* għad ma hemmx qbil dwarhom u jistgħu jiġu diskussi fit-tul. Amsterdam bħala l-belt kapitali tal-*Olanda* – l-isem popolari anki jekk mhux legali tal-pajjiż inkwistjoni, u mhux ta' min wieħed iwarrbu – mhuwiex strettament żball: Amsterdam hija l-belt kapitali "kostituzzjonali", filwaqt li L-Aja hija s-sede tal-gvern.




"*Amerika*" huwa wkoll isem popolari, li jirreferi b'antonomażja għall-Istati Uniti; mhuwiex każ identiku għall-*Olanda* flok *il-Pajjiżi l-Baxxi*, għaliex huma żewġ tipi opposti ta' sineddoke: f'tal-ewwel, il-pajjiż jieħu l-isem ta' art ħafna ikbar minnu (żewġ kontinenti), filwaqt li f'tat-tieni, il-pajjiż jieħu l-isem ta' art inkluża ġo fih

(amministrattivament, il-provinċji ta' *Noord-Holland* u *Zuid-Holland*). Xejn mhu għaqli li l-qoxra ta' pitazz għall-iskola ġġib "*Amerika*" waħedha b'referenza għall-Istati Uniti, għax din l-għażla tipperpetwa żball ġeografiku, kemm mil-lat politiku kif ukoll mil-lat fiżiku, li min-naħa tiegħu jkompli jinnormalizza perspettiva estremament ridotta tal-Emisferu tal-Punent.

Minn banda, il-produttur tal-pitazz seta' qagħad aktar attent fit-tfassil tal-lista. Mill-banda l-oħra, huwa minnu wkoll li ma kellux, u sal-lum għad m'għandux, mappa, atlas jew *gazetteer* awtorevoli fuqiex jibbaża.

**4 – U meta, sa fl-aħħar, tiltaqa' ma' mappa bil-Malti...**

Mhux kuljum tiltaqa' ma' mappa bil-Malti; anzi, darba f'mitt qamar, iżda huwa minnu wkoll li qegħdin jiżdiedu ftit ftit. Fl-ewwel nofs tal-2016 kien hemm din il-mappa tal-Lvant Nofsani u l-peniżola Koreana fl-ajruport tal-Gudja. L-ewwel reazzjoni kif ilmaħtha u bdejt nersaq lejha: gost. It-tieni reazzjoni kif bdejt naqraha: diżappunt. Mhux għan-nuqqas t'għarfien, li għandu soluzzjoni, iżda għan-nuqqas ta' reqqa u ta' konsistenza. Lejn tmiem l-istess sena dehret mappa aġġornata bl-ismijiet tal-ibħra tradotti, iżda mill-bqija, bl-istess nuqqasijiet.




---

Wasalna ftit iktar minn nofs triq, iżda fadal nofs dinja. Fil-puntata li jmiss, insalpaw fuq il-Paċifiku u nduru ftit mal-hekk imsejħa "Oċeanja", ċans biex nerġgħu nittestjaw il-kriterji li konna fassalna fil-kapitlu 4 għat-tismija tal-gżejjer. Immissu ftit mal-Antartika, bit-tama li ma neħlux fis-silġ, u mbagħad nerġgħu "nitilgħu" lejn l-Ażja, l-ikbar u l-usa' kontinent, li x'aktarx jitlob żewġ artikli (Lvant u Punent). Fl-aħħar nidħlu fl-Ewropa, kumpatta u kkumplikata, fejn it-tradizzjoni jaf tfixkilna iktar milli tgħinna, minħabba ċerti taqtigħat bejn lingwi pont, ismijiet storiċi u moderni, varjanti ortografiċi, u l-bqija. Iżda sakemm naslu s'hemm u aktar ma noqorbu lejn id-dar, il-kriterji toponomastiċi li nkunu stabbilejna tul dan il-proġett għandhom ikunu iktar sodi.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Il-Brittaniċi mhux kollha Ingliżi?

Clyde Triganza

Wara referendum li sar fir-Renju Unit nhar it-23 ta' Ġunju 2016, wieħed mill-iktar termini rikorrenti fuq fomm kulħadd u li ssemma bosta drabi fil-ġrajjiet kurrenti u fil-leġiżlazzjoni tal-UE kien "Brexit", jiġifieri l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE li ġie appoġġat minn 51.9 % ta' dawk li ħarġu jivvutaw fir-referendum.

Il-gvern tar-Renju Unit invoka l-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u ta bidu għal proċess ta' negozjati li suppost kellu jintemm bil-ħruġ tar-Renju Unit nhar id-29 ta' Marzu 2019. B'hekk it-Termattwalità ta' Marzu li għadda kienet proprju fuq dan is-suġġett u fuq id-distinzjoni ċara li għandha ssir bejn Ingliż u Brittaniku.

Fejn konna qatt nobsru li l-ġrajja politika tal-Brexit kienet se tibqa' tkarkar lil hinn minn Marzu u kienet se tibqa' suġġett attwali minn tal-inqas sal-aħħar ta' Ottubru 2019!

Fit-Termattwalità ta' kull xahar nippruvaw invarjaw minn suġġett għall-ieħor u minn qasam għall-ieħor. Għaldaqstant, ħafna materjal li ltqajna miegħu fit-tħejjija u fir-riċerka għat-Termattwalità ta' Marzu kien se jibqa' jrabbi t-trab fil-kexxun tal-uffiċċju. B'hekk, f'dan l-artikolett se nipprova nixħet lenti fuq dan il-materjal u se nipprovdi iktar dettalji dwar diversi termini li xi kultant jistgħu jkunu kemm sinonimi jew verżjoni mqassra/imtawla ta' xulxin, kif ukoll termini differenti minn xulxin.

Kif konna spjegajna fit-Termattwalità ta' Marzu, l-isem sħiħ uffiċjali tar-Renju Unit huwa r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li huwa magħmul mill-Ingilterra, mill-Iskozja, mill-Irlanda ta' Fuq u minn Wales, u mhux mill-Ingilterra biss! Ta' sikwit inħawdu bejn l-ilsien u n-nazzjonalità u dan isir anke f'lingwi oħra mhux biss fil-Malti. Spiss ċertu nazzjonalitajiet tant għandhom rabta sfiqa mal-ilsna li jużaw, li wieħed jinsa li hemm kliem ieħor li jintuża għal dawk in-nazzjonalitajiet, u l-istess jiġri b'Ingliż u bi Brittaniku. Dawn iż-żewġ kelmiet ma jistgħux jintużaw b'mod interkambjabbli għaliex jirreferu għal popli differenti. M'hemmx xi

**Ingliż vs Brittaniku**

It-Termattwalità ta' dan ix-xahar se tixħet ftit dawl fuq termini marbuta mal-Brexit, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li qegħdin niltaqgħu magħhom spiss fit-traduzzjoni tad-dokumenti marbuta mar-Renju Unit.

Ta' min niftakru li l-isem sħiħ uffiċjali tar-Renju Unit huwa r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li huwa magħmul mill-Ingilterra, mill-Iskozja, mill-Irlanda ta' Fuq u minn Wales. Bis-saħħa tad-devoluzzjoni, dawn il-pajjiżi kostitwenti tar-Renju Unit għandhom il-gvernijiet devoluti tagħhom u saħansitra parlament jew assemblea.

Għalhekk, importanti li meta jkollna t-terminu British nittraduċuh **Brittaniku/Brittanika/Brittaniċi** (eż. ċittadin/passaport/Prim Ministru **Brittaniku**), filwaqt li t-terminu English nittraduċuh **Ingliż/Ingliża/Ingliżi)** (eż. barbun/dipartiment/Fliegu **Ingliż**).

Għal termini attwali żur is-sit tat-Terminoloġija.




ngħidu, Ingliż tirreferi għal min twieled l-Ingilterra, filwaqt li Brittaniku tirreferi għal min twieled f'wieħed mill-pajjiżi kostitwenti tar-Renju Unit, f'waħda mid-dipendenzi tal-Kuruna jew f'wieħed mit-territorji ultraperiferiċi tar-Renju Unit. Dan ifisser li ċ-ċittadini Ingliżi kollha huma ċittadini Brittaniċi, iżda mhux iċ-ċittadini Brittaniċi kollha huma ċittadini Ingliżi!

Din l-istampa turi l-ismijiet differenti li ta' sikwit niltaqgħu magħhom f'xogħolna u li jirreferu għal għadd ta' stati differenti jew għal għadd ta' pajjiżi tal-istess nazzjon. L-Arċipelagu Brittaniku (British Isles) huwa magħmul mill-Gżejjer Brittaniċi kollha flimkien mar-Repubblika tal-Irlanda. Fil-ġeografija fiżika ssir ukoll distinzjoni bejn l-Irlanda bħala Stat u l-Irlanda bħala gżira (l-art tar-Repubblika tal-Irlanda u tal-Irlanda ta' Fuq).

Minkejja li jintuża diversi drabi fuq livell akkademiku iżda anke fuq livell leġiżlattiv, jidher li t-terminu "British Isles" huwa ferm kontroversjali fir-Repubblika tal-Irlanda u fid-dawl ta' diversi oġġezzjonijiet nazzjonalistiċi, it-terminu mhuwiex rikonoxxut uffiċjalment mill-gvern tar-Repubblika tal-Irlanda. Għaldaqstant, saħansitra l-ambaxxata tar-Repubblika tal-Irlanda f'Londra tiskoraġġixxi kemm jista' jkun l-użu tiegħu. Bħalma jiġri b'ismijiet oħra ta' pajjiżi bħal pereżempju fil-każ taċ-Ċekja, fit-traduzzjoni għandna dejjem

nużaw l-ekwivalenti tat-terminu magħżul mill-awtur tad-dokument biex żgur ma jkun hemm l-ebda diżgwid politiku.

Il-Gżejjer Brittaniċi (British Islands) huma magħmula mill-pajjiżi kostitwenti tar-Renju Unit flimkien ma' Isle of Man, ma' Guernsey u ma' Jersey. Dawn l-aħħar żewġ gżejjer mhux dejjem jitqiesu bħala parti mill-Arċipelagu Brittaniku iżda iktar bħala gżejjer lil hinn mix-xatt ta' Franza.

It-terminu "British Islands" huwa stipulat fil-liġi tar-Renju Unit u mill-1889 'l hawn jirreferi għar-Renju Unit, għal Isle of Man u għat-territorju awtonomu taċ-Channel Islands (Guernsey u Jersey, inkluż il-ġurisdizzjonijiet ta' Alderney u Sark). It-Taqsima 5 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni tal-1978 tipprevedi li fi kwalunkwe Att, sakemm ma jiġix espress mod ieħor espliċitament, it-terminu "British Islands" għandu jinftiehem skont l-Iskeda 1 ta' dak l-Att, li fih paragrafu speċifiku li jiddikjara li "British Islands" tfisser proprju r-Renju Unit, iċ-Channel Islands u Isle of Man. Soġġett għall-paragrafu 4(2) tal-Iskeda 2, dak il-paragrafu speċifiku tal-Iskeda 1 għandu kemm jista' jkun japplika għall-Atti ppromulgati wara l-1889. Barra minn hekk, il-paragrafu 4(2) jistipula li d-definizzjoni ta' "British Islands", fl-applikazzjoni tagħha għall-Atti ppromulgati wara l-istabbiliment tal-Att dwar Stat Ħieles Irlandiż (Irish Free State), iżda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, tinkludi r-Repubblika tal-Irlanda. L-Att dwar Stat Ħieles Irlandiż ġie stabbilit fis-6 ta' Diċembru 1922 filwaqt li l-Att dwar l-Interpretazzjoni tal-1978 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979.

Kif spjegajna fit-Termattwalità ta' Marzu, ir-Renju Unit (United Kingdom) huwa magħmul mhux biss mill-Ingilterra, iżda wkoll mill-Irlanda ta' Fuq, minn Wales u mill-Iskozja. Passaport Ingliż ma jeżistix imma jeżisti wieħed Brittaniku. Gvern Ingliż jeżisti għall-Ingilterra imma hemm anke gvern Skoċċiż għall-Iskozja, u dawn flimkien jiffurmaw parti mill-gvern tar-Renju Unit. Il-Prim Ministru attwali tar-Renju Unit Boris Johnson inzerta Ingliż għax imwieled proprju fl-Ingilterra, iżda fil-kariga tiegħu huwa l-Prim Ministru Brittaniku għaliex jirrappreżenta r-Renju Unit kollu. Min-naħa l-oħra, fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandna d-Dipartiment tal-Ingliż li xi kultant jissejjaħ id-Dipartiment Ingliż b'referenza għal-lingwa mhux għall-pajjiż. Wieħed mill-aspetti tar-Renju Unit li wisq probabbli l-iktar li jwassal għal tfixkil huwa l-fatt li l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet sportivi fir-Renju Unit sikwit huma maqtugħin għal rashom skont il-pajjiżi kostitwenti tar-Renju Unit, għajr fil-Logħob Olimpiku, pereżempju t-tim nazzjonali tal-futbol Ingliż / Skoċċiż / ta' Wales / tal-Irlanda ta' Fuq.

Meta jseħħ il-famuż Brexit, jekk tassew iseħħ wara kollox, ir-Renju Unit bħala nazzjon wieħed bil-pajjiżi kostitwenti kollha tiegħu joħroġ mill-Unjoni Ewropea u ma jibqax iktar Stat Membru tal-UE. Madankollu, ir-Repubblika tal-Irlanda tibqa' Stat Membru tal-UE għax hija pajjiż għalih u mhijiex parti mir-Renju Unit għalkemm hija waħda mill-Gżejjer Brittaniċi. Min jaf, forsi l-pass li jmiss wara l-Brexit jista' jkun l-indipendenza tal-Iskozja u forsi saħansitra tal-Irlanda ta' Fuq u mbagħad malajr nidraw nagħmlu distinzjoni bejn id-diversi pajjiżi kostitwenti tar-Renju Unit. Sadanittant, jaqbel li aħna u nittraduċu jkollna ċar f'moħħna x'inhuma t-termini korretti differenti msemmija f'dan l-artikolett.

*Clyde Triganza huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*



© 2019 American Association for the Advancement of Science

## aħbarijiet foloz, miżinformazzjoni u diżinformazzjoni

Illum il-ġurnata, minn fost id-diversi għejun ta' informazzjoni, id-dinja diġitali u l-midja soċjali huma fost l-iktar popolari. Il-ġrajjiet kurrenti u l-aħbarijiet madwar id-dinja jinkisbu l-iktar mill-internet.

Waħda mill-problemi li qed tfeġġ iktar dan l-aħħar hija l-użu ħażin, intenzjonat jew mhux, tal-għodod diġitali. Ta' sikwit sar ikun hemm proliferazzjoni ta' **aħbarijiet foloz** (fake news) li jista' jkollhom impatt devastanti jew saħansitra jintużaw bħala arma.

Fil-fatt, fl-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru, 83 % ta' dawk li wieġbu qalu li l-aħbarijiet foloz huma ta' periklu għad-demokrazija. Sabiex issib tarf din il-problema, il-Kummissjoni Ewropea għadha kemm ipproponiet miżuri biex ikun hemm netwerk indipendenti ta' verifikaturi tal-fatti u Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni fl-UE kollha. Barra minn hekk, din is-sena twaqqaf ukoll Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Aħbarijiet Foloz u d-Diżinformazzjoni Online.

Meta wieħed jgħarbel ftit minn fejn jinbtu dawn l-aħbarijiet foloz, isib li hemm żewġ tipi prinċipali ta' informazzjoni. Hemm il-**miżinformazzjoni** (misinformation), li ma tkunx intenzjonalment ħażina, għaliex min ixerridha jemmen li tkun informazzjoni tajba.

Min-naħa l-oħra, hemm id-**diżinformazzjoni** (disinformation), li tkun intenzjonalment ħażina, għaliex min ixerridha jkun jaf li ħażina/falza.

Għal termini attwali żur is-sit tat-Terminoloġija.

# It-traduzzjoni ta' *scope*: meta "kamp ta' applikazzjoni"?

Louiselle Saunier-Borg

Il-"Kamp ta' Applikazzjoni"[1] ta' Liġi xi jkun eżatt? Fejn insibuh f'att leġiżlattiv tal-Unjoni Ewropea? Fit-traduzzjonijiet tagħna nistgħu nużaw "kamp ta' applikazzjoni", "skop", "portata", "firxa" jew "ambitu" daqslikieku jfissru l-istess ħaġa?

| 767373 | |
|---|---|
| **international agreement** [INTERNATIONAL RELATIONS > international affairs] LAW (12) | |
| en | ambit |
| | coverage |
| | scope |
| fr | champ d'application |
| | portée |
| it | ambito di applicazione preferred |
| | campo di applicazione |
| | portata |
| mt | ambitu deprecated |
| | kamp ta' applikazzjoni |

B'dan l-artiklu se nipprova nwieġeb dawn il-mistoqsijiet mingħajr ma niddevja mill-importanza tal-użu tal-frażi "kamp ta' applikazzjoni" fil-kuntest leġiżlattiv tal-UE. Hawnhekk qed nirreferi għall-memo li fl-2014 kienet iddawret mad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea fejn wara qbil interistituzzjonali ntlabna mill-kapijiet tal-istess dipartiment biex f'kuntest legali u fit-


IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TRADUZZJONI

Unità MT-03 Id-Dipartiment tal-Lingwa Maltija

Memo lill-istaff tad-Dipartiment

It-3 ta' Awwissu 2011
2011007

**Suġġett:** **It-traduzzjoni tal-kelma "scope" (champ d'application) fil-leġiżlazzjoni**

**1. Sfond**

Il-ġuristi-lingwisti Maltin fis-servizz ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar għarrfuna li qed isibu xi dokumenti legali tradotti mid-Dipartiment Malti li qed jużaw it-terminu **ambitu** bħala ekwivalenti għat-terminu bl-Ingliż, **scope**.

Fil-korrispondenza tagħhom l-avukati Maltin spjegawlna li hemm qbil interistituzzjonali li tintuża **kamp ta' applikazzjoni** bħala ekwivalenti għal **scope** bl-Ingliż, mhux **ambitu**. Dan huwa anki kkonfermat mill-*Gwida Prattika Komuni*, ed. 2008 (l-iktar riċenti - imfassla mill-Kummissjoni, il-Kunsill, u l-Parlament, u ffirmata mis-Servizzi Ġuridiċi tat-tlieta li huma), fejn tintuża l-frażi **kamp ta' applikazzjoni** kullimkien għal **scope**. Għalhekk mhuwiex il-każ li tintuża frażjoloġija differenti.

**2. Deċiżjoni**

Fid-dawl ta' dan il-parir, il-kapijiet tal-unitajiet fid-Dipartiment Malti qablu li jgħarrfu lit-tradutturi kollha li minn issa 'l quddiem, it-terminu **scope** għandu jkun tradott bħala **kamp ta' applikazzjoni**.

Dan japplika BISS għall-każ speċifiku msemmi fuq (ara wkoll in-nota hawn taħt). Ma jfissirx li kull fejn wieħed jara **scope**, f'kuntesti differenti, għandu jaqlibha mekkanikament, jew inkella, bħala każ ieħor, ma juża qatt il-kelma **ambitu** minkejja li tkun f'lokha f'kuntest partikolari.

**Nota:** Il-kamp ta' applikazzjoni jirreferi għall-kategorji ta' sitwazzjonijiet fil-fatt u fid-dritt u għall-persuni li għalihom japplika l-att.

Aktar tagħrif jinsab fil-*Gwida Prattika Komuni*:
http://eur-lex.europa.eu/mt/techleg/pdf/2007_6655.pdf

Carmel Attard
A/Kap tad-Dipartiment

traduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, it-termini "scope / champ d'application / ambito" nittraduċuhom dejjem "kamp ta' applikazzjoni".[2]

Governanza soda tiddependi fuq leġiżlazzjoni li twassal messaġġ tajjeb, bi kliem xieraq u frażjoloġija ekonomika permezz ta' lingwaġġ ċar, sempliċi u aċċessibbli kemm jista' jkun. Nimmaġina pittur jiskeċċja t-tpinġija tiegħu fuq tila vojta: l-ewwel jibda mill-outline biex jagħti l-forma lill-opra tal-arti tiegħu u wara jkompli jimla l-bqija bil-mod il-mod sakemm fl-aħħar jikseb ir-riżultat mixtieq. L-istess jagħmel l-abbozzatur ta' liġi: fil-quċċata ta' kull abbozz u fi ftit kliem (paragrafu jew tnejn) dejjem se jniżżel l-applikabbiltà tal-liġi inkwistjoni u wara jkompli jesprimi ruħu u jespandi fuq is-suġġett b'tali mod li l-intenzjonijiet tal-leġiżlaturi fl-abbozz ikunu riflessi b'mod preċiż kemm jista' jkun biex jinkiseb l-effett mixtieq.

Il-kamp ta' applikazzjoni jispjegalna, fost oħrajn, liema **suġġett** se tittratta l-liġi, **l-iskop**

[1] "scope" bl-Ingliż, "champ d'application" bil-Franċiż, "ambito" bit-Taljan.

[2] Memo tat-3 ta' Awwissu 2011 (2011007).

tal-leġiżlazzjoni, **l-ambitu** jew **il-firxa** tagħha, lil min se tolqot, jekk hux se jkollha **portata** transkonfinali jew le, **l-objettivi** li jridu jintlaħqu (u kultant anki dak li mhux se jkun kopert bil-liġi inkwistjoni). Pereżempju, jekk inħarsu lejn id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, naraw li l-Artikolu 1(3) tagħha jelenka liema huma l-każijiet fejn din id-Direttiva ma tapplikax. Jiġifieri l-elementi kollha li għadni kif semmejt mhux neċessarjament ikunu dejjem kollha preżenti, u dak li jkun jista' jsib xi wħud minnhom biss.

Jista' jkun ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni jkun maqsum f'dak **materjali** u f'dak **territorjali**. Ngħidu aħna, fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tiegħu, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE – jew l-hekk magħruf GDPR – jirreferi għall-kamp ta' applikazzjoni materjali u għall-kamp ta' applikazzjoni territorjali rispettivament.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni materjali, il-GDPR japplika għal kwalunkwe ppproċessar ta' *data* li jista' jidentifika persuna, bħalma huma l-kunjom, l-isem, l-email, l-indirizz IP, il-kulur tax-xagħar, il-grupp tad-demm, il-piż jew l-età u l-awtomatizzazzjoni ta' din id-*data* u l-ipproċessar tagħha b'mezzi għajr dawk awtomatizzati. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali l-GDPR tapplika *kullimkien* għall-kumpaniji li jipproċessaw id-*data* taċ-ċittadini Ewropej.

Anke jekk is-sit ma jkunx wieħed Ewropew, malli jbigħ prodott liċ-ċittadini Ewropej, dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.[3]

Jekk imbagħad inħarsu lejn l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-iskop tiegħu huwa li jiddetermina l-istess kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Huwa intiż sabiex jistabbilixxi b'mod ċar li l-Karta tapplika primarjament għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din id-dispożizzjoni ġiet abbozzata fid-dawl tal-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jobbliga lill-Unjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u skont il-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Cologne.

Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li l-"kamp ta' applikazzjoni" huwa sempliċement dak il-paragrafu fil-liġi li jispjegalna fid-dettall iżda b'mod mill-iktar ekonomiku r-*raison d'être* ta' kwalunkwe liġi.

### It-traduzzjonijiet bil-Malti

Fid-dawl tal-ispjegazzjoni li għadni kif tajt, wieħed jistaqsi: nistgħu niddeduċu li l-"Kamp ta' Applikazzjoni" huwa z-zokk li minnu jistgħu joħorġu l-frieghi "portata", "ambitu", "skop" u "firxa", jew huma kollha kunċetti separati b'tifsiriet differenti? Fit-traduzzjonijiet tagħna lkoll niltaqgħu magħhom dawn it-termini: inzertaw għandhom tifsira simili għall-aħħar iżda ma jfissrux eżatt bħal "kamp ta' applikazzjoni" fis-sens legali. Jista' jkun li d-diffikultà fl-użu tagħhom tinħoloq proprju minħabba dawn is-sottilezzi fit-tifsir? Wisq nissuspetta li ta' sikwit niġu bejn ħaltejn meta u

[3] https://www.blue2purple.com/gdpr-series-episode-4-what-is-the-material-and-territorial-application-of-gdpr/

> "... id-diżgwid jinqala' l-iktar meta nittraduċu mill-Ingliż, li b'mod frekwenti juża "scope" biex jispjega diversi kunċetti f'kuntesti differenti, filwaqt li l-Franċiż, fil-kuntest tal-liġi, ma jistax ikun ċar aktar milli hu meta jitkellem dwar ix-'champ d'application' u f'kuntesti oħra mbagħad idur għal kliem bħal 'portée' u 'étendue' ..."

f'liema sitwazzjonijiet għandna nużawhom, għax id-diżgwid jinqala' l-iktar meta nittraduċu mill-Ingliż, li b'mod frekwenti juża "scope" biex jispjega diversi kunċetti f'kuntesti differenti, filwaqt li l-Franċiż, fil-kuntest tal-liġi, ma jistax ikun ċar aktar milli hu meta jitkellem dwar ix-"champ d'application" u f'kuntesti oħra mbagħad idur għal kliem bħal "portée" u "étendue", fost oħrajn.

Fil-fatt meta ndagajt ftit mal-avukati sħabi l-oħra, kif ukoll wara tiftix intensiv f'diversi dizzjunarji, joħroġ ċar li *fil-kuntest legali* l-aktar għażla idonea hija "kamp ta' applikazzjoni" mentri t-termini l-oħra "ambitu", "skop" u "portata" jew "firxa" huma adattati aktar għal sitwazzjonijiet u kuntesti ġenerali. Il-kollega Alan Xuereb, pereżempju, fissirli kif il-Qorti tal-Ġustizzja "portata" tin-tuża bħala traduzzjoni tal-kelma "portée" jew "scope" u simili għal "firxa". Kollega oħra, Glorienne Portelli, din id-darba mill-Kunsill, spjegatli li għal "scope" huma jagħmlu distinzjoni bejn "ambitu" u "kamp ta' applikazzjoni" u qatt ma jużaw "portata" jew "firxa" bħala t-traduzzjoni ta' "scope". Ħarsa lejn l-IATE turi li għat-terminu bil-Malti "portata", fil-kuntest ġuridiku, tingħata t-traduzzjoni ta' "legal significance" (entrata Nru 1229589), filwaqt li għal "firxa" l-entrati li hemm fl-IATE huma kollha ta' natura teknika

| 1229589 | |
|---|---|
| LAW (12) | |
| en | legal significance |
| fr | portée juridique |
| it | effetto costitutivo |
| mt | portata ġuridika |

u mhux legali. Colette Bugeja, kollega avukat oħra u li taħdem il-Kummissjoni, qaltli li hi l-aktar li tuża huma "ambitu" u "kamp ta' applikazzjoni" li tarahom kważi jfissru l-istess iżda "portata" u "firxa" ftit li xejn tużahom fis-suġġetti li tittraduċi. Kitbitli li "ambitu" tużaha speċjalment meta s-sens ikun "fil-kuntest ta'". Traduttriċi fl-unità tiegħi, li għal kuntrarju tal-kollegi li semmejt mhix ġejja minn sfond akkademiku legali, innutat li għalkemm waqt ir-reviżjonijiet li tagħmel ħafna drabi l-kuntest jagħmilhielha faċli tinduna meta t-terminu "kamp ta' applikazzjoni" jkun intuża ħażin, "il-kuntest mhux dejjem ikun biżżejjed".

**Bejn ambitu u ieħor**

Nixtieq nagħti xi ftit eżempji konkreti fejn it-traduzzjoni tal-kelma "*scope*" (jew "ambito" jekk mit-Taljan) bħala "kamp ta' applikazzjoni" tkun żbaljata. Fid-dizzjunarju ta' Aquilina, li mhuwiex dizzjunarju ta' termini legali, insibu dimensjoni differenti għall-kelma "ambitu" għax bl-Ingliż jagħti "competence", fis-sens ta' kapaċitajiet/għarfien ta' dak li jkun. Bħal, ngħidu aħna, meta wieħed ma jħossux komdu jitkellem dwar suġġett għax ma jkollux biżżejjed għarfien jew ma jkollux mandat biex

jitkellem dwaru – "I don't discuss matters which are not within my competence". Bla dubju, f'dan il-kuntest ma niktbux "kamp ta' applikazzjoni". Dan ikompli jsaħħu dak li ġeneralment insibu fit-teżawri għall-kelma "ambitu" – ħila, kapaċità, kompetenza, abbiltà, kwalifikazzjoni, sfera, qasam, kuntest. Anki l-Larousse Français/Italien, bħala waħda mit-tifsiriet li jagħti għal "ambito" hija "milieu (professionnel, familial) – nell'ambito delle mie ricerche – dans le cadre de mes recherches".

Huwa minnu wkoll li diversi drabi l-kelma "scope" nużawha biex infissru l-limiti ta' xi ħaġa (jew in-nuqqas tagħhom). Miz-Zanichelli: "An undertaking of wide scope – un'impresa di grande portata". L-Oxford English Dictionary għal "scope" jagħti "1. The extent of the area or subject matter that something deals with or to which it is relevant" u "2. The opportunity or possibility for doing something".

Każ ieħor fejn ma nkunux qed nirreferu għall-kamp ta' applikazzjoni fil-kuntest legali jkun jekk qed nirreferu għal-libertà ta' dak li jkun li jieħu xi tip ta' azzjoni jew il-possibbiltajiet li jagħmel għażla minn oħra, jew pereżempju meta wieħed ma tantx ikollu fejn jimraħ: "there is ample scope for improvement". Anki hawn, naturalment, l-Ingliż mhuwiex juża "scope" biex ifisser "kamp ta' applikazzjoni" u rridu niċċekkjaw it-traduzzjoni anki meta titfaċċa mill-memorja ta' dokumenti tal-passat. Ikun tajjeb li f'kuntesti bħal, ngħidu aħna, rapport tal-awditu jew rapport tal-baġit, meta nkunu qed nirreferu għall-kontenut jew għall-għan tar-rapport, naraw jekk it-termini "ambitu" jew "skop" humiex aktar adattati minn "kamp ta' applikazzjoni". Innota l-użu tal-kelma "scope" f'din is-sentenza: "The Commission considers it beneficial not to limit the scope of this report to issues referred to in Regulation 5.3 of the Maritime Law Convention."

**Il-lingwa: metafora?**

Jekk nerġa' ndur għall-metafora tal-pittur u t-tila li semmejt fil-bidu nett – inkun qed nonqos jekk inkompli nikteb mingħajr ma nirreferi għal aspett filosofiku li qasam miegħi l-kollega mill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Nixtieq ngħidlek li hemm xi forma ta' distinzjoni kunċettwali bejn dawn l-espressjonijiet, imma wisq naħseb li l-użu ta' dawn it-termini (differenti u simili fl-istess ħin) huwa wieħed ta' preferenza semantika. Huwa użu metaforiku ta' termini li jiddeskrivu distanza fl-ispazju tridimensjonali tagħna f'ambitu kunċettwali: 'kamp', 'portata', 'ambitu', 'firxa' kollha huma metodi ta' kif nindikaw xi forma ta' superfiċi fiżika fir-realtà. U l-użu metaforiku tagħhom joħloq immaġini f'moħħna ta' 'distanza kunċettwali' li però hi metaforika mhux reali.

M'hemm l-ebda distanza fil-kamp ta' applikazzjoni ta' liġi. M'hemm l-ebda tridimensjonalità fl-'ambitu' legali. Il-portata ta' pallottola ħierġa minn karabina jew dik tal-emissjonijiet tar-radju, jew tal-gravità ta' pjaneta, wieħed jifhimha, għax fiżika, però l-'portata ta' regolament fil-pajjiżi tal-Unjoni' hija metafora. Għalkemm hemm ukoll element ta' fiżiċità minħabba li qed nitkellmu fuq territorju, iżda ma hemm l-ebda radjazzjoni jew avveniment fiżiku li qed jemana minn sors fiżiku fuq il-pajjiżi tal-Unjoni. Hemm biss 'ordni' kunċettwali mogħti lill-pajjiżi li jaċċettaw l-awtorità ta' dak is-sors." Naqbel mal-idea ta' Alan Xuereb li l-kunċett huwa pjuttost fittizju u viżwali aktar milli wieħed tanġibbli jew fiżiku.

**Eżempji mit-traduzzjoni**

Nixtieq nikkonkludi billi nagħti xi ftit eżempji meħudin mill-Euramis fejn jidhirli li "kamp ta' applikazzjoni" ntużat b'mod skorrett u oħrajn fejn għal "scope" it-traduttur qagħad attent li ma jagħżilx awtomatikament il-frażi "kamp ta' applikazzjoni". Idealment għandna nkunu kreattivi biex nirriflettu dak li hemm fl-oriġinal. Intenni li aħna u nittraduċu att leġiżlattiv, fl-artikolu li jiddeskrivi x'se tittratta eżatt il-liġi inkwistjoni, dejjem għandna nużaw il-frażi "kamp ta' applikazzjoni" bħalma ġie kkomunikat lit-tradutturi formalment.

| | |
|---|---|
| **EN:** The Commission decided today to refer the United Kingdom to the Court of Justice of the EU for extending the **scope** of a VAT measure which allows VAT derogations for certain commodity markets. | **MT:** Illum il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lir-Renju Unit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE talli estenda l-ambitu ta' miżura tal-VAT li tippermetti li jkun hemm derogi tal-VAT għal ċerti swieq tal-prodotti bażiċi. |
| **EN:** 20 % - **scope** and schedule of the geological works, including geological operations, or mining operations proposed; | **MT:** 20 % - l-ambitu u l-iskeda tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni proposti; |
| **EN:** the aim, **scope** and nature of geological works, including geological operations, or mining operations and information about the works to be carried out to achieve the intended objective and the technologies to be used; | **MT:** l-għan, l-ambitu u n-natura tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni u informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu biex jinkiseb l-għan intenzjonat u t-teknoloġiji li għandhom jintużaw; |

Fl-eżempji t'hawn fuq jidher li t-traduttur qies is-sens ta' dak li jrid iwassal lill-qarrej.

| | |
|---|---|
| **EN:** Moreover, the EDPB has some additional concerns with regard to the necessary checks to comply with the onward transfer requirements, the **scope** of meaning of HR Data and the recertification process, as well as to a list of remaining issues raised after the first joint review which are still pending. | **MT:** Barra minn hekk, l-EDPB għandu xi tħassib addizzjonali fir-rigward tal-verifiki meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti ta' trasferiment ulterjuri, mal-kamp ta' applikazzjoni tat-tifsira ta' Data tal-HR u l-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, kif ukoll ma' lista ta' kwistjonijiet pendenti li tqajmu wara l-ewwel rieżami |
| **EN:** As such, the guidelines explore the rationale for certification as an accountability tool, provide explanations for the key concepts of the certification provisions in art. 42 and art. 43, explain the **scope** of what can be certified and outline the purpose of certification. | **MT:** Bħala tali, il-linji gwida jesploraw ir-raġunament għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda ta' responsabbiltà, jipprovdu spjega għall-kunċetti ewlenin tad-dispożizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni fl-Artikolu 42 u l-Artikolu 43, jispjegaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak li jista' jiġi ċertifikat u jispjegaw l-għan taċ-ċertifikazzjoni. |

Jien jidhirli li hawn fuq "kamp ta' applikazzjoni" ntużat ħażin.

| | |
|---|---|
| **EN:** **Scope** for further enforcement action | **MT:** Kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni ta' infurzar ulterjuri |

Hawnhekk ukoll – kieku jien kont nittraduċi – "lok għal azzjoni ta' infurzar ulterjuri".

| | |
|---|---|
| **EN:** The **scope** for mitigating the impacts in this situation would be limited. | **MT:** Il-possibbiltajiet li jiġu mitigati l-impatti f'din is-sitwazzjoni jkunu limitati. |

L-aħħar eżempju nqisu li qed irendi sew is-sens tal-oriġinal.

*Louiselle Saunier-Borg hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

## MILL-GĦATBA 'L BARRA
*Aspetti oħra*

# L-użu "ħażin" ta' kliem u espressjonijiet bl-Ingliż fit-testi tal-UE

Marija Agius

Poġġi flimkien mijiet ta' impjegati tal-UE ġejjin minn 28 pajjiż, bl-Ingliż bħala l-ewwel, it-tieni, it-tielet jew ir-raba' lingwa tagħhom. Dawn iridu jitkellmu, jiktbu u jippubblikaw eluf ta' paġni bl-Ingliż. X'jiġri?

Tul is-snin, l-Ingliż fl-Istituzzjonijiet tal-UE qabad triq li kultant tbiegħdu mill-Ingliż standard. Kemm nistgħu ngħidulu Ingliż, l-Ingliż tal-UE? Fih kliem u espressjonijiet li fl-Ingliż ma jeżistux, tant li l-kelliem nattiv tal-Ingliż ma jifhimhomx. Fit-tabella iktar 'il quddiem nuri kif il-kelma *agenda* tintuża biex tfisser dak li l-Ingliżi jirreferu għalih bħala *diary*. Insibu wkoll kliem li t-tifsira tiegħu tittieħed minn xi lingwa oħra, bħall-Franċiż, lingwa oħra importanti ferm għall-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-UE. Għalissa se nsemmi biss il-każ ta' *delay* biex infissru 'skadenza', minħabba l-interferenza tat-tifsira ta' *délai* mill-Franċiż. Naraw eżempji oħra iktar tard.

Problema din, li t-tifsira ta' dan il-kliem jaf lanqas biss issibha f'dizzjunarju tal-Ingliż! U min qed jaqra se jifhem, jew se jifhem ħażin? U t-traduzzjoni kif se ssir allura? Dawn id-devjazzjonijiet, dawn l-invenzjonijiet ta' kliem u vokabularji ġodda, ristretti għall-kuntest Ewropew ingħataw ismijiet differenti. Dan il-



"Take this mission statement back and rewrite it. More mumbo and less jumbo."

lingwaġġ hemm min isejjaħlu Eurospeak,[i] oħrajn isejħulu Eurenglish[ii]. Iżda għall-finijiet tal-oġġettività, u anki għax ħafna minn dawn il-laqmijiet jorbtu magħhom togħma ċinika u satirika, nippreferi nitkellem dwaru dan il-fenomenu, iktar milli ntih isem.

Fl-2016, Jeremy Gardner, lingwista u traduttur mal-Qorti tal-Awdituri, ippubblika aġġorna-ment tad-dokument tiegħu intitolat "*Misused English words and expressions in EU publications*",[iii] wara l-ewwel edizzjoni ppubblikata fl-2013. Jitkellem dwar it-tipi differenti ta' "devjazzjonijiet" mill-Ingliż standard u jagħti lista ta' madwar 100 kelma jew espressjoni. Għal kull waħda minnhom, Gardner jispjega xi tfisser meta tintuża fil-Eurospeak u jikkuntrasta t-tifsira tagħha mal-Ingliż nattiv, jagħti eżempju fil-prattika minn dokumenti tal-UE, u jissuġġerixxi kif tista' tintuża kelma jew espressjoni oħra li jifhimha anki min mhux familjari mal-*jargon* tal-UE.

F'din it-tabella nagħti titwila lejn xi eżempji mil-lista li nsibu fl-artiklu ta' Gardner:

| Kelma/espressjoni | Tifsira skont il-Eurospeak | Eżempju fil-prattika | Alternattivi |
|---|---|---|---|
| action | Jgħid li tintuża bosta drabi "with a meaning akin to *scheme*, *measure* or *project*." | "Actions are taken, implemented, executed, performed, pursued [...]"<br><br>"Measures may include specific actions for the development of the e-Government..." | Jidher li hawn, il-kelma *action*, l-awtur qed jużaha meta ma jkunx ċert x'verb juża man-nom. Gardner tal-idea li l-awtur ikun speċifiku kemm jista' jkun, u minflok *action*, juża *scheme*, *project*, jew *measure*, skont il-kuntest. |
| actual | "Sometimes used to refer to something that is happening now. However, in English it | "... based on the actual regulations and on the probable adjustments." | *current*, *present*, *ongoing* |
| agenda<br><br>Kelma li tintuża ħafna bejn l-impjegati tal-UE, speċjalment fit-taħdit u bl-email. | "a list or programme of things to be done or considered and not a book to write down appointments." | "Kindly write this appointment down in your agenda."[iv]<br><br>Sal-2004, il-Franċiż kien il-lingwa li tintuża l-iktar bejn l-impjegati tal-UE. Dan huwa eżempju ċar tal-interferenza ta' | *diary* |
| coherent/coherence | "Coherent means *logical, consistent and orderly* or *capable of logical and orderly thought.* In the former meaning, it is generally an internal characteristic of an argument or a publication [...] in the latter meaning, it is an internal characteristic of a person or a thing."<br>Fl-Ingliż tal-UE, qiegħda tintuża fis-sens ta' *fi qbil/ konkordanza ma'* xi kunċett. | "The proposed Framework Programme is coherent with the objectives of the [...]" | *consistent/consistency* |
| define/definition | "Define means *to state the precise meaning of*". | "The main tasks and activities [...] shall be [...] (b) to define and carry out the annual implemenatation plan referred to in [...]" | Fil-kuntest tal-UE, qed tintuża ħafna biex tirreferi għal *establish*, *set out, lay down jew illustrate.* |
| delay | "*Delay* is often used in the EU to mean *deadline* or *time limit*. In English, on the other hand, *delay* always refers to something being late or taking longer than is necessary." | "In order to respect the delay for transmission, the Commission can make small changes to [...]" | Dan hu eżempju ieħor tal-influwenza tal-kelliema Franċiżi fuq l-Ingliż li jużaw fl-UE. Dan hu każ klassiku ta' *false friend*: "délai" bil-Franċiż tfisser *skadenza, il-ħin li jingħata biex issir xi ħaġa,* u mhux *dewmien.*[v] Gardner jissuġġerixxi li l-kittieba jużaw *time limit, deadline, time allowed.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| eventual/ eventually | "*Eventual* means *'occurring at some unspecified time in the future*; *eventually* means *'in the end*. However, in EU texts, these words are often used with a meaning akin to *possible* and *possibly*." | "They both opposed an <u>eventual</u> imposition of anti-dumping measures [...]; The results thus obtained will be taken into consideration by the Commission with regard to an <u>eventual</u> new request for derogation." | Hawnhekk ukoll għandna eżempju ta' *false friend* mal-Franċiż: *éventuel* tintuża biex tiddenota xi ħaġa li x'aktarx se tiġri (*probabbiltà*), u allura turi iktar minn *possibbiltà* li tiġri.<br>Gardner jissuġġerixxi *possible*, *any*, *the possibility of*. Jissuġġerixxi wkoll ir-riformulazzjoni tas-sentenzi, b'tali mod li jiġi evitat l-użu żbaljat ta' din il-kelma.<br>Eż: <u>Eventual</u> claims should be sent to the paying office > If you wish to make a claim, please write to the paying office.<br>L-awtur seta' wkoll juża *any* minflok irriformula s-sentenza sħiħa, u l-idea tal-*possibbiltà* kienet tasal xorta waħda. |
| formulate | "*Formulate* is heavily over-used in our documents. It means '*to put into or express in systematic terms*', '*to express in a formula*' or '*to devise*'. In our work, it is often overused with a meaning akin to '*draw up*' *or* | "This is estimated at EUR 646,832, covering [...] and [...] to <u>formulate</u> urgent safety communications." | Gardner jipproponi l-użu ta' *draft, draw up, produce, prepare*, termini speċifiċi għall-kuntesti differenti, minflok terminu ġeneriku. |
| jury | "A group of people sworn to deliver a true verdict according to the evidence upon a case presented in a court of law. [...] also used in talent shows. In English, it is never used in the context of recruitment." | "The audit of recruitment procedures showed that the selection of applicants invited for an interview [...] was made by only one member of the <u>jury</u>." | Każ ieħor ta' *false friend* mal-Franċiż, fejn *jury* normalment tintuża wkoll fil-kuntest tar-reklutaġġ.<br>Gardner jissuġġerixxi *selection board*, *selection panel*. |
| travel | "A little bit of confusion as to the difference between the words *travel* and *trip*. [...] *Trip* is countable, *travel* is not", sakemm mhux se nidħlu fid-dinja ta' Gulliver. | "However, several stakeholders are in favour of the development of a standardised parental consent for <u>travels</u> in and out of the Schengen area." | Hawnhekk għandna l-istess mekkaniżmu tal-każ ta' *action*, fejn nom li jirreferi għal azzjoni ġenerika, jintuża biex jiddenota azzjoni waħda speċifika.<br>Hawnhekk l-awtur ifakkarna li *travel* huwa nom ġeneriku (vjaġġar), u *trip* jew *journey* tintuża għal vjaġġ wieħed. |

L-interferenzi mill-Franċiż fuq l-Ingliż użat fl-istituzzjonijiet Ewropej qed ikollhom impatt kbir fuq l-Ingliż li jintuża fl-abbozzar tad-dokumenti oriġinali. Huwa faċli li t-traduzzjoni tiġi influwenzata minn dan l-idjolett li jinħoloq fl-ambjent ristrett tal-UE.

**U fil-Malti?**

Din ir-realtà ta' kliem li jibdel xi ftit it-tifsira oriġinali tiegħu teżisti wkoll fil-Malti. Innutajt diversi każijiet fejn ċertu kliem jassumi tifsira differenti, kemm bil-miktub u anki bil-fomm.

Pereżempju, ta' sikwit nisma' l-avverbju *attwalment* - li jfisser *fil-preżent* jew *bħalissa* - jintuża invarjabbilment minflok *fil-verità*, bħal f'din is-sentenza. "Attwalment, il-Kummissjoni naħseb li tista' tagħmel aktar biex twassal il-messaġġ tagħha liċ-ċittadini Ewropej." Naħseb li din id-drawwa hija influwenzata mill-frażi tawtoloġika tal-Ingliż *in actual fact*[vi] u nistgħu nqisuha wkoll bħala każ ta' *false friend* mal-avverbju *actually* mill-Ingliż.

Bħalma jiġri fl-Ingliż, il-verb *ifformula* jintuża anki f'kuntesti fejn *fassal/stabbilixxa/ħoloq/ipprepara* jindikaw azzjoni iktar preċiża. "Barra minn hekk, il-Kunsill ta bidu għal proċeduri [...] u *ffformula* rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu [...]."[vii]

Dawn id-devjazzjonijiet mill-pubblikazzjonijiet tal-UE narawhom anki f'pubblikazzjonijiet nazzjonali. Il-kwotazzjoni li ġejja meħuda minn dokument uffiċjali tal-gvern, ippubblikat fl-2010 bil-għan li jfassal abbozz għal Politika Kulturali Nazzjonali:

"Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport ifformula l-Politika Kulturali Nazzjonali 2010 u identifika l-kwistjonijiet ta' politika li għandhom iservu ta' linji gwida għas-settur kulturali."[viii]

Is-sentenza li jmiss dehret f'Rapport tal-Ministeru tas-Saħħa u l-Enerġija ppubblikat fl-2015: "Fl-2015, id-Direttorat ifformula wkoll linji gwida għal spezzjonijiet f'teatri tal-operazzjonijiet, u linji gwida biex jiġu evitati infezzjonijiet waqt proċessi ta' tatwaġġ."[ix]

Fl-eżempji kollha, il-verbi *fassal, stabbilixxa, ħareġ bi*, kienu jkunu kollha adattati fil-kuntest.

**Konklużjoni**

Għalfejn saret ir-riċerka ta' Gardner? Filwaqt li jafferma li l-Ingliż huwa fost l-aktar lingwi mitkellma fid-dinja, li l-Ingliż huwa lingwa uffiċjali fi 88 pajjiż, u li allura konxju tal-forom diverġenti tiegħu, Gardner jinsisti li l-pubblikazzjonijiet Ewropej bl-Ingliż iridu jinftiehmu mill-udjenza li taqrahom, fil-parti l-kbira Ingliża u Irlandiża (almenu għalissa!). Allura jeħtieġ li dawn isegwu gwida li tirrifletti l-użu tal-Ingliż fir-Renju Unit u fl-Irlanda.

L-istorja riċenti wrietna u kuljum turina li parti kbira taċ-ċittadini Ewropej huma maqtugħin mill-Unjoni Ewropea u ftit huma infurmati dwar ir-rwol fundamentali li din għandha fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Ta' min wieħed jgħid li meta l-Irlanda rrifjutat it-Trattat ta' Lisbona fl-ewwel referendum tal-2008, in-nuqqas ta' ċarezza tat-trattat stess kien fost ir-raġunijiet imniżżla.[x] Iktar qrib tagħna, waħda mill-iktar mistoqsijiet li l-Ingliżi staqsew wara l-vot tal-Brexit kienet "X'inhi l-UE?".[xi] Huwa propju minħabba din il-ħtieġa għal komunikazzjoni effettiva li d-dokumenti tal-UE jridu jkunu ċari, diretti u jinftiehmu minn dawk li se jaqrawhom.

Minbarra l-obbligazzjonijiet legali, kulturali u soċjali li wasslu lil Gardner jippubblika dan ir-rapport, ta' min iżid li iktar ma nkunu ġeneriċi fl-għażla tal-vokabularju tagħna, iktar niftaqru f'dik li hi espressività.

Huwa ċar li l-intenzjoni tal-awtur ta' din il-pubblikazzjoni, u tiegħi wkoll, mhijiex li jippreskrivi l-lingwa, jew li jiddetta xi triq għandha tieħu fil-kuntest tal-UE, iżda li sempliċiment jurina x'qiegħed jiġri. Madankollu, tul ir-rapport donni nisimgħu jistaqsi din il-mistoqsija: jekk hemm iċ-ċans li nżommu għaxar espressjonijiet ħajjin, għalfejn għandna nirriduċuhom għal tnejn jew tlieta?

---

[i] https://en.wiktionary.org/wiki/Eurospeak
[ii] https://www.newyorker.com/magazine/2013/07/29/eurenglish-101. F'dan l-artiklu interessanti naraw kif Gardner stess, traduttur, lingwista, u eks lettur huwa wkoll 'vittma' ta' dan il-fenomenu li tant huwa konxju u li tant jikteb dwaru.
[iii] http://termcoord.eu/2017/01/misused-english-words-and-expressions-in-eu-publications/
[iv] Dan l-eżempju mhux meħud mid-dokumenti tal-UE.
[v] http://www.larousse.fr/dictionnaires/francais/d%C3%A9lai/23021?q=delai#22905
[vi] https://en.oxforddictionaries.com/definition/in_actual_fact
[vii] europa.eu/rapid/press-release_PRES-10-200_mt.pdf
[viii] https://maltaculturalpolicy.wordpress.com/
[ix] Ministry for Energy and Health – Consolidated Annual Report 2015.pdf
[x] https://www.brusselsjournal.com/node/3340 Soeren Kern, jirreferi għal din il-Kostituzzjoni bħala "virtually unreadable treaty". Mat-tieni referendum, it-Trattat ġie aċċettat u ratifikat fl-2009.
[xi] https://www.washingtonpost.com/news/the-switch/wp/2016/06/24/the-british-are-frantically-googling-what-the-eu-is-hours-after-voting-to-leave-it/?utm_term=.fc75fb4b9f0b Dan l-artiklu tal-Washington Post jitfa' dawl fuq it-tendenzi tar-riċerki Google qabel, waqt u wara l-kampanja u l-vot għall-Brexit.

*Marija Agius hija traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

## Suġġeriment mill-Kampanja għal Kitba Ċara (l-Unità tal-Editjar tad-DĠT)

# AĦSEB FIL-QARREJ

Jekk inżommu f'moħħna lil min ikun se jaqra kitbietna, il-messaġġ tagħna jkun iktar ċar u effettiv.

Kun af sew għal min qed tikteb u aħseb dwar il-livell ta' għarfien tal-qarrej tiegħek. Id-dokument tiegħek qed tiktbu għall-esperti? Familjari mad-diskors tal-UE? Jew qed tikteb għall-pubbliku ġenerali, li aktarx mhu familjari xejn mad-diskors tal-UE jew mal-kliem speċjalizzat dwar is-suġġett?

**META TKUN QED TITTRADUĊI GĦALL-PUBBLIKU ĠENERALI:**



**Tiktibx hekk:**

L-Istati Membri jeħtieġ li jintroduċu inizjattivi li jnaqqsu l-kosti sabiex jixprunaw l-integrazzjoni sostenibbli tal-persuni żgħażagħ u bla impjieg fis-suq tax-xogħol.



**Ikteb hekk minflok**:
Kull pajjiż tal-UE jrid jieħu serje ta' miżuri biex jiżgura li ż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda jsibu xogħol fit-tul.



**Tiktibx hekk:**
L-Aġenzija adottat struzzjonijiet ta' kontroll għall-produtturi tal-agrikultura, immirati li jnaqqsu l-mortalità tal-bhejjem fl-azjendi tagħhom.



**Ikteb hekk minflok**:
L-Aġenzija daħħlet *checks* ġodda għar-raħħala biex tgħinhom inaqqsu n-numru ta' bhejjem li jmutulhom fl-irziezet.

# L-influwenza tal-Ingliż (anki) fuq il-lingwa Ġermaniża — fid-diskors ta' kuljum u fil-lingwa miktuba

Michael Apweiler

Din mhijiex analiżi xjentifika iżda pjuttost is-somma ta' impressjonijiet u esperjenza miġbura matul il-karriera professjonali tiegħi bħala traduttur u minħabba l-interess personali tiegħi fil-lingwi u fil-lingwa.

Storikament, huwa pjuttost diffiċli li wieħed jitkellem dwar "l-influwenza tal-Ingliż fuq il-Ġermaniż": dawn iż-żewġ lingwi tant huma marbuta mill-qrib, li l-influwenza taħdem miż-żewġ naħat. F'dawn l-aħħar deċennji, madankollu, dan il-fenomenu qabad direzzjoni waħda biss, u minħabba l-prossimità kbira, huwa faċli ħafna li t-termini bl-Ingliż jiżolqu fil-lingwa Ġermaniża kważi mingħajr ma wieħed jintebaħ bihom. L-Ingliż daħal fil-Ġermaniż permezz ta' numru ta' kanali: in-negozju (ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni), ix-xjenza u t-teknoloġija, l-internet u l-kompjuters b'mod ġenerali.

Il-globalizzazzjoni saħħet din it-tendenza peress li fl-oqsma tan-negozju, tar-riċerka u tal-edukazzjoni, illum il-ġurnata ftit li xejn jista' jsir fuq bażi purament nazzjonali. B'mod partikolari f'dawn l-oqsma, kulħadd juża l-Ingliż sa ċertu punt, u dan jaffettwa l-lingwa tal-kelliema stess. Naturalment, dan kollu japplika b'xi mod jew ieħor għal ħafna lingwi oħra.



**Kif**

Hemm diversi modi kif l-Ingliż jaffettwa d-diskors ta' kuljum bil-Ġermaniż:

**Vokabularju**

Dan normalment jibda bħala lingwaġġ tekniku f'oqsma li għandhom definizzjoni preċiża u dettaljata minn fejn ċerti termini mbagħad jiffiltraw fl-użu komuni:

- Kliem barrani u missellef ("download");
- Kliem barrani 'moħbi', jiġifieri kliem Ġermaniż li hu traduzzjoni letterali tat-termini Ingliżi ("Netzwerk" minflok sempliċement "Netz" li kien iservi bħala t-terminu korrett f'ħafna kuntesti);
- Partijiet ta' kostruzzjonijiet ibridi, jiġifieri kelma Ġermaniża mwaħħla flimkien ma' element mill-Ingliż ("BahnCard" għal biljett għal staġun ferrovjarju sħiħ).

**Grammatika u forom tal-kliem**

- Naturalment il-kunċett ta' nomi komposti mhuwiex ristrett għall-Ġermaniż. Madankollu, dak li l-Ġermaniż għandu differenti minn ħafna lingwi huwa li dawn jew jinkitbu bħala kelma waħda - il-famuża "Donaudampfschifffahrtsgesellschaftskapitän", jew inkella konkatenati permezz ta' singijiet. Eżempju huwa l-ismijiet tat-toroq ("Walther-von-Cronberg-Platz") u minkejja li ż-żewġ għażliet jeżistu wkoll bl-Ingliż (u xi lingwi oħra), bil-Ġermaniż jintużaw ħafna aktar. Minħabba diversi fatturi, iżda fil-fehma tiegħi b'mod predominanti minħabba l-esponiment għall-Ingliż, dawn ir-regoli m'għadhomx jiġu applikati kif suppost minn ħafna nies. Pereżempju l-isem tat-triq imsemmi hawn fuq jista' jkun miktub ħażin "Walther von Cronberg-Platz".
- Il-ġenittiv bil-Ġermaniż għandu suffiss speċifiku - fil-biċċa l-kbira tal-każi wieħed sempliċiment iżid l-ittra "s", eż. "Michaels Auto". Madankollu, aktar ma jgħaddi ż-żmien, it-tendenza hi li se ssib apostrofu qabel is-"s", u b'hekk issib "Michael's Auto". F'varjant ieħor, din il-kostruzzjoni tingħata kompleta u n-nies għandhom tendenza li jsegwu l-mod aktar faċli li tgħid "das Auto von Michael" (il-karozza ta' Michael). Minkejja li din dejjem kienet prattika komuni f'xi reġjuni tal-Ġermanja, issa hija aktar mifruxa, mingħajr dubju minħabba l-prossimità tal-Ingliż.
- Xi kliem saħansitra jibdel il-forma tiegħu: il-kelma "schockiert" (oriġinarjament eqreb lejn "choqué", mill-Franċiż) ġiet sostitwita kważi kompletament minn "geschockt", li tixbah iktar lil "shocked", mill-Ingliż.
- Anki l-grammatika jew l-użu tal-istil jistgħu jinbidlu minħabba l-influwenza tal-Ingliż: ħafna nies issa jużaw xi verbi b'oġġett dirett minflok indirett. Pereżempju jgħidu "ich erinnere das" (I remember that) minflok il-forma korretta bil-Ġermaniż "ich erinnere mich daran". Jew minflok il-forma korretta "im Jahr 2010" (in the year 2010), jużaw il-kostruzzjoni Ingliża "in 2010".

- *Code mixing* u *code switching*: b'mod partikolari f'kuntesti tan-negozju u dawk organizzattivi, in-nies qed idaħħlu dejjem aktar mhux biss kliem bl-Ingliż, iżda wkoll espressjonijiet u frażijiet sħaħ fil-konverżazzjoni Ġermaniża tagħhom; u dan ukoll qiegħed bil-mod il-mod jidħol fl-użu ta' kuljum. Waqt diskussjonijiet bil-Ġermaniż fuq it-televiżjoni, ġieli tisma' frażijiet sħaħ bl-Ingliż – pereżempju "last but not least" (eżempju mogħti mill-kollega Tony Gaffiero).

- F'ċerti oqsma tax-xjenza u n-negozju dak li jkun jaqleb kompletament għall-Ingliż, sal-punt li anke kelliema nattivi Ġermaniżi jitkellmu bl-Ingliż bejniethom għax jidraw hekk. Naturalment, dan ma jfissirx li jiġri hekk fid-diskors ta' kuljum b'mod daqstant faċli, iżda xi elementi tat-taħdit jinżlu wkoll f'dan il-livell.

**Għaliex**

Fil-fehma tiegħi, hemm diversi raġunijiet għaliex il-vokabularju u l-espressjonijiet bl-Ingliż qed jintużaw iktar fil-Ġermaniż.

- In-nuqqas fl-ekwivalenza. Ma jkunx hemm kelma ekwivalenti. Din hi r-raġuni l-aktar ovvja. F'ċerti oqsma, it-termini jkollhom tifsira speċifika ħafna li ma tistax tiġi espressa b'kelma Ġermaniża.

- Il-globalizzazzjoni. Illum mhux biss ix-xjenza u n-negozju jkollhom jużaw l-Ingliż fuq bażi ta' kuljum, għax kważi kulħadd, ta' kuljum, jiġi f'kuntatt mat-termini u l-espressjonijiet bl-Ingliż.

- Il-"moda". Jidher li ħafna nies iħossu li l-kliem bl-Ingliż jagħmel il-kontenut ta' diskorshom aktar interessanti.

- Il-"camouflage". Marbut mal-punt preċedenti imma dan huwa aspett iktar sottili. Xi drabi, l-Ingliż jintuża għaliex jippermetti aktar ambigwità, jinftiehem anqas faċilment jew fl-estrem sempliċiment jaħbi l-fatt li dikjarazzjoni ftit li xejn għandha sustanza.

- L-għażż intellettwali. Ħafna nies jgħidu "downloaden" (bis-suffiss Ġermaniż!), "Display", "Coffee to go", "voten", eċċ., l-aktar minħabba li l-kelliema ma jagħmlux sforz biex ifittxu l-ekwivalenti bil-Ġermaniż, iżda xi drabi wkoll minħabba li ma jkunux ċerti jekk hemmx kelma Ġermaniża partikolari li hija verament ekwivalenti għat-terminu Ingliż.

Dak li huwa interessanti huwa li kultant kelma ta' oriġini Ingliża tintuża fil-Ġermaniż għal xi ħaġa li fl-Ingliż stess ikollha isem differenti (ġieli anki jekk diġà jkun hemm kelma bil-Ġermaniż għaliha). Pereżempju tintuża "Handy" għal mowbajl, meta miflokha wieħed jista' faċilment juża "Mobiltelefon", imma fil-fatt huma l-ftit li jagħmlu hekk.

Dan l-iżvilupp fil-lingwa hu proċess dinamiku, u ħafna minn dan it-tħassib jikkonċerna prinċipalment il-lingwa mitkellma. Madankollu, f'ħafna każijiet diġà sab triqtu fil-kitba wkoll.

*Michael Apweiler kien traduttur mal-Kummissjoni Ewropea fid-Dipartiment Ġermaniż. Fil-biċċa l-kbira kien jittraduċi mill-Ingliż, imma wkoll mill-Franċiż, l-Olandiż, it-Taljan u l-Malti. Michael issa telaq mil-Lussemburgu u qed jgħix fi Frankfurt, fejn kien ftit sorpriż li hemm ukoll sab taħlita estensiva ta' lingwi.*

# It-traduttur Ludvic Azzopardi Ferrando

Intervistat għal *l-aċċent* minn David Schembri

Hemm dgħajsa fil-maltemp. Il-baħar imqalleb, u d-dgħajsa tielgħa u nieżla mal-mewġ iħabbat magħha, taħt sema msaħħab bix-xita traxxax. Mhijiex xena minn ktieb li Ludvic Azzopardi Ferrando ttraduċa, iżda hija x-xbieha li jagħżel biex jiddeskrivi x-xogħol ta' traduttur letterarju: "Kull element jirrappreżenta sfida għat-traduttur, u jrid kemm jista' jkun, b'bagalja ta' informazzjoni disponibbli għalih, jieħu għażliet infurmati. L-għażla li jagħmel traduttur mhijiex neċessarjament l-għażla ta' traduttur ieħor, u huwa għalhekk li t-traduzzjoni qatt ma hija xogħol lest, għax l-għażliet tant huma kontinwi u varji li huwa impossibbli tasal għat-traduzzjoni perfetta: dejjem ħa ssib xi ttejjeb, xi tbiddel, x'tirranġa".



Ludvic Azzopardi Ferrando

Ritratt: David Schembri

Ludvic huwa veteran tat-traduzzjoni fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: beda l-karriera tiegħu ta' traduttur mal-Kummissjoni Ewropea fi Frar tal-2004, saħansitra qabel Malta daħlet fl-Unjoni, u ftit snin wara mar jaħdem il-Parlament Ewropew, dejjem fil-Lussemburgu, fejn issa ilu madwar 12-il sena.

Tul dan iż-żmien, tista' tgħid li Ludvic kien f'dgħajsa oħra, dik tat-traduzzjoni uffiċjali bil-Malti, fejn seta' jesperjenza direttament kemm kien irid isir xogħol biex it-traduzzjoni bi lsienna tkun tista' ssir fil-livell ta' lingwi oħrajn. "Waħda mill-affarijiet li kienu verament ċari mill-bidu nett kienet il-bżonn ta' terminoloġija. Il-ħtieġa li l-Malti jimraħ f'oqsma tekniċi u xjentifiċi. Testi oriġinali li ppreżentaw sottilezzi u distinzjonijiet li ħolqu l-bżonn ta' termini ġodda anki fejn qabel stajna konna moqdija."

Minn dak iż-żmien, kif anke jixhed il-IATE (iate.europa.eu), saru passi kbar 'il quddiem f'dan il-qasam, u Ludvic - li parti mir-rwol tiegħu fil-Parlament Ewropew huwa ta' terminologu - jinnota li l-Malti qed jadatta għal dan il-vokabularju aktar sinjur. "Rajna numru ta' ċirkostanzi fejn għaxar, ħmistax-il sena ilu ċerti termini li ġġenerajna kienu jidhru aljeni għaliex konna mdorrija nużaw il-verżjoni Ingliża, mentri llum il-ġurnata tara anke għadd ta' istituzzjonijiet jintegrawhom u

jużawhom... Naturalment hemm termini li diġà integraw, oħrajn li għadhom fil-fażi ta' integrazzjoni u termini oħrajn li sabu reżistenza. Proċess komuni għal kull lingwa."

Tul dawn is-snin, ix-xogħol rah jinbidel: diġà semmejna l-IATE u t-termini bil-Malti, iżda issa hemm ukoll għodod teknoloġiċi li lit-traduttur jistgħu jgħinuh. Jippreżentawlu, madankollu, sfidi differenti. "Waħda mill-isfidi li naħseb it-traduttur illum qiegħed jaffronta huwa kif jadatta għall-użu ta' għodod ġodda ta' traduzzjoni pereżempju t-traduzzjoni bil-magna (machine translation - MT). Fejn minkejja qed nitkellmu fuq għodod utli immens li jiffaċilitaw sew il-proċessi ta' traduzzjoni, it-traduttur jeħtieġlu janalizza sew it-test offrut mill-MT biex ma jispiċċax temporanjament għami għall-perċezzjoni tal-iżbalji u għat-tibdiliet li jeħtieġlu jagħmel. Żbalji sew grammatikali sew sintattiċi li minkejja t-traduttur altru milli jkun konxju tagħhom jissugraw iqarrqu bih. L-adattament tat-traduttur jimplika għalhekk għarfien sħiħ tad-diffikultajiet, konċentrazzjoni, qari attiv, reviżjoni u użu ta' riżorsi disponibbli li jwassluh biex joħloq mhux biss traduzzjoni, iżda waħda ta' kwalità."

Minkejja li xogħlu fit-traduzzjoni beda fit-traduzzjoni letterarja, kien biss fl-2017 li traduzzjoni minn tiegħu sabet ruħha fuq l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba Maltin. Il-ktieb inkwistjoni huwa *Iżżewwiġt Vegana*, ktieb awtobijografiku tad-direttur Taljan Fausto Brizzi, maħruġ għas-suq Malti biex jappella għal dawk il-ġenerazzjonijiet li huma familjari mal-kultura Taljana bis-saħħa tat-televiżjoni.

Minkejja li biex taqrah *Iżżewwiġt Vegana* huwa ħafif u divertenti, ix-xogħol biex jinqaleb għall-Malti ma kien xejn minn dan. Immorru lura għad-dgħajsa fil-maltemp li bdejna biha.




Minħabba li dan ix-xogħol jittratta r-relazzjoni tal-protagonisti mal-ikel: il-kċina omnivora Rumana tal-awtur, u d-dieta vegana ta' martu, waħda mill-isfidi li ppreżentaw ruħhom kienet proprju l-ismijiet tal-ikel. "Waħda mill-isfidi li kien fih il-ktieb kienet li l-awtur spiss jitkellem fuq prodotti tal-ikel li Malta ma nsibux u li marbutin mat-territorju tal-awtur. Kull darba għalhekk għandek tirriċerkahom, tagħżel intix se żżommhom kif inhuma bit-Taljan, issibx prodotti li jqarrbu għal dawk Rumani, jew inkella intix se tillokalizza totalment u ssib xi ħaġa ekwivalenti għaliha fil-kċina Maltija."

Bħala prinċipju għat-traduzzjoni tiegħu – u t-traduzzjoni letterarja kontemporanja – Ludvic mexa ma' dak li fehem li kienet l-intenzjoni tal-awtur: "L-għan tat-traduttur fil-fehma tiegħi, li joħloq għall-qarrejja l-istess

MENÙ

*Starters*
Bruschetti żgħar bil-faqqiegħ, imfewħa bil-lumiċell
Qoffini tal-isfiljorata bil-mili tal-asparagus
Krema tal-avocado u kappar ta' Pantellerija

*L-ewwel platt*
Soppa tal-qargħa ħamra, karrotti u ġewż
Assaġġin risotto bil-larinġ u n-nagħniegħ

*It-tieni platt*
Bukkuni tas-sojja bil-curry,
b'kontorn ross basmati

Torta tal-patata, tofu u ħaxix,
b'kontorn ta' bukkuni tal-ispinaċi

*Deżerta*
Fruit salad bis-sauce taċ-ċikkulata u n-nagħniegħ

Il-menù tradott mit-Taljan

immaġnijiet, l-istess emozzjonijiet, l-istess sensazzjonijiet li l-awtur ikun ħoloq għall-qarrejja fil-verżjoni oriġinali."

Biex tingħata l-istess stampa, wieħed irid jipprova jifhem xi tkun l-istampa ġenerali, kif ukoll id-dettalji ż-żgħar. Eżempju li joħroġ fil-ktieb huwa l-isem tal-kelba tal-protagonisti: fit-Taljan, din kien jisimha Lana, isem li l-mara kienet tuża f'taqbila *"Lana la cana"*. Fit-traduzzjoni Maltija, biex ma jintilifx is-sens affettiv marbut mar-rima t-taqbila ntlaħaq kompromess billi l-kelba sar jisimha "Lanina", biex b'hekk inżammet ir-rima – b'kompromess – fil-forma ta' "Lanina l-kelbina".

Sfida oħra kienet waħda li hija emblematika tad-differenzi bejn it-traduzzjoni teknika li ssir fl-istituzzjonijiet Ewropej u ta' test letterarju. Minħabba r-reġistru formali u l-implikazzjonijiet legali tad-dokumenti legali jew tekniċi, issir enfasi fuq il-preċiżjoni u l-konsistenza, li minn xi daqqiet, minkejja l-isforz tat-traduttur, trendihom kemxejn riġidi.

"Minn naħa ridt inżomm il-kelma Maltija kull darba li kelli ċans, però mbagħad ma ridtx indgħajjef mill-fluwidità tad-diskors dirett tal-awtur billi nitfa' kelma li int u taqraha tinħass sfurzata," jispjega Ludvic. "Id-distinzjoni primarja li għamilt kienet jekk il-lingwaġġ kienx narrattiv jew diskors dirett. Fin-narrazzjoni żammejt kemm stajt mal-forma miktuba filwaqt li fid-diskors dirett mort għal dak li l-Malti juża fit-taħdit, biex jirrifletti kemm jista' jkun il-lingwaġġ reali u ma jinħolqux skossi għall-qarrej li ma jeżistux fl-oriġinal. Pereżempju, l-użu ta' 'faqqiegħ' meta l-awtur jispjega kif se jsajru, iżda l-użu ta' 'mushrooms' waqt taħdita bejn il-protagonisti." Ix-xeħta aktar formali tal-lessiku li uża fin-narrazzjoni kienet tirrifletti l-fatt li, fit-Taljan, l-awtur kien qed iħaddem lingwaġġ aktar traġiku, u f'dak il-kuntest il-kliem f'dak ir-reġistru kompla jżid ma' dan l-effett.

Hemm ukoll bosta kpiepel li t-traduttur irid jilbes huwa u jittraduċi xogħol letterarju. L-ewwel wieħed, dak ta' qarrej: "Kull tip ta' traduzzjoni tibda mill-qari. Dik hija l-ewwel traduzzjoni li ssir, il-qari: fejn inti qed tieħu l-ewwel interpretazzjoni tat-test."

Wara l-qari, imbagħad, jintlibes il-kappell ta' traduttur, u jsir l-ewwel abbozz. Diġà nafu li mhux kull qarrej jaqra l-istess test bl-istess

mod, u l-istess japplika għat-traduzzjoni: hemm aspetti kulturali u esperjenzi personali li jaffettwaw il-mod kif it-traduttur jaqra – u mbagħad jaqleb – dak li jkun qed jaqra. "Ejja ngħidu għandek kitba li fiha l-protagonist mar jiekol għand sħabu u offrewlu platt majjal il-forn. Qarrej Nisrani se jieħu l-istess sensazzjoni u immaġni ta' qarrej ta' reliġjon Islamika? Dawn ukoll huma kunsiderazzjonijiet li t-traduttur jeħtieġlu jagħmel u jsib soluzzjoni għalihom."

Apparti mill-interpretazzjonijiet anki suġġettivi tal-kliem, Ludvic jirrimarka li s-sinonimi wkoll jistgħu jkunu qarrieqa: "Għandna din l-idea li s-sinonimi jfissru kelma identika għall-oħra, imma jekk tidħol fid-dettall u tanalizza t-tifsira, l-etimoloġija, is-semantika, tinduna li kull kelma hija unika, u li m'hemmx kelma oħra li hija purament u totalment identika. U huwa għalhekk li t-traduttur għandu umilment jaċċetta d-diffikultà fis-sejbien ta' kelma identika fl-istess lingwa, u wisq aktar minn lingwa għal oħra. Il-kelma miktuba ġġorr magħha bagalja ta' informazzjoni illi kontinwament qed tiġi interpretata mit-traduttur. U din l-interpretazzjoni timplika għażliet fil-proċess ta' traduzzjoni."

Fil-każ ta' *Iżżewwiġt Vegana*, Ludvic qatta' ħin twil jiddiskuti t-traduzzjoni ma' Mark Vella, awtur u traduttur hu wkoll, qabel ma l-manuskritt wasal għand l-editur, Chris Gruppetta, par għajnejn friski li mbagħad qiesu t-test bħala test bil-Malti apparti milli traduzzjoni. Iżda minkejja dawn l-istadji kollha, ix-xogħol qatt mhu lest, u saħansitra meta d-dgħajsa metaforika tat-traduttur tasal fil-port, jifdal dubji jekk fil-fatt kienx il-port li ried jasal fih. "Naf li fil-każ ta' *Vegana*, wara li tkun qrajtu għexieren ta' drabi, u kkonsultajt u rriċerkajt, fil-mument li tarah stampat u taqrah, mill-ewwel jibdew jidħlu dubji jekk għamiltx l-għażliet it-tajba jew le, iżda mbagħad hemm mument fejn trid tieqaf u tħalli f'idejn il-ġudizzju kumplessiv tal-qarrej."

It-Taljan sa ftit żmien ilu kien ilsien li ħafna Maltin kienu jafuh, bis-saħħa tat-televiżjoni kif ukoll tal-lezzjonijiet fl-iskola. Il-ġenerazzjonijiet ta' wara l-cable television u aktar tard, il-proliferazzjoni tal-kontenut medjatiku online, madankollu, ma għandhomx l-istess relazzjoni mal-lingwa tal-ġirien tagħna, u għaldaqstant jista' jkun li sar hawn aktar lok għal traduzzjonijiet bil-Malti ta' xogħol Taljan. "Kull xogħol tradott huwa arrikkiment doppju. Għaliex inti għandek xogħol letterarju ta' pajjiż li qed jiġi espost f'pajjiż ieħor, u fl-istess ħin għandek il-lingwa, f'dan il-każ il-Malti, li qed tiggwadanja ktieb ieħor. Fi kliem ieħor espożizzjoni ta' xogħol li sar f'lingwa differenti disponibbli għal udjenza ta' pajjiż ieħor."

Bis-saħħa tat-traduzzjoni, jgħid, stajna nistudjaw u ngawdu x-xogħlijiet tal-letteratura klassika, u naqraw kotba ta' awturi li lsienhom ma nafuhx. Dan kollu, iżda, iqajjem mistoqsijiet oħra: "Qegħdin naqraw il-kelma tal-awtur meta naqraw traduzzjoni? Jew fil-verità li qed naqraw huwa t-traduttur li qed jagħti, b'xi mod, l-interpretazzjoni tiegħu tal-oriġinal, bl-għarfien li tradutturi differenti ta' dak it-test se jipproduċulek riżultati differenti?"

Isemmi bħala eżempji x-xogħlijiet ta' awturi Norveġiżi, Koreani, Ċiniżi, eċċ. li kisbu fama mondjali wara li xogħolhom ġie tradott, bħal pereżempju Karl Ove Knausgård, "fejn tgħid, iva, għoġobni, imma xi qrajt verament, lil Knausgård jew lit-traduttur?" Iżid li hemm

każijiet rikonoxxuti fejn it-traduzzjoni tejbet l-oriġinal u bil-kontra, li mbagħad tressaq mistoqsija oħra: "traduttur għandu, fost l-oħrajn, jieħu din il-libertà? Huwa ħieles li jipproduċi kitba aktar mexxejja minn dik tal-awtur, jew b'xi mod, "jitbiegħed" biex iżomm f'moħħu s-sens li ried iwassal l-awtur?

L-intervista saret fil-Lussemburgu, pajjiż fejn skont ċifri uffiċjali (Eurostat, 2019) aktar minn nofs il-popolazzjoni taf tliet lingwi jew aktar (imqabbla ma' 16.2% f'Malta), u fejn ma trid xejn biex ulied ġenituri minn pajjiżi barranin ikunu jafu ħames lingwi, bis-saħħa tal-lingwi omm tal-ġenituri u tal-lingwi mitkellma fil-pajjiż. Meta wieħed ikun jgħix f'din ir-realtà, wieħed ma jistax ma jiffrustrax ruħu meta jisma' ċertu diskors f'Malta li jimplika li t-tagħlim ta' żewġ lingwi huwa diffiċli wisq, jew li jimplika xi dikotomija insormontabbli bejn dawk li jitkellmu bl-Ingliż u dawk li jitkellmu bil-Malti. "Naħlu ħafna enerġija nġelldu żewġ lingwi meta l-isforz tagħna għandu jkun li nikkonsolidawhom it-tnejn għax fil-verità l-Malti bżonn u l-Ingliż ukoll... bl-għarfien li anki jekk tkun perfettament bilingwi b'ebda mod ma jfisser li biżżejjed."

U l-lingwi li jaf, Ludvic qed ikompli jużahom. Għal din l-aħħar sena u nofs ħadem fuq proġett ieħor ta' traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti: "Mio fratello rincorre i dinosauri" (Einaudi, Giacomo Mazzariol). Storja vera ta' tifel ta' ħames snin li jixtieq ikollu ħuh iżgħar sakemm jum minnhom jgħidulu li se jkollu, iżda li se jkun speċjali. Kelma li għalih tfisser supereroj. Realtà li tikxef l-isfidi u l-emozzjonijiet ta' tifel ċkejken u wara ta' adolexxenti hu u jikber ma' ħuh li għandu d-Down Syndrome. Sitwazzjoni li tgħaddih mill-ferħ, il-faxxinu, u l-kurżità għall-mistħija, il-biża', il-konfużjoni, is-sens




ta' ħtija, ta' rabja u ta' mħabba. Ktieb li jaħsad, iqanqal, idaħħaq u joħloq riflessjoni.

Wieħed irid jistaqsi: bix-xogħol full-time tiegħu ta' traduttur, u bil-proġetti ta' traduzzjoni letterarja, ma jixbax jittraduċi? "Fil-verità l-proċessi assoċjati magħhom huma differenti immens. Naturalment, it-tnejn traduzzjonijiet, iżda waqt li dik ta' natura teknika-legali tiffoka fost l-oħrajn fuq il-konsistenza, il-preċiżjoni, it-terminoloġija, l-istruttura, l-implikazzjonijiet legali, eċċ., it-traduzzjoni letterarja tħares aktar lejn it-tħaddim tal-lingwa, il-qrubija ta' kulturi, il-ġinnastika lingwistika u mentali meħtieġa biex tqarreb kemm tista' lill-qarrej ta' ktieb tradott, lejn l-esperjenza ta' qarrej tal-ktieb oriġinali."

*David Schembri huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti – it-Tieni Parti

Ivan Said

Dan hu t-tieni artiklu minn sensiela ta' tlieta li bdiet fil-ħarġa preċedenti ta' *l-aċċent*. F'dan l-artiklu se nagħti ħarsa lejn ix-xogħlijiet teatrali Griegi u Latini maqlubin għall-Malti li ttellgħu f'Malta.

Fl-ewwel artiklu ktibt li meta nużaw il-Klassiċi (bl-artiklu) qed nirreferu biss għax-xogħlijiet li nkitbu bil-Grieg jew bil-Latin sa minn elfejn sena Qabel Kristu sal-waqgħa tal-Imperu Ruman. Hu minnu li l-istudju tal-Klassiċi jkopri dan il-perjodu storiku iżda peress li l-eqdem kitbiet li għandna huma dawk li nemmnu li huma ta' Omeru, dan ifisser li effettivament il-perjodu li jiġbor fih il-kitbiet Klassiċi li qed nirreferi għalihom f'din is-sensiela jibda bejn wieħed u ieħor fit-tmien seklu Qabel Kristu. F'din is-sensiela m'iniex nirreferi għall-Bibbja li xi kultant tingħadd ukoll mal-kitbiet Klassiċi.



L-attriċi Karmen Azzopardi fil-parti protagonista fil-produzzjoni ta' *Ħekuba* tal-2016, taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara.

Kelma żgħira dwar it-terminu *addattament* fl-ambitu tat-traduzzjoni. Fil-każ tax-xogħlijiet teatrali Klassiċi, l-addattament jew isir mit-traduttur jew aktarx ikun misjuq mid-direttur teatrali nnifsu. Dan jagħmlu bi skop li jaqdi l-fantasija teatrali u jintgħoġob mal-udjenza jew biex jissodisfa l-eżiġenzi tal-mezzi differenti li bih tista' tixxandar it-traduzzjoni – fuq ir-radju jew fuq it-televiżjoni, tittella' fuq il-palk jew tiġi ppubblikata fi ktieb stampat jew elettroniku.

## Introduzzjoni

Fil-perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, f'Malta beda jintwera interess ġdid fid-dinja Klassika tal-qedem, inkluż fit-teatru Klassiku, li wassal biex il-Maltin raw, aktarx għall-ewwel darba f'pajjiżna, preżentazzjoni ta' drammi Klassiċi. Dan l-interess qawwi laħaq il-quċċata tiegħu bl-organizzazzjoni tal-Festival tat-Teatru Klassiku fis-sajf tal-1968 li barra xogħlijiet Klassiċi bl-Ingliż, matulu ttella' l-ewwel dramm Klassiku maqlub għall-Malti.

Bejn l-1947 u l-1950, l-udjenzi Maltin setgħu jgawdu l-preżentazzjoni bl-Ingliż ta' ħames xogħlijiet teatrali Klassiċi, tlieta mtellgħin mill-fergħa Maltija tal-Virgil Society ibbażata f'Londra, u tnejn imtellgħin mill-British Institute Players. L-ewwel ma ttellgħet f'dan il-perjodu kienet il-produzzjoni *Captivi* ta' Plautus fi Frar tal-1947 u xahar wara ttellgħu *Orestes* u *Iphigenia in Aulis*, it-tnejn ta' Ewripide. F'Mejju tal-1948 ittellgħet *Hippolytus* ta' Ewripide u fl-1950 ittellgħet *Agamemnon* ta' Eskilu (Serracino, 2016, pp. 290-296).

| Xogħlijiet teatrali Klassiċi bil-Malti mtellgħin f'Malta | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Id-data tal-produzzjoni** | **It-titlu** | **It-titlu bl-Ingliż u bil-Latin fejn hu pertinenti** | **L-awtur tal-oriġinal** | **Fejn saret il-produzzjoni Maltija l-ewwel darba** | **It-traduttur Malti** | **Id-direttur u/jew il-produttur Malti** |
| 16 ta' Awwissu 1968 | *Edipu Sultan* | Oedipus the King *[Oedipus Rex]* (429 QK) | Sofokle | It-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni Ta' Giorni | Louis Azzopardi | Albert Marshall (D)<br><br>University Players (P) |
| 13-16 ta' Settembru 1973 | *Il-Bakkanti* | *The Bacchae* (405 QK) | Ewripide | It-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni Ta' Giorni | John J. Schranz | John J. Schranz (D)<br><br>Teatru-Workshop (P) |
| 21-22 ta' Mejju 1983 | *Il-Ħabel* | *The Rope**** [*Rudens*] (211 QK) | Titus Maccius Plautus | Deporres Arts Centre Tas-Sliema | Alfred Scalpello | Michael Tabone (D)<br><br>Actors' Studio (P) |
| 6 ta' Novembru, 1983 | *Allat Imġarrfa* | *The Bacchae* (405 QK) | Ewripide | Il-Kappella, Ċentru Ħin Ħieles, Tigné | Ġużi Gatt | Dominic Said (D)<br><br>ATEATRU (P) |
| 26-27 ta' Mejju 1984 | *Żrinġijiet* | *The Frogs* (405 QK) | Aristofane | It-Teatru Manoel | Joe Bonnici | Joe Bonnici (D)<br><br>Actors' Studio (P) |
| 14-16 ta' April 1989 | *Edipu s-Sultan** | *Oedipus the King* [*Oedipus Rex* jew *Oedipus Tyrannus*] (429 QK) | Sofokle | It-Teatru Manoel | Oliver Friggieri | Carmel S. Aquilina (D)<br><br>Koperatturi (P) |
| 27-29 ta' Lulju 1989 | *Antigone** | *Antigone* (406 QK) | Sofokle | Is-Sur ta' De Redin L-Imdina | Oliver Friggieri | Joe Friggieri (D)<br><br>Il-Ministeru tal-Edukazzjoni (P) |
| 10-12 ta' Awwissu 1990 | *Medea** | *Medea* (431 QK) | Ewripide | Is-Sur ta' De Redin L-Imdina | Oliver Friggieri | Lino Farrugia (D)<br><br>Atturi Productions (P) |
| 8-10 ta' Awwissu 1991 | *Il-Kavallieri* | *The Knights* (424 QK) | Aristofane | Is-Sur ta' De Redin L-Imdina | Ġużi Gatt | Saviour Pirotta (D) |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15-16 ta' Lulju 1995 | *Il-Parlament tan-Nisa* | *Ecclesiasuzae* jew *The Assembly of Women* (392 QK) | Aristofane | L-Università ta' Malta L-Imsida | Joe Friggieri | Joe Friggieri (D)** |
| 13-14 ta' Lulju 1996 | *2000 Żrinġ* | *The Frogs* (405 QK) | Aristofane | L-Università ta' Malta L-Imsida | Albert Marshall | Toni Sant (D)** |
| 3-4 ta' Ġunju 1999 | *Medea* | *Medea**** (50 WK) | Lucius Annaeus Seneca | Iċ-Ċentru tad-Drama Mikelanġ Borg | Immanuel Mifsud | Immanuel Mifsud (D) |
| 3-4 ta' Ġunju 1999 | *Medea* | *Medea* (431 QK) | Ewripide | Iċ-Ċentru tad-Drama Mikelanġ Borg | Oliver Friggieri | John Suda (D) |
| 8 ta' Lulju 2001 | *In-Nisa ta' Trojja* | *The Women of Troy* | Ewripide | Il-Kavallier ta' San Ġakbu | John Suda | Marcelle Theuma |
| 15 ta' Lulju 2001 | *Ħekuba* | *Hecuba* (424 QK) | Ewripide | It-Teatru Grieg Ta' Qali | Alfred Palma | Żepp Camilleri (D) Talenti (P) |
| 8 ta' Awwissu 2004 | *Sħab* | *Clouds* | Aristofane | L-Università ta' Malta L-Imsida | Franklin Mamo | Lino Farrugia (D)** |
| 26-28 ta' Awwissu 2005 | *In-Nisa Feniċi* | *The Phoenician Maidens* (408 QK) | Ewripide | L-Università ta' Malta L-Imsida | Lino Farrugia | Lino Farrugia (D)** |
| 25-27 ta' Novembru 2016 | *Ħekuba* | *Hecuba* (424 QK) | Ewripide | It-Teatru Manoel | Alfred Palma | Josette Ciappara (D) Talenti (P) |

*Maħruġin fi ktieb fl-2008.
**Bħala parti minn Evenings on Campus.
***Dawn huma l-uniċi żewġ produzzjonijiet li ttellgħu f'Malta li l-ilsien oriġinali tagħhom hu l-Latin meta l-ilsien oriġinali tal-bqija li qed jidhru f'din it-tabella hu l-Grieg.
(D) = Direttur. (P) = Produttur.

**L-ewwel dramm Klassiku bil-Malti**

Ix-xogħlijiet Klassiċi li ttellgħu bejn l-1947 u l-1950 kienu kollha bl-Ingliż iżda dawn kienu biss ġamra żgħira li baqgħet tkebbes l-imħabba għat-teatru Klassiku. F'Awwissu tal-1968 ittella' l-ewwel dramm Klassiku Grieg bil-Malti fil-Festival tat-Teatru Klassiku (*Times of Malta*, 3/8/1968, p. 16; Xuereb, 2018, p. 36), organizzat mill-University Players fit-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni, Ta' Giorni. Id-drammaturgu u r-rumanzier Alfred Sant, li kien wieħed mill-instigaturi ewlenin tal-festival, u l-poeta Philip Sciberras, jemmnu li l-produzzjoni ta' *Edipu Sultan* ta' Sofokle (c. 497/6 – c. 406/5 QK), traduzzjoni għall-Malti mill-Ingliż ta' Louis Azzopardi (1918-1989), hi l-ewwel traġedja Griega Klassika bil-Malti li qatt ittellgħet f'Malta (Serracino, 2018, p. 152). Oħt Azzopardi hi l-attriċi Karmen Azzopardi; huma ta' dixxidenza diretta ta' Mikiel Anton Vassalli (Schiavone, 2009, p. 138).

<table>
<tr><th colspan="2">Tqabbil tad-diskors ta' Jokasta minn Edipu s-Sultan, il-versi 1068-1078</th></tr>
<tr><td><u>The Oedipus Plays</u> (www.sparknotes.com)<br><br>Fear? What should a man fear? It's all chance, chance rules our lives. Not a man on earth can see a day ahead, groping through the dark. Better to live at random, best we can. And as for this marriage with your mother -have no fear. Many a man before you, in his dreams, has shared his mother's bed. Take such things for shadows, nothing at all - Live, Oedipus, as if there's no tomorrow!</td><td>Louis Azzopardi (imtella' għall-ewwel darba fl-1968, qatt ma ġie ppubblikat)<br><br>Tbażżgħak? Raġel x'għandu x'jambih il-biża'? Ix-xorti tmexxi 'l ħajjitna, u xejn mill-ġejjieni mhu magħruf. Jaqbel li minn jum għall-ieħor ngħixu kif l-aħjar li nistgħu. U dal-ħsieb li tiżżewweġ lil ommok lanqas m'għandu jbażżgħak; mhux l-ewwel wieħed li ħolomha ħaġa bħal din. Ħwejjeġ ta' dix-xorta għandhom jintesew, jekk ta' bilħaqq irridu nġerrħu l-ħajja.</td></tr>
<tr><td>Victor Xuereb (maqlub fl-1989, rivedut fl-1995 u fl-2001, qatt ma ġie ppubblikat)<br><br>Għax għadek, bħalek, tibża' mill-babaw?<br>Ma tafx li kollox jiġri hekk... bl-addoċċ<br>u li l-ġejjieni għadu ħadd ma rah?<br>Għix biss il-lum għal-lum: bla ma tħabbel rasek.<br>Toqgħodx lil moħħok tgħabbi b'ħafna biża'<br>li għad tiżżewweġ 'l ommok! Ħafna qablek,<br>lil ommhom ħolmu li jiżżewġu b'marthom!<br>Min l-aktar jarmi dan il-ħolm fil-bogħod,<br>jgħix l-aktar hieni fost kemm hawn bnedmin!</td><td>Oliver Friggieri (imtella' għall-ewwel darba fl-1989, ippubblikat fl-2008)<br><br>Għala għandna nibżgħu, meta l-bniedem<br>hu mmexxi mix-xorti, u xejn ma jista' jitbassar?<br>Le, għix mingħajr ħsieb u dan jaqbel l-aktar.<br>Għalhekk tibżax dwar iż-żwieġ ma' ommok;<br>ħafna bnedmin oħrajn ġarrbu dil-ħaġa qabel –<br>fil-ħolm li ħolmu. Min jaħseb l-inqas<br>dwar dan, hu l-aħjar li jgħix.</td></tr>
</table>



*Edipu Sultan* ma kinitx l-unika traduzzjoni ta' test Klassiku ta' Louis Azzopardi (ritratt). Hu qaleb għall-Malti wkoll *In-Nisa ta' Trojja* u *Ifiġenja f'Tauris* ta' Ewripide, *Antigone, Ajjaks* u *Elektra* ta' Sofokle u *Iż-Żringiġijiet* ta' Aristofane. Jidher li *Ifiġenja f'Tauris, Ajjaks* u *Elektra* qalibhom biex jixxandru fuq ir-radju. Ma jidhirx li Azzopardi qaleb dawn ix-xogħlijiet Klassiċi mill-Grieg (Serracino, 2018, p. 152). Dan it-traduttur mill-Ħamrun, deskritt mill-istoriku tar-Rediffusion f'Malta Toni Sant, bħala "among the most prolific

translators of radio drama into Maltese" ta' żmienu (2016, p. 110), qaleb ħafna xogħlijiet letterarji għall-Malti u ħoloq ħafna drammi oriġinali biex jiġu ppreżentati bħala drammi radjufoniċi u produzzjonijiet teatrali, l-aktar mill-Malta Drama League (Schiavone, 2009, p. 139 u riċerka f'dar privata).

Fi kliem id-drammaturgu Francis Ebejer, li fiż-żmien li ttellgħet *Edipu Sultan* kien il-kritiku teatrali ta' *The Sunday Times of Malta*, din kienet traduzzjoni ta' ġmiel straordinarju (18/8/1968, p. 21). Il-produzzjoni tad-dramm kienet tinvolvi, fost oħrajn, lil Albert Marshall bħala direttur u lil Lino Farrugia bħala attur, tnejn li wara kellhom jagħmlu isem fit-teatru u t-televiżjoni Maltin u maż-żmien, jidderieġu u jipproduċu għadd ta' drammi Klassiċi bl-Ingliż u bil-Malti (ara t-tabella).


EDIPU SULTAN

TRAĠEDJA TA' SOFOKLE MAQLUBA GHALL-MALTI MINN LOUIS AZZOPARDI

PERSUNAGGI

EDIPU, Sultan ta' Tebe
JOKASTA, mart Edipu
KREON, hu Jokasta
TIRESJA, bassar ghama
~~QASSIS~~ Tifel
HABBAR
RAGHAJ
QADDEJ
KOR, tal-kbarat ta' Tebe
Irġiel ta' madwar is-Sultan
Nisa ta' madwar is-Sultana
Nies tal-Belt ta' Tebe.

L-ewwel paġna ta' kopja ttajpjata tal-iscript tad-dramm Grieg *Edipu Sultan*, maqlub għall-Malti minn Louis Azzopardi u mtella' fit-Teatru Grieg, Ta' Giorni, f'Awwissu 1968 taħt id-direzzjoni ta' Albert Marshall.

### *Il-Bakkanti*

F'Settembru 1973 il-kumpanija Teatru-Workshop tellgħet *Il-Bakkanti* ta' Ewripide (c. 480 – c. 406 QK), traduzzjoni għall-Malti u direzzjoni ta' John J. Schranz, fit-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni, Ta' Giorni. Joe Friggieri, hu nnifsu drammaturgu u direttur teatrali, fi kritika tad-dramm f'*The Sunday Times of Malta* kiteb li "John Schranz's



Il-qoxra u l-ewwel paġna tal-programm ta' *Il-Bakkanti*.

Maltese translation of Eurpedes's masterpiece conveys the spirit of the play and its variety of mood very effectively. The strong Mediterranean element is captured in the well-balanced syntax and rhythmic flow of the lines, so that hardly a word seems out of place." (16/9/1973, p. 15).

Il-produzzjoni ta' *Edipu Sultan* fl-1968 u *Il-Bakkanti* fl-1973 seħħet fi sfond ta' entużjażmu u ħajja ġdida fix-xena artistika u letterarja Maltija u fost sforz qawwi biex jiġi promoss l-użu tal-Malti fl-oqsma kollha tas-soċjetà Maltija. Fl-1966 twieled il-Moviment Qawmien Letterarju (MQL), li kellu l-ewwel għan tiegħu "li waqt li jkabbar fost il-poplu Malti interess fil-letteratura, iħabrek biex idaħħal f'kull qasam ta' kitba bil-Malti – proża, poeżija u palk – l-aħħar xejriet fil-letteratura kontemporanja internazzjonali" (*It-Triq tal-Qawmien*, 1996, p. 42). Il-moviment kellu jagħmel ħiltu kollha biex juri lill-poplu Malti "is-siwi tal-ilsien tiegħu" (*It-Triq tal-Qawmien*,

1996: 42).[1] Din l-organizzazzjoni ġabret fi ħdanha awturi, drammaturgi u poeti żgħażagħ li 'l quddiem kellhom ikunu wħud mill-pilastri tal-letteratura moderna Maltija bħal Frans Sammut, Oliver Friggieri, Alfred Sant, Mario Azzopardi u Oreste Calleja. F'dak li hu teatru bil-Malti, Francis Ebejer (1925-1993)[2] kien jiddomina x-xena tas-snin sittin u sebgħin biex tana kapolavuri tal-proża teatrali Maltija moderna kemm għat-teatru kif ukoll għat-televiżjoni, fosthom *Vakanzi tas-sajf* (1962), *Boulevard* (1964), *Menz* (1967), *Il-Ħadd fuq il-Bejt* (1971), *L-Imnarja Żmien il-Qtil* (1973) u *Meta morna sal-Mellieħa* (1976) (Schiavone, 2009, p. 741).

Ħafna mill-atturi involuti fl-ewwel Festival tat-Teatru Klassiku flimkien mal-protagonisti tal-MQL fil-bidu tas-snin sebgħin ġew involuti fil-festival tad-drama annwali "Xsenuru" (Azzopardi, 2003, p. 133) fejn matulu rajna jittellgħu għall-ewwel darba *Iġsma Iħirsa* ta' Oreste Calleja, fost xogħlijiet oħra importanti.

**Meta traduzzjoni bil-Malti taqla' kontroversja**

Huwa f'dan l-isfond soċjoletterarju li nistgħu nifhmu kif traduzzjoni għall-Malti ta' dramm Klassiku Grieg tista' toħloq kontroversja dwar l-użu tal-ilsien nazzjonali fis-soċjetà Maltija. Ftit jiem qabel ma ttella' d-dramm, *Il-Bakkanti*, dehret ittra, "Language for a Greek play", miktuba taħt in-*nom de plume* ta' *Thoughtful* minn San Ġiljan, fejn l-awtur ħadha qatta bla ħabel kontra "x-xejra ta' dak iż-żmien":

> The fact that there is now a trend to be Maltese a outrance is regrettably true and more serious. Whilst Maltese as a language is locally useful, and whilst it can be interesting as a literary medium, we must be on our guard against excess in this direction. Maltese is our language and we should cultivate it to some extent but it is useless as a medium of communication with the outside world and we must beware of devoting to it the time and energy which we should give to English, the language which connects us with the rest of the world, opens up to us a far vaster literary and scientific field than Maltese can ever do and is the language of the modern culture of Malta which we should cherish (*The Sunday Times of Malta*, 9/9/1973, p. 16).

Ġimgħa wara, Oliver Friggieri wieġeb lil *Thoughtful* fl-istess gazzetta b'ittra taħt it-titlu *The Bacchae in Maltese* (*The Sunday Times*, 16/9/1973, p. 15). Fi ftit kliem qallu:

- L-ideat espressi minn *Thoughtful* huma skaduti; il-kwistjoni tal-lingwa kienet ilha li ndifnet;
- Li l-Maltin, bħala nazzjon indipendenti, għandhom lingwa, mhix kwistjoni ta' sentimenti imma ta' sens komun;
- L-użu tal-Malti f'Malta mhux kwistjoni ta' "xejriet" imma hu naturali;
- Friggieri jirribatti li x-'xejra' li l-Malti jintuża aktar, hu mhux jaraha. Għall-kuntrarju hu kien qed jara li l-Ingliż kien għadu mifrux ħafna partikolarment fejn in-nies jikkomunikaw ma' xulxin bil-miktub u fl-importanza jew nuqqas tagħha li ċerti skejjel jagħtu lill-Malti;
- Friggieri jikkwota lil [Edmondo] de Amicis [l-awtur ta' *Cuore*] biex jgħid li nazzjon mingħajr lingwa mhux nazzjon.

[1] Fl-1967 il-MQL ħareġ l-ewwel għadd tal-fuljett *Il-Polz*, u beda l-programm *Jazz u Letteratura* fuq ir-Rediffusion filwaqt li fl-1970 vara l-*Kampanja Lsien Malti* u fuq l-inizjattiva tiegħu, sena wara dehret għall-ewwel darba r-rivista *Sagħtar*, maħsuba primarjament għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji.

[2] Kritiċi jemmnu li Ebejer kien ta' ispirazzjoni għal drammaturgi oħrajn biex jiktbu bil-Malti bħal Alfred Sant, Oreste Calleja u Doreen Micallef (Azzopardi, 2003, p. 131; Schranz u Cremona, 2000, p. 587). Sas-sena 2000 Ebejer kien għadu jitqies bħala l-aqwa drammaturgu Malti (Schranz u Cremona, 2000, p. 587).

Maġenb l-ittra ta' Friggieri, taħt l-istess titlu, dehret ittra ta' Anthony Licari fejn qal li għalih kienet dejjem naturali għal persuna ta' kwalunkwe nazzjonalità li tħossha kburija meta tesperjenza preżentazzjoni kulturali serja bil-lingwa proprja tagħha.

**Nerġgħu naraw *The Bacchae***

*The Bacchae* ta' Ewripide rġajna rajnieha bil-Malti fl-1983, bit-titlu *Allat Imġarrfa*, imtellgħa mill-kumpanija teatrali, ATEATRU, bi traduzzjoni u addattament ta' Ġużi Gatt taħt id-direzzjoni ta' Dominic Said.

"Fis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor, is-soċjetà Maltija pproduċiet fenomenu kulturali li kien magħruf bl-isem ta' ATEATRU," spjegali Gatt,[3] "il-Gvern kien tana kamra mdaqqsa fil-forti ta' Tigné [Tas-Sliema] li dak iż-żmien kien f'idejn l-Assoċjazzjoni Sportiva Tigné (AST). F'dik il-kamra (u bnadi oħra ta' Tigné) kienu saru rappreżentazzjonijiet teatrali li għandhom il-post ċkejken tagħhom fl-istorja tal-kultura popolari Maltija. Konna ġemgħa ta' żgħażagħ, ħafna minna żgħażagħ proletarji, li ma kellniex pretensjonijiet ta' sofistikazzjoni kulturali, imma konna ntbaħna li dak li konna qed nagħmlu kien qed jiġi nnutat, u allura ħadna r-riskji. F'nofs din l-ewforija ta' suċċess, kien avviċinani ċertu Dominic Said, li kien ukoll parti minn dal-fenomenu, u tani script ta' *The Bacchae*, bl-Ingliż. It-test Ingliż diġà kellu ħafna paragrafi minnu maqtugħin (minn Said, li xtaq li jissimplifika ftit l-istorja), u jien aċċettajt li naqleb it-test mill-Ingliż għall-Malti."

Fl-1991 Gatt reġa' għamel l-istess ħaġa bl-iscript ta' *The Knights*, kummiedja Klassika



Ġużi Gatt

Griega ta' Aristofane (c. 446 – c. 386 QK) li ttellgħet bħala parti mill-Festival Internazzjonali tal-Arti ta' dik is-sena. Fuq talba tad-direttur teatrali Saviour Pirotta, Gatt qalibha għall-Malti mill-Ingliż u addattaha. Skont il-kritiku teatrali Paul Xuereb, il-produzzjoni sħiħa ta' *Il-Kavallieri*, imżewqa b'mużika oriġinali komposta apposta minn Manoel Pirotta, ħu d-direttur, "made the kind of assault on the audience which I imagine the original production must have made in the fifth century BC" (2017, p. 225).

"Fiż-żewġ każi [jiġifieri, fil-każi ta' *Allat Imġarrfa* u *Il-Kavallieri*]," kompla jiktibli Gatt, "it-traduzzjoni saret mill-Ingliż, u fiż-żewġ każi x-xewqa tiegħi kienet li nipproduċi produzzjoni teatrali li tagħmel sens bil-Malti, u b'Malti tajjeb, imma mingħajr pretensjonijiet akkademiċi. Forsi għal dir-raġuni, iż-żewġ scripts għadhom għandi (imgerfxin ftit) imma qatt ma ppubblikajthom."

Gatt, li hu wkoll wieħed mill-fundaturi tal-grupp mużikali Etnika, xi snin ilu qaleb mill-

[3] Komunikazzjoni bil-miktub mat-traduttur tal-5 ta' Diċembru, 2017.

Għarbi għall-Malti xi siltiet mill-kitba ta' Kahlil Gibran. Għal ATEATRU fl-1983 qaleb ukoll għall-Malti d-dramm *Marat Sade – Il-Persekuzzjoni u l-Qtil ta' Jean-Paul Marat taħt id-Direzzjoni tal-Markiż De Sade kif imtella' mill-Imġienen ta' Charenton* ta' Peter Weiss (Xuereb, 2017, p. 388).

**Drammi Klassiċi Latini**

F'Mejju tal-1983, il-kumpanija Actors' Studio tellgħet *Il-Ħabel* ta' Titus Maccius Plautus (c. 254 – 184 QK), magħruf aħjar bħala Plautus, fid-Deporres Arts Centre, Tas-Sliema, taħt id-direzzjoni ta' Michael Tabone (Ellul, 1983: 16).

Din il-kummiedja, aktarx l-ewwel xogħol teatrali Latin li qatt ittella' bil-Malti, inqaleb mill-Ingliż[4] minn Alfred Scalpello, senior lecturer fl-Università ta' Malta fejn jgħallem il-Ġermaniż u t-traduzzjoni, jagħmel riċerka dwar il-kultura u l-letteratura tal-Ġermanja u xi kultant jaħdem ta' interpretu mill-Ġermaniż għall-Malti f'xi istituzzjonijiet tal-UE.

"Alfred Scalpello's translation seemed quite faithful to the original," kiteb il-kritiku teatrali Emm. J. Ellul, "and his idiomatic use of typically Maltese expressions rendered the script quite forceful" (*The Times*, 27/5/1983, p. 16).

Barra *Il-Ħabel* ta' Plautus, Scalpello qaleb għall-Malti tliet drammi ta' Anton Chekov: *Il-Ġnien taċ-Ċirasa*, *Il-Ġublew* u *L-Ors* li ġew trażmessi fuq ir-radju, it-televiżjoni u ttellgħu fit-Teatru Manoel. Qaleb għall-Malti *Narziss and Goldmund* ta' Hermann Hesse, *L'uomo, la bestia e la virtù* ta' Pirandello u t-thriller ta' Michele Giuttari, *La Loggia degli Innocenti* (*Il-Logga ta' l-innocenti* – PEG, 2008). Mill-Ġermaniż qaleb għall-Malti *Der Beobachter* ta' Charlotte Link (*In-Nemmies* – Horizons, 2016). Fl-2001, flimkien ma' Dr Thomas Freller, ittraduċa mill-Ġermaniż Gotiku għall-Ingliż, id-deskrizzjoni bikrija ta' Malta ta' Friedrich Breithaupts, *Malta Island of Christian Heroes* (pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti).

Dramm Latin ieħor li ttella' bil-Malti kien *Medea* ta' Seneca. F'Ġunju tal-1999 l-istudenti taċ-Ċentru tad-Drama Mikelanġ Borg, il-Blata l-Bajda, tellgħu serata ta' għeluq is-sena akkademika li fiha ppreżentaw *Medea* ta' Lucius Annaeus Seneca, magħruf aħjar bħala Seneca jew aħjar Seneca ż-Żgħir (4 QK - 65 WK).


Alfred Scalpello

[4] Komunikazzjoni bil-miktub mat-traduttur f'Mejju 2019.




Il-poster u żewġ xeni minn *Il-Ħabel* ta' Plautus, imtella' fl-1983 fid-Deporres Arts Centre, Tas-Sliema, mill-Actors' Studio. Ħajr: Alfred Scalpello



Din it-traġedja Rumana b'tema Griega nqalbet mit-Taljan għall-Malti mill-għalliem tad-drama, Immanuel Mifsud (ritratt). Dan l-awtur Malti ta' fama internazzjonali qaleb u addatta wkoll *The Bacchae* ta' Ewripide u ppreżentah flimkien mal-istudenti tiegħu f'Malta u f'Sarajevo taħt it-titlu ta' *Bakki*. Mifsud hu l-awtur ta' *Fl-Isem tal-Missier (u tal-iben)*, il-ktieb rebbieħ tal-Premju tal-Letteratura tal-Unjoni Ewropea tal-2011.[5]

**Aktar kummiedji ta' Aristofane**

F'Malta, barra *Il-Kavallieri* tal-1991, ittellgħu tliet kummiedji oħra ta' Aristofane bil-Malti: *The Frogs* ittellgħet bil-Malti darbtejn, darba fl-1984 bħala *Żrinġijiet* u darb'oħra fl-1996, bħala *2000 Żrinġ*. Fl-1995 rajna l-kummiedja *The Assembly of Women (Ecclesiasuzae)*, taħt l-isem ta' *Il-Parlament tan-Nisa* u fl-2004 *The Clouds* ippreżentata bħala *Sħab*.

Hemm rabta twila bejn il-kummiedji ta' Aristofane u Malta li tmur lura sal-ewwel nofs tas-seklu dsatax. *The Acharnians*, *The Knights*, *The Birds*[6] u *The Frogs* inqalbu mill-Grieg għall-Ingliż mir-Rt Hon. John Hookham Frere (1769-1846) meta kien qed jgħix f'Malta. L-ewwel tlieta nġabru fi ktieb li ġie stampat fl-Istamperija tal-Gvern fil-Belt Valletta fl-1839 iżda l-frontispizju tiegħu ġie stampat fl-Ingilterra u jgħid li l-ktieb ħareġ f'Londra fl-1840. Jingħad li Frere kien ilu jaħdem fuq dawn it-traduzzjonijiet minn ftit wara li wasal Malta fl-1821. Hu baqa' jgħix f'Malta sa meta miet fl-1846 (Cassar, 1984, pp. 52, 49).

[5] Komunikazzjonijiet varji bil-miktub mat-traduttur f'Novembru 2017.
[6] *The Birds* ittellgħet bl-Ingliż f'Awwissu tal-1969 taħt id-direzzjoni ta' Albert Marshall fit-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni, Ta' Giorni, San Ġiljan (Xuereb, 2017, p. 531).




Fuq ix-xellug, il-frontispizju tal-ktieb bid-drammi tradotti minn John Hookham Frere. Fuq il-lemin, l-aħħar paġna tal-ktieb li bis-saħħa tagħha nafu li dan il-ktieb ġie stampat hawn Malta.

F'Mejju tal-1983 il-kumpanija Actors' Studio ppreżentat *Żrinġijiet* fit-Teatru Manoel bi traduzzjoni u direzzjoni ta' Joe Bonnici. Il-kritiku teatrali Paul Xuereb ftit li xejn kellu kliem ta' tifħir għal din il-produzzjoni imma faħħar it-traduzzjoni għall-Malti ta' Bonnici (2017, p. 45).

F'Lulju tal-1996, il-Koperattiva Kulturali Universitarja ppreżentat *2000 Żrinġ*, spettaklu psewdokontemporanju mnebbaħ mill-kummiedja klassika ta' Aristofane. Ittellgħet bħala parti mill-programm ta' Evenings on Campus tas-sajf tal-1996, bl-addattament ta' Albert Marshall u bid-direzzjoni ta' Toni Sant (Xuereb, 2017, p. 549).

Il-kummiedja *Il-Parlament tan-Nisa* ġiet ippreżentata fl-1995 minn Joe Friggieri li barra li dderiġieha, ittraduċieha għall-Malti wkoll. Dwar it-traduzzjoni ta' Joe Friggieri, il-kritiku Paul Xuereb kellu dan xi jgħid: "*Il-Parlament tan-Nisa* is a bawdy, racy and earthy play, but a comparison between Joe Friggieri's Maltese version and the English translation in the Loeb edition of the play showed Friggieri's version




to be much more replete with *double entendres* and unambiguously earthy humour. In particular, the scatological references with which the dialogue was often peppered were much more numerous in Friggieri's version. It may be that the English translator was being less faithful to the Greek text than Friggieri, and as I am no Greek scholar I cannot check this, but in any case I thought that Aristophanes' primitive sense of humour could have been indicated equally effectively without the need for a sea of excrement and a regiment of turds." (*The Sunday Times*, 23/7/1995, p. 23).

It-traduzzjoni għall-Malti ta' *Sħab*, li ttellgħet bħala parti mill-programm ta' Evenings on Campus tal-2004, saret minn Franklin Mamo. Skont Paul Xuereb jidher li d-direttur artistiku tal-kummiedja Lino Farrugia addattaha għall-era politika tal-produzzjoni: "The Maltese version is by Franklin Mamo but the contemporary references (to Bush and Blair, among others) are by Farrugia himself, as are the addition of characters like Zeus (Narcy Calamatta) who physically dominates the scene without ever uttering a word" (*The Sunday Times*, 8/8/2004, p. 29).

**It-traduzzjonijiet ta' Oliver Friggieri**

Id-drammaturgi Eskilu,[7] Ewripide u Sofokle huma t-trijumvirat prinċipali tat-traġedja Griega li l-għan ewlieni tagħha hu li toħloq dawk li Aristotli fi *Dwar l-Arti tal-Poeżija* (maqlub għall-Malti mill-Grieg, Dr Karmenu Serracino, 2012) isejħilhom il-*mimesis* (l-imitazzjoni) u l-*catharsis* (il-purifikazzjoni tal-emozzjonijiet), żewġ ingredjenti li jintrigaw l-udjenzi universali u fl-istess ħin jagħmluha popolari magħhom. Bejn l-1989 u l-2016 l-udjenza Maltija kellha l-okkażjoni tara sitt traġedji ta' Ewripide u Sofokle, b'uħud minnhom jiġu ripetuti fi staġuni teatrali varji u f'siti teatrali differenti, saħansitra bl-istess traduzzjoni.

Bejn l-1989 u l-1990 rajna triloġija ta' traġedji Griegi maqlubin għall-Malti mill-Ingliż minn Oliver Friggieri, li minkejja li hu magħruf l-aktar għall-kritika letterarja u x-xogħlijiet letterarji tiegħu, kien ukoll traduttur prolifiku (Said, 2012, p. 27). Iċ-ċiklu beda f'April tal-1989 bil-preżentazzjoni ta' *Edipu s-Sultan* ta' Sofokle mill-Koperatturi fit-Teatru Manoel, taħt id-Direzzjoni ta' Carmel S. Aquilina.

"Fil-qlib tiegħi fittixt, qabel xejn, li nersaq kemm nista' lejn ir-reqqa li jitlob test Klassiku bħal dan," kiteb Friggieri fil-programm ta' *Edipu s-Sultan* li tqassam lill-membri tal-udjenza. "Id-dinjità tal-espressjoni, il-burdati differenti tat-taħdit, it-tensjoni li tinħass fil-versi, ir-ritmi differenti li timxi bihom il-kuxjenza matul id-dramm kollu: huma lkoll xejriet tal-kontenut u tal-forma li ħabrikt li rroddhom fl-aħjar Malti li stajt nasal għalih".[8]



Oliver Friggieri

[7] Ta' Eskilu (c. 525/524 – c. 456/455 QK) l-udjenzi Maltin raw *Agamemnon* li ttellgħet darbtejn bl-Ingliż: fl-1950 taħt id-direzzjoni ta' Alec Cathcart Bruce u f'Awwissu tal-1971 taħt id-direzzjoni ta' Lino Farrugia fit-Teatru Grieg tal-Kulleġġ tal-Edukazzjoni, Ta' Giorni, San Ġiljan (Xuereb, 2018, pp. 35, 37).
[8] Il-programm sibtu fl-iSchool of Performing Arts' Digital Archive tal-Università ta' Malta.

Fl-istess programm Friggieri jgħidilna li studja l-Grieg u l-Latin fis-Seminarju u fl-Università iżda biex qaleb *Edipu s-Sultan* kellu jistrieħ fuq żewġ traduzzjonijiet bl-Ingliż ta' John Gassner u H.D.F. Kitto.

It-triloġija kompliet f'Lulju tal-istess sena bil-preżentazzjoni ta' *Antigone* ta' Sofokle fis-Sur ta' De Redin, l-Imdina, taħt id-direzzjoni ta' Joe Friggieri. "Fil-qlib tiegħi ta' *Antigone* għall-Malti nixtieq li terġa' tidher il-viżjoni tad-dinja ta' Sofokle, imgħoddija mix-xquq qodma tal-ilsien tagħna," jikteb Oliver Friggieri fil-programm tas-serata, "Is-sbuħija, l-espressività, l-għana tal-kliem u tal-frażeoloġija tal-Malti huma għodod mill-aqwa f'idejn it-traduttur li jrid juri għal darb'oħra li dan l-ilsien qadim u għani, sikwit imżeblaħ u mwarrab saħansitra fis-seklu 'tal-progress', ma jonqsu xejn mill-qawwa u mill-medda tal-ilsna l-oħra li tlaqqgħu ma' din iċ-Ċiviltà kbira. Għandu mnejn li minħabba l-qedem tiegħu, ilsienna hu eqreb lejha minn ilsna oħra".[9]

Iċ-ċiklu trittiku għalaq f'Awwissu tas-sena ta' wara bil-produzzjoni ta' *Medea* ta' Ewripide fis-Sur ta' De Redin taħt id-direzzjoni ta' Lino Farrugia. Fil-programm, Oliver Friggieri jikteb li permezz tat-traduzzjoni għall-Malti ta' *Medea* "il-Maltin jissoktaw jintebħu kemm l-ilsien Malti hu għani u sabiħ u kemm jista' jiltaqa' bla biża' mal-aqwa xogħlijiet letterarji ta' kull żmien" għaliex "*Medea* hi eżempju ta' poeżija qawwija li tqajjem is-setgħat rieqda kollha tal-lingwa, u turi kemm il-poeżija hi tabilħaqq l-aqwa muftieħ li jbexxaq sa ma jiftaħ beraħ il-bieb maqful tal-qalb tal-bniedem."[10]

[9] Ibid.
[10] Ibid.



It-tliet traġedji Griegi kif tradotti minn Friggieri nħarġu fi ktieb wieħed fl-2008.

*Medea* kif tradotta minn Oliver Friggieri reġgħet ittellgħet fl-1999 mill-istudenti taċ-Ċentru tad-Drama Mikelanġ Borg taħt id-direzzjoni tal-għalliem tagħhom John Suda.

Fl-2008 rajna addattament ta' din it-traġedja fuq il-campus tal-Università l-Qadima, il-Belt Valletta mill-kumpanija Teatru Dù. F'reċensjoni ta' din il-produzzjoni teatrali Paul Xuereb kiteb: "The script was an adaptation of Oliver Friggieri's excellent Maltese translation, and as can be expected, there was simply nothing to fault there. True, I have often wondered how characters in the throes of such boundless passion can manage to be so eloquent while being confrontational, but I'm more than willing to suspend my disbelief if only to enjoy the Maltese language being used so well – such plays serve as a reminder of how truly malleable and expressive our native language can be if used in the right way" (*The Times Weekender*, 10/5/2008, p. 14).

## In-nisa ta' Ewripide

In-nisa jgħaqqdu t-tliet traġedji Griegi ta' Ewripide li ttellgħu bil-Malti bejn l-2001 u l-2005. Fil-verità hemm konnessjoni qawwija bejn *In-Nisa ta' Trojja*, li ttellgħet fit-8 ta' Lulju 2001 u *Ħekuba*, li ttellgħet ġimgħa wara: Ħekuba hija l-mara protagonista tat-traġedja ta' *In-Nisa ta' Trojja* fejn in-nisa jiddeskrivu l-ħajja wara l-waqgħa ta' Trojja, inkluż il-ħtif ta' Ħekuba minn Odisseu li żammha bħala skjava. Anke t-traġedja *Ħekuba* sseħħ wara l-waqgħa ta' Trojja: Polidorus, l-iżgħar iben ta' Priam u Ħekuba, jintbagħat għand is-Sultan Polimestor biex jipproteġih iżda meta Trojja taqa', Polimestor joqtol lil Polidorus. Ħekuba ssir taf b'dan u meta Polimestor iżur Trojja mirbuħa, Ħekuba tagħmih u toqtollu ż-żewġ uliedu. Din it-triloġija ta' traġedji femministi ta' Ewripide waslet fi tmiemha bil-produzzjoni ta' *In-Nisa Feniċi* f'Awwissu 2005.

John Suda ttraduċa *In-Nisa ta' Trojja*, produzzjoni li kienet tinvolvi l-istudenti tad-drama, taħt id-direzzjoni artistika ta' Marcell Teuma. Skont Paul Xuereb din kienet aktar addattament milli produzzjoni sħiħa (2018, p. 39). L-istess produzzjoni ttellgħet fit-Teatru Grieg ta' Sirakuża, Sqallija (APGRD – Archive of Performances of Greek & Roman Drama).[11]

*Ħekuba* ġiet tradotta minn Alfred Palma fuq kummissjoni eskluživa tal-attriċi Karmen Azzopardi li ħadmet il-parti protagonista ta' Ħekuba.[12] Din ġiet ippreżentata fit-Teatru Grieg, Ta' Qali, fil-15 ta' Lulju 2001, mill-kumpanija Talenti, taħt id-direzzjoni ta' Żepp Camilleri (1955-2019). Paul Xuereb, f'reċensjoni ta' din il-produzzjoni, faħħar it-


1


2


3


4

**Immaġni** (ħajr Mario Micallef)
1 Karmen Azzopardi fil-parti ta' *Ħekuba* fil-produzzjoni tal-2001.
2 Tpinġija ta' Mario Azzopardi li dehret fil-programm tad-dramm *Agamemnon* li ttella' fl-1971.
3 Xena mill-produzzjoni ta' *Ħekuba* tal-2016.
4 Karmen Azzopardi f'*In-Nisa Feniċi* tal-2005.

---

[11] http://www.apgrd.ox.ac.uk/ aċċessata fl-10 ta' Ġunju, 2019.
[12] Komunikazzjoni bil-miktub mat-traduttur fid-9 ta' Novembru 2017.



Il-kast ta' *Ħekuba* tal-2016. Ħajr: Mario Micallef

traduzzjoni ta' Palma, iżda staqsa għala xi ismijiet ta' xi karattri ġew taljanizzati filwaqt li oħrajn ingħataw stil Grieg (*The Sunday Times of Malta*, 15/7/2019, p. 23).

Din mhix l-unika traduzzjoni ta' Palma li ttellgħet fuq il-palk Malti: 10 mis-26 xogħol ta' Shakespeare li Palma qaleb għall-Malti ttellgħu fit-Teatru Manoel mill-istess kumpanija li tellgħet *Ħekuba* fl-ewwel għaxar snin ta' dan is-seklu. Barra minn hekk, hu qaleb is-sunetti kollha ta' Shakespeare (Vassallo u Said, *l-aċċent*, Jannar 2017, p. 43).

L-istess *Ħekuba* reġgħet ittellgħet mill-istess kumpanija fit-Teatru Manoel f'Novembru 2016 taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara. Karmen Azzopardi reġgħet ħadmet il-parti prinċipali ta' Ħekuba (APGRD – Archive of Performances of Greek & Roman Drama).[13]

Lino Farrugia dderieġa *In-Nisa Feniċi* li ttellgħet fl-2005 bħala parti minn *Evenings on Campus*. Kien hu li qalibha għall-Malti mill-Ingliż bl-għajnuna ta' verżjoni mit-Taljan.[14] Karmen Azzopardi ħadmet il-parti ta' Jokasta filwaqt li Mario Micallef ħadem il-parti ta' Edipu (*The Malta Independent*, 23/8/2005).

**Konklużjoni**

Fiż-żewġ artikli li dehru s'issa f'din is-sensiela rajna li t-traduzzjoni tat-traġedji Klassiċi ta' Sofokle u Ewripide kienet prolifika, anke jekk mhux dejjem inqalbu mill-Grieg, l-ilsien oriġinali. Mit-trijumvirat prinċipali tat-traġedja Griega, f'dak li hu qlib għall-Malti, jonqos Eskilu li t-traġedja tiegħu ta' *Agamemnon* ittellgħet darbtejn bl-Ingliż f'Malta iżda qatt bil-Malti. Għal dawk li huma kummiedji Griegi, jidher li dawk ta' Aristofane huma popolari mhux biss mat-tradutturi imma anke mal-udjenzi Maltin.

[13] http://www.apgrd.ox.ac.uk/ aċċessata fit-12 ta' Ġunju 2019.

[14] Komunikazzjoni bil-miktub mat-traduttur fit-3 ta' Jannar 2018.

It-traduzzjonijiet tax-xogħlijiet Klassiċi Latini huma skarsi: inqalbu tnejn biss, *Il-Ħabel* ta' Plautus u *Medea* ta' Seneca – u mhux mil-Latin, il-lingwa oriġinali. Din l-iskarsezza ta' xogħlijiet teatrali Latini maqlubin għall-Malti hi stramba tassew meta tqis li, minħabba l-preżenza twila u attiva tal-Kattoliċiżmu f'Malta, il-Latin kien mifrux u mħaddem ferm aktar mill-Grieg.

F'dan l-artiklu, għal darb'oħra rajna li, biex nuża kliem Oliver Friggieri li deher fil-programm teatrali ta' *Edipu s-Sultan* tal-1989, "il-Malti huwa lsien għani u sabiħ, espressiv u mogħni bix-xejriet kollha li b'ebda mod ma jagħmluh inferjuri quddiem l-ilsna meqjuma l-oħra." Forsi wasal iż-żmien li nagħtu kas l-istedina li kien għamlilna l-awtur eminenti fl-istess programm meta qal: "Nemmen li minbarra drammi oriġinali Maltin, it-teatri lokali għandhom jippreżentaw kull dramm barrani bil-Malti, jiġifieri b'din il-lingwa li daqskemm hi sabiħa u għanja hi wkoll imkasbra, sikwit imwarrba minħabba kriterji foloz li d-dinja moderna ilha li ċaħdithom."

Tal-għajnuna li tawni biex nikteb dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil: Alfred Palma, Alfred Scalpello, Ġużi Gatt, Immanuel Mifsud, Karmen Azzopardi, Karmenu Serracino, Lino Farrugia, Mario Micallef u l-membri kollha tal-istaff tal-*Melitensia* tal-Librerija tal-Università ta' Malta. Ħajr ukoll għall-immaġni fil-pp. 55 u 60 lill-iSchool of Performing Arts' Digital Archive tal-Università ta' Malta.

## Referenzi

"Euripides's *In-Nisa Feniċi* Tackles centuries-old issue", *The Malta Independent*, 23 ta' Awwissu 2005.
*It-Triq tal-Qawmien*. Gwardamanġa: PBS Ltd Publications, 1996.
Azzopardi, Mario. *It-Teatru f'Malta – Kullana Kulturali*. Malta: PIN, 2003.
Cassar, Paul. "John Hookham Frere in Malta (1821-1846) – A link with our social and cultural past", F'*Melita Historica,* Vol. 9 Nru 1, 49-73, 1984.
Ebejer, Francis. "Oedipus and the Stars", *The Sunday Times of Malta*, 18 ta' Awwissu 1968.
Ellul, Emmanuel. J. "The Wrath of the Gods", *The Times*, 27 ta' Mejju 1983.
Friggieri, Joe. "The Results of Repression", *The Sunday Times of Malta*, 16 ta' Settembru 1973.
Friggieri, Oliver. "The Bacchae in Maltese", *The Sunday Times of Malta*, 16 ta' Settembru 1973.
Friggieri, Oliver. *Tliet Drammi Griegi – Traduzzjoni mill-Ingliż*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2008.
Licari, Anthony. "The Bacchae in Maltese", *The Sunday Times of Malta*, 16 ta' Settembru 1973.
Said, Ivan. "Oliver Friggieri t-traduttur", *l-aċċent*, il-Lussemburgu, Ħarġa Nru 8, Novembru 2012.
Sant, Toni. *Remembering Rediffusion in Malta – A History without future?*. Malta: MidSea Books, 2016.
Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies.* Vol. 1 & 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.
Schranz, John J., u Cremona, Vicki Ann. *"Malta – Structure of the National theatre Community – Dramaturgy"*. pp. 586-589. Rubin, Don; Nagy, Peter; Rouyer, Philippe (2001). F'*The World Encyclopedia of Contemporary Theatre: Europe*. Taylor & Francis, 2016.
Serracino, Carmel. "The first performance of a Greek play in the Island's History: classical drama in Malta in the late 1940s", F'*Melita Classica – Journal of the Malta Classics Association*, Vol. 3, 2016.
Serracino, Carmel. "The Gateway to Honour – A History of Classics at the University of Malta from 1800 to 1979." Teżi tal-PhD, l-Università ta' Malta, 2018.
Serracino, Carmel. *Dwar l-Arti tal-Poeżija – Traduzzjoni għall-Malti ta' Ars Poetica b'introduzzjoni u noti.* San Ġwann: BDL u l-*Malta Classics Association*, 2012.
Special Correspondent, "August for the Grecians". *The Times of Malta*, 3 ta' Awwissu 1968.
Thoughtful. "Language for a Greek Play". *The Sunday Times of Malta*, 9 ta' Settembru 1973.
Vassallo, Clare u Said, Ivan. "Shakespeare bil-Malti." *l-aċċent*. il-Lussemburgu, Ħarġa Nru 15, Jannar 2017.
Xuereb, Paul. "Maltese Productions of Classical Theatre in the Post-WWII Period". F'*Melita Classica – Journal of the Malta Classics Association*, Vol. 5, 2018.
Xuereb, Paul. *Curtain Up – Theatre in Malta (1963-2015)*. editjat minn Marco Galea. Malta: Midsea Books. 2017.
Xuereb, Paul. "Bawdy and rumbustious". *The Sunday Times of Malta*, 8 ta' Awwissu 2004.
Xuereb, Paul. "Fitting the modern age to the classic Greek form". *The Times Weekender*, 10 ta' Mejju 2008.
Xuereb, Paul. "Lampuki to the General". *The Sunday Times of Malta*, 23 ta' Lulju 1995.
Xuereb, Paul. "What's Hecuba to him?". *The Sunday Times of Malta*, 15 ta' Lulju 2001.

*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Min aħna, u x'nagħmlu?

F'din il-paġna ġdida se nibdew nagħtu ħarsa lejn il-proġetti li jkun hemm għaddejjin fid-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, u t-tradutturi involuti fihom. Xogħolna ma jikkonsistix biss fit-traduzzjoni, iżda jeżistu bosta kompiti oħra 'orizzontali' li dejjem ikollhom l-iskop li nipproduċu traduzzjonijiet tal-aħjar kwalità. Nibdew din is-sensiela b'ħarsa lejn il-proġett tal-esternalizzazzjoni tat-traduzzjonijiet. Inkarigati minn dan il-kompitu: Daisy Decelis u Elaine Borg (ritratt).

L-esternalizzazzjoni tat-traduzzjonijiet hija riżorsa importanti għax-xogħol tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠT). Id-dipartimenti tal-lingwa jidentifikaw u jħejju d-dokumenti li jixtiequ li jkunu tradotti mill-imsieħba esterni varji li għandu d-DGT. Xogħol il-korrispondenti hu li jaraw li l-proċess tat-traduzzjoni esterna jimxi bl-inqas intoppi possibbli. Matul l-aħħar snin ix-xogħol tal-korrispondenti għat-traduzzjoni esterna żdied hekk kif l-ammont ta' xogħol esternalizzat żdied u min-naħa tad-Dipartiment tal-Malti qed tkompli ssir enfasi biex narmonizzaw kemm nistgħu l-proċeduri interni.



Għal dan il-għan, inħasset il-ħtieġa li l-korrispondenti għat-traduzzjoni esterna jkollhom l-appoġġ ta' żewġ kollegi oħra biex jieħdu ħsieb il-Mailbox Funzjonali f'każ ta' assenza min-naħa tagħhom. Il-korrispondenti tad-dipartimenti tal-Malti, appoġġati miż-żewġ kollegi l-oħra, jaġixxu bħala punt ta' kuntatt kemm internament ma' kollegi oħra tad-dipartiment tal-Malti kif ukoll ma' unitajiet u dipartimenti oħra fi ħdan DĠT bħall-Unità għat-Traduzzjonijiet Esterni magħrufa bħala S.2 u mat-tradutturi esterni meta dawn ikunu jenħtieġu xi kjarifika rigward ix-xogħol assenjat lilhom jew xi kummenti li jkunu saru waqt l-evalwazzjoni ta' xogħolhom mill-evalwaturi tad-Dipartiment tal-Malti. Fejn meħtieġ huma jipprovdu input dwar rapporti, sejħiet għall-offerti maħruġa ċentralment u fil-livell tad-Dipartiment. Jieħdu wkoll ħsieb jaraw jekk ikunx meħtieġ li d-dokumenti li jkunu se joħorġu għat-traduzzjoni esterna jeħtiġux preproċessar min-naħa tas-segretarjat jew le.

Il-korrispondenti jieħdu ħsieb ukoll li t-tradutturi esterni jkollhom riżorsi aġġornati disponibbli kemm permezz tas-sit dedikat għalihom kif ukoll, fejn meħtieġ, permezz ta' emails u anki xi drabi permezz ta' taħriġ li jkun organizzat Malta jew anki bl-użu ta' webstreaming. Internament il-korrispondenti jaħdmu flimkien mal-Grupp tal-Kwalità, mal-Grupp Lingwistiku u mas-segretarjat biex jarmonizzaw u jissimplifikaw kemm jistgħu l-proċess intern u l-evalwazzjonijiet.

# Xi ħdimna fuqu dan l-aħħar

*Paġna miġbura mill-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta*

Mark Vella

Minkejja li l-Uffiċjal tal-Lingwa huwa traduttur ukoll (x'aktarx l-ewwel u qabel kollox), in-natura tal-ħidma partikolari tiegħu tinvolvi bosta ħwejjeġ li jmorru lil hinn mill-fluss tax-xogħol standard ta' traduttur normali. Sikwit, l-għarfien u l-ħiliet lingwistiċi tiegħu jintużaw għar-reviżjoni, l-editjar u l-lokalizzazzjoni: tliet kompiti li huma bħallikieku l-aħħar stadju qabel ma t-test jitwassal lill-qarrej finali. Fl-Uffiċċju tar-Rappreżentanza li għandna l-Belt Valletta, isir ħafna xogħol bejn id-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni u dak tal-Komunikazzjoni, speċjalment meta jasal il-waqt għal dokumenti politiċi importanti li jkollhom jixxerrdu mal-pubbliku inġenerali fl-24 lingwa uffiċjali. Kull sena, għalhekk, isir dan ix-xogħol ta' finalizzazzjoni fuq id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni li jsir mill-President tal-Kummissjoni. U din is-sena, billi ngħata bidu lil Kummissjoni ġdida, dan ix-xogħol sar ukoll fuq id-diskors tal-President elett Ursula von der Leyen. Xogħol li jsir bi skadenzi stretti ħafna u modifiki li jibqgħu għaddejjin sal-aħħar minuta, fejn ikun hemm komunikazzjoni ġejja u sejra bejn it-tradutturi Maltin, l-Uffiċjal tal-Lingwa f'Malta u l-kollegi tal-Komunikazzjoni fi Brussell, sabiex joħroġ dokument li jkun lingwistikament xieraq u li fl-istess ħin iwassal il-kontenut politiku b'mod ċar.



Il-President elett tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen

Mad-DĠ tal-Komunikazzjoni, hemm ukoll ħidma kontinwa dwar il-kampanji promozzjonali li jxerrdu l-messaġġ tal-Kummissjoni Ewropea u l-programmi tagħha. Bħalissa jkun għaddej xogħol regolari fuq kampanji bħalma huma EU&Me u EU Protects, li juru d-diversi modi kif il-Kummissjoni Ewropea taffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Ħafna minn dan ix-xogħol jinvolvi filmati u midja soċjali, allura l-ħidma lingwistika tieħu xejra oħra, fejn anki tidħol il-verifika tas-sottotitli u ħafna xogħol ta' lokalizzazzjoni li jirrevedi u joftoq l-ewwel traduzzjonijiet sabiex il-lingwaġġ jiġi rfinat b'tali modi li jixraq sew il-mezz sew il-messaġġ.

## Traduzzjoni mod ieħor

Fl-ewwel parti tas-sena, l-Uffiċċju tal-Lingwa organizza Editatona tal-Wikipedia flimkien mal-Wikimedia Community Malta u Spazju Kreattiv, bħala parti mit-Translating Europe Workshops. Hawnhekk sar xogħol ta' kull tip fuq il-kontenut tal-Wikipedija Maltija, anki fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li kienu ġejjin qisu ġimgħa wara. Ingħata kors bażiku tal-editjar tal-Wikipedia u beda x-xogħol: sew ta' editjar, korrezzjoni u aġġornament, sew ta' traduzzjoni mill-ġdid. Fil-Wikipedia bil-Malti, il-ħsad huwa kbir imma l-ħaddiema għadhom ftit, u l-Malti għadu lura fil-konfront ta' lingwi bħalu, bi ftit aktar minn 3,000 artiklu. Madankollu, il-ponn tajjeb nies li ltaqgħu ħadu l-ħiliet neċessarji, u din l-attività nebbħet ukoll ħidma simili mill-HELA (Hub for Excellence in the Literary Arts) li qed iwettqu programm ta' traduzzjoni u editjar tal-paġni tal-Wikipedija marbuta mal-letteratura Maltija.




Is-sessjoni tal-worskhop għall-editjar tal-Wikipedija mogħtija minn Dr Toni Sant, waqt l-editatona fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew 2019.

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*